(2018/C 427/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Safe Skies LLC (rappreżentant: V. Schwepler, Rechtsanwältin)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-4 ta' Ottubru 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) iddikjarat l-appell bħala inammissibbli.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy dla Warszawy Pragi-Południe w Warszawie (il-Polonja) fis-26 ta' Ġunju 2018 – Profi Credit Polska S.A. w Bielsku Białej vs Bogumiła Włostowska, Mariusz Kurpiewski, Kamil Wójcik, Michał Konarzewski, Elżbieta Kondracka-Kłębecka, Monika Karwowska, Stanisław Kowalski, Anna Trusik, Adam Lizoń, Włodzimierz Lisowski

(Kawża C-419/18)

(2018/C 427/04)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Rejonowy dla Warszawy Pragi-Południe w Warszawie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Profi Credit Polska S.A. w Bielsku Białej

Konvenuti: Bogumiła Włostowska, Mariusz Kurpiewski, Kamil Wójcik, Michał Konarzewski, Elżbieta Kondracka-Kłębecka, Monika Karwowska, Stanisław Kowalski, Anna Trusik, Adam Lizoń, Włodzimierz Lisowski

Domandi preliminari

1) L-Artikoli 3(1), 6(1) u 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur ([1]) u d-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE ([2]) inkluż, b'mod partikolari, l-Artikoli 10, 14, 17(1) u 19 tagħha, jipprekludu l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tippermetti li jiġi ggarantit kreditu permezz ta' ċedola in bjank minn kreditur professjonist lil persuna li tissellef li hija konsumatur?

   L-Artikoli 6(1)u 7(1) tad-Direttiva 93/3 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jimponu fuq il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża li hemm riferiment għaliha fl-ewwel domanda l-obbligu li teżamina *ex officio* jekk id-dispożizzjonijiet tal-kuntratt li jikkostitwixxu r-relazzjoni legali fundamentali li hija l-bażi tal-obbligu ta' ċedola ma jinkludux klawżoli kuntrattwali inġusti, anki meta l-bejjiegħ jew fornitur rikorrent jibbaża t-talba tiegħu esklużivament fuq ir-relazzjoni bbażata fuq iċ-ċedola?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.
([2]) ĠU 2008 L 133, p. 66, rettifika fil-ĠU 2009 L 207, p. 14; rettifika fil-ĠU 2010 L 199, p. 40; rettifika fil-ĠU 2011 L 234, p. 46.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fit-2 ta' Lulju 2018 – Consorzio Tutela Aceto Balsamico di Modena vs BALEMA GmbH

(Kawża C-432/18)

(2018/C 427/05)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Consorzio Tutela Aceto Balsamico di Modena

Konvenuta: BALEMA GmbH

Domanda preliminari

Il-protezzjoni tad-denominazjoni globali "Aceto Balsamico di Modena" tkopri l-użu tat-termini individwali mhux ġeografiċi li jikkostitwixxu tali denominazzjoni ("Aceto", "Balsamico", "Aceto Balsamico") ([1])?

([1]) Interpretazzjoni tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 583/2009 tat-3 ta' Lulju 2009 li jintroduċi denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, ĠU 2009 L 175, p. 7.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Okręgowy w Gliwicach (il-Polonja) fit-3 ta' Lulju 2018 – Lebopoll Logistics Sp. z o.o. w Sośnicowicach vs Zakład Ubezpieczeń Społecznych Oddział w Zabrzu

(Kawża C-437/18)

(2018/C 427/06)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Okręgowy w Gliwicach

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Lebopoll Logistics Sp. z o.o. w Sośnicowicach

Konvenuta: Zakład Ubezpieczeń Społecznych Oddział w Zabrzu

Domanda preliminari

Il-kunċett ta' "residenza" li jinsab fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandu jiġi interpretat konformement mal-Artikolu 1(j) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u mal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), jew għandu jitqies li jfisser ukoll residenza temporanja fis-sens tal-Artikolu 1(k) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill?

([1]) Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

([2]) Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU 2009, L 284, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van Cassatie (il-Belġju) fid-19 ta' Lulju 2018 – IN vs Belgische Staat

(Kawża C-469/18)

(2018/C 427/07)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hof van Cassatie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: IN

Konvenut: Belgische Staat

Domanda preliminari

L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'kawżi dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud, huwa prekluż fi kwalunkwe ċirkustanza l-użu ta' prova miksuba bi ksur tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata sanċit fl-Artikolu 7 tal-Karta, jew hija permessa leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-qorti li ser tiddeċiedi jekk din il-prova tistax tintuża bħala bażi għal stima tal-VAT għandha twettaq evalwazzjoni bħal dik deskritta fil-punt 4 ta' din is-sentenza?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van Cassatie (il-Belġju) fid-19 ta' Lulju 2018 – JM vs Belgische Staat

(Kawża C-470/18)

(2018/C 427/08)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hof van Cassatie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: JM

Konvenut: Belgische Staat

Domanda preliminari

L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'kawżi dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud, huwa prekluż fi kwalunkwe ċirkustanza l-użu ta' prova miksuba bi ksur tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata sanċit fl-Artikolu 7 tal-Karta, jew hija permessa leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-qorti li ser tiddeċiedi jekk din il-prova tistax tintuża bħala bażi għal stima tal-VAT għandha twettaq evalwazzjoni bħal dik deskritta fil-punt 4 ta' din is-sentenza?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Baden-Württemberg (il-Ġermanja) fl-20 ta' Lulju 2018 – GP vs Bundesagentur für Arbeit, Familienkasse Baden-Württemberg West

(Kawża C-473/18)

(2018/C 427/09)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Baden-Württemberg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: GP

Konvenut: Bundesagentur für Arbeit, Familienkasse Baden-Württemberg West

Domandi preliminari

1) Liema dispożizzjoni tad-Deċiżjoni Nru H3 tal-15 ta' Ottubru 2009 ([1]), f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, għandha tiġi applikata għall-konverżjoni lejn il-munita li fiha huma ddenominati l-benefiċċji tal-familja relatati mat-tfal fil-forma ta' allowance għal wild dipendenti jew ta' benefiċċju għal wild dipendenti?

2) Kif għandha tiġi interpretata b'mod konkret id-dispożizzjoni applikabbli għad-determinazzjoni tal-ammont ta' suppliment għad-differenza ta' allowances għal wild dipendenti li jiddependi fuq ir-rata tal-kambju?

   a) Jekk japplika l-punt 2 tad-Deċiżjoni Nru H3: fis-sens ta' din id-dispożizzjoni liema hija l-ġurnata "tat-twettiq tal-operazzjoni mill-istituzzjoni"?

   b) Jekk japplika l-punt 3(b) tad-Deċiżjoni Nru H3 (jekk ikun il-każ, flimkien mal-punt 4 ta' din id-deċiżjoni): fis-sens ta' din id-dispożizzjoni liema huwa x-xahar "meta d-dispożizzjoni għandha tiġi applikata"?

   c) Jekk japplika l-punt 5 tad-Deċiżjoni Nru H3: il-klawżola favur il-liġi nazzjonali hija kompatibbli mal-awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 ([2])? Jekk iva: sabiex fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jkun "previst b'mod differenti", hija meħtieġa dispożizzjoni stabbilita formalment bil-liġi jew hija biżżejjed direttiva amministrattiva maħruġa mill-awtorità amministrattiva nazzjonali?

3) Il-konverżjoni tal-munita magħmula mill-fond Ġermaniż għall-allowances tal-familja fir-rigward ta' allowances Svizzeri għal wild dipendenti għandha karatteristiċi partikolari?

   a) Meta d-Deċiżjoni Nru H3 tiġi applikata fir-rigward tal-Isvizzera, huwa rilevanti li d-dritt nazzjonali Ġermaniż jipprevedi l-esklużjoni tal-benefiċċju fil-punt 2 tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 65(1) tal-Einkommensteuergesetz (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul)?

   b) Id-data tal-għoti jew tal-ħlas tal-benefiċċji tal-familja mill-istituzzjoni Svizzera hija importanti għall-konverżjoni tal-munita skont id-Deċiżjoni Nru H3?

   c) Id-data tar-rifjut jew tal-għoti ta' suppliment għad-differenza ta' allowances għal wild dipendenti mill-istituzzjoni Ġermaniża hija importanti għall-konverżjoni tal-munita skont id-Deċiżjoni Nru H3?

([1]) Deċiżjoni Nru H3 tal-15 ta' Ottubru 2009 li tikkonċerna d-data li għandha tiġi kkunsidrata għad-determinazzjoni tar-rati tal-kambju msemmija fl-Artikolu 90 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2010, C 106, p. 56).

([2]) Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU 2009, L 284, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bezirksgericht für Handelssachen Wien (l-Awstrija) fl-20 ta' Lulju 2018 – KL *et* vs UNIQA Österreich Versicherungen *et*

(Kawża C-479/18)

(2018/C 427/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bezirksgericht für Handelssachen Wien

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: KL, LK, MJ, NI

Konvenuti: UNIQA Österreich Versicherungen, DONAU Versicherung AG Vienna Insurance Group, Allianz Elementar Lebensversicherungs-Aktiengesellschaft

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 90/619/KEE ([1]), moqri flimkien mal-Artikolu 31 tad-Direttiva 92/96/KEE ([2]), jew l-Artikolu 35(1) moqri flimkien mal-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2002/83/KE ([3]), jew inkella l-Artikolu 185(1), moqri flimkien mal-Artikolu 186(1) tad-Direttiva 2009/138/KE ([4]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li – fl-assenza ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-effetti ta' informazzjoni żbaljata rigward id-dritt ta' rinunzja qabel il-konklużjoni tal-kuntratt – it-terminu stabbilit għall-eżerċizzju tad-dritt ta' rinunzja ma jibdix jiddekorri jekk il-kumpannija ta' assigurazzjoni ssemmi fl-informazzjoni pprovduta li r-rinunzja għandha tiġi fformulata bil-miktub, minkejja li r-rinunzja ma hija suġġetta għall-ebda forma partikolari taħt id-dritt nazzjonali?

2) (fil-każ li l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv:)

L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 90/619/KEE, moqri flimkien mal-Artikolu 31 tad-Direttiva 92/96/KEE, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li tipprevedi li, fil-każ ta' assenza ta' informazzjoni jew ta' trażmissjoni ta' informazzjoni żbaljata rigward id-dritt ta' rinunzja qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, it-terminu stabbilit għall-eżerċizzju tad-dritt ta' rinunzja jibda jiddekorri mid-data li fiha d-detentur tal-polza jkun ġie informat – indipendentement mill-mod kif – bid-dritt ta' rinunzja tiegħu?

3) L-Artikolu 35(1) moqri flimkien mal-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2002/83/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li – fl-assenza ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-effetti ta' assenza ta' informazzjoni jew ta' informazzjoni żbaljata rigward id-dritt ta' rinunzja qabel il-konklużjoni tal-kuntratt – id-dritt tad-detentur tal-polza li jirrinunzja għall-kuntratt jintemm mhux iktar tard mill-mument wara li l-valur ta' xiri mill-ġdid ikun tħallas lilu minħabba x-xoljiment minnu tal-kuntratt u wara li l-partijiet kontraenti, b'dan il-mod, ikunu wettqu b'mod sħiħ l-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt?

4) (fil-każ li l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv u/jew fil-każ li t-tielet domanda tingħata risposta fin-negattiv:)

L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 90/619/KEE jew l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2002/83/KE, jew inkella l-Artikolu 186(1) tad-Direttiva 2009/138/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li tipprevedi li d-detentur tal-polza għandu jiġi rrimborsat, jekk huwa jeżerċita d-dritt ta' rinunzja tiegħu, il-valur ta' xiri mill-ġdid (jiġifieri l-valur attwali tal-assigurazzjoni, ikkalkolat skont ir-regoli attwarji rrikonoxxuti)?

5) (fil-każ li r-raba' domanda għandha tiġi eżaminata u li din id-domanda tingħata risposta fl-affermattiv:)

L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 90/619/KEE jew l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2002/83/KE, jew inkella l-Artikolu 186(1) tad-Direttiva 2009/138/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li tipprevedi li, fil-każ ta' eżerċizzju tad-dritt ta' rinunzja, id-dritt għall-pagament ta' interessi b'rata fissa fuq il-primjums irrimborsati jista' jiġi limitat, minħabba l-preskrizzjoni, għall-parti relatata mal-perijodu tat-tliet snin li jippreċedu l-preżentata tar-rikors?

([1]) Tieni Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE tat-8 ta' Novembru 1990 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardaw l-assigurazzjoni diretta fuq il-ħajja u li tistipula d-dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, u li temenda d-Direttiva 79/267/KEE, ĠU 1990, L 330, p. 50.

([2]) Direttiva tal-Kunsill 92/96/KEE tal-10 ta' Novembru 1992 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardaw l-assigurazzjoni diretta fuq il-ħajja u li temenda d-Direttivi 79/267/KEE u 90/619/KEE ("it-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja"), ĠU 1992, L 360, p. 1.

([3]) Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li tikkonċerna l-assigurazzjoni fuq il-ħajja, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 6, p. 3.

([4]) Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II), ĠU 2009, L 335, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Okręgowy w Opolu (il-Polonja) fl-24 ta' Lulju 2018 – Profi Credit Polska S.A. bis-sede f'Bielsko-Biała vs OH

(Kawża C-483/18)

(2018/C 427/11)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Okręgowy w Opolu

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Profi Credit Polska S.A. bis-sede f'Bielsko-Biała

Konvenut: OH

Domanda preliminari

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) u (2), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) kif ukoll id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE ([2]), b'mod partikolari l-Artikolu 22(3), għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu interpretazzjoni tal-Artikolu 10, moqri flimkien mal-Artikolu 17 tal-ustawa z dnia 28 kwietnia 1936 r. prawo wekslowe (il-Liġi Pollakka tat-28 ta' April 1936 dwar iċ-Ċedoli, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar iċ-Ċedoli"), li tipprovdi li qorti ma tistax taġixxi *ex officio* f'sitwazzjoni fejn hija konvinta b'mod sod u fondat, abbażi ta' materji li ma joriġinawx mill-partijiet fit-tilwima, li l-kuntratt li fuqu hija bbażata r-relazzjoni legali bażika huwa tal-inqas parzjalment invalidu, u r-rikorrent jibbaża t-talba tiegħu fuq ċedola in bjank prodotta, filwaqt li l-konvenut ma jqajjem ebda oġġezzjoni u ma jiħux azzjoni?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.
([2]) ĠU 2008, L 133, p. 66, rettifika fil-ĠU 2009 L 207, p. 14; rettifika fil-ĠU 2010 L 199, p. 40; rettifika fil-ĠU 2011 L 234, p. 46.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Najwyższy (il-Polonja) fid-9 ta' Settembru 2018 – DŚ vs Zakład Ubezpieczeń Społecznych Oddział w Jaśle

(Kawża C-522/18)

(2018/C 427/12)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Najwyższy

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: DŚ

Konvenut: Zakład Ubezpieczeń Społecznych Oddział w Jaśle

Domandi preliminari

1) Id-dispożizzjonijiet magħquda tat-tieni sentenza tal-Artikolu 19(1) TUE, tat-tielet sentenza tal-Artikolu 4(3) TUE u tal-Artikolu 2 TUE, kif ukoll tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-prinċipju tal-irremovibbiltà tal-imħallfin, li huwa element tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tal-prinċipju tal-Istat tad-dritt, huwa miksur meta l-leġiżlatur nazzjonali jnaqqas l-età tal-bidu tal-irtirar (iktar 'il quddiem l-"età tal-irtirar") tal-imħallfin tal-qorti tal-aħħar istanza ta' Stat Membru (pereżempju minn 70 sa 65 sena) u li l-età inferjuri ġdida tal-irtirar hija applikata għall-imħallfin fis-servizz, mingħajr ma d-deċiżjoni li jittieħed vantaġġ mill-età tal-irtirar inferjuri titħalla unikament għad-diskrezzjoni tal-imħallef ikkonċernat?

2) Id-dispożizzjonijiet magħquda tat-tieni sentenza tal-Artikolu 19(1) TUE, tat-tielet sentenza tal-Artikolu 4(3) TUE u tal-Artikolu 2 TUE, kif ukoll tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-prinċipju tal-Istat tad-dritt u l-livell ta' indipendenza neċessarju għall-garanzija ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva fil-kawżi li jimplikaw id-dritt tal-Unjoni huma miksura, meta l-leġiżlatur nazzjonali, bi ksur tal-prinċipju tal-irremovibbiltà tal-imħallfin, inaqqas minn 70 sa 65 sena l-età normali li fiha mħallef tal-qorti tal-aħħar istanza ta' Stat Membru jista' jokkupa pożizzjoni ta' mħallef, billi jissuġġetta l-possibbiltà taż-żamma tiegħu għal tali pożizzjoni għall-kunsens diskrezzjonali ta' korp eżekuttiv?

3) Id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 2, u tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li jikkostitwixxu diskriminazzjoni minħabba l-età t-tnaqqis tal-età tal-irtirar tal-imħallfin fis-servizz tal-qorti tal-aħħar istanza ta' Stat Membru u l-issuġġettar għall-kunsens ta' korp eżekuttiv tal-possibbiltà taż-żamma ta' pożizzjoni ta' mħallef fis-servizz ta' din il-qorti li jkun laħaq l-età inferjuri ġdida tal-irtirar?

4) Id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 2, 9 u 11 tad-Direttiva 2000/78 kif ukoll tal-Artikoli 21 u 47 tal-Karta għandhom jiġu interpretati fis-sens li fil-preżenza ta' diskriminazzjoni minħabba l-età eżerċitata kontra mħallfin tal-qorti tal-aħħar istanza ta' Stat Membru, minħabba t-tnaqqis tal-età tal-irtirar tagħhom li preċedentement kienet 70 sena u issa saret 65 sena, din il-qorti, meta tiddeċiedi dwar kwalunkwe kawża f'kompożizzjoni bil-parteċipazzjoni ta' mħallef ikkonċernat mill-konsegwenzi ta' dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali diskriminatorji u li ma jkunx esprima x-xewqa li jieħu vantaġġ minn din l-eta tal-irtirar ġdida, hija obbligata, sabiex tagħti deċiżjoni dwar il-kwistjoni preliminari dwar il-kulleġġ ġudikanti, li tirrifjuta l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li ma humiex konformi mad-Direttiva 2000/78 u mal-Artikolu 21 tal-Karta u li tkompli taġġudika bil-parteċipazzjoni ta' dan l-imħallef, meta dan il-pass huwa l-unika possibbiltà effettiva li tiġi żgurata l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-imħallef jislet mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni?

5) Id-dispożizzjonijiet magħquda tat-tieni sentenza tal-Artikolu 19(1), tat-tielet sentenza tal-Artikolu 4(3) u tal-Artikolu 2 TUE kif ukoll tal-Artikolu 267 TFUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Istat tad-dritt għandu jitqies bħala valur fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'tali mod li fil-każ ta' dubju dwar il-konformità ma' dan il-valur u mal-prinċipju korrelattiv ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva – fir-rigward tal-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin tagħhom fis-servizz – ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jnaqqsu l-età tal-irtirar tal-imħallfin skont il-modalitajiet deskritti fl-ewwel żewġ domandi, il-qorti nazzjonali għandu jkollha s-setgħa li tissospendi *ex officio* l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jiksru l-prinċipju ta' irremovibbiltà tal-imħallfin, fir-rigward tal-imħallfin kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fl-14 ta' Awwissu 2018 – GN, irrappreżentata mill-missier HM vs ZU, bħala likwidatur fil-falliment ta' Niki Luftfahrt GmbH

(Kawża C-532/18)

(2018/C 427/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: GN, irrappreżentata mill-missier HM

Konvenut: ZU, inkwantu likwidatur fil-falliment ta' Niki Luftfahrt GmbH

Domanda preliminari

Ikun hemm "inċident" li għalih huwa responsabbli t-trasportatur bl-ajru fis-sens tal-Artikolu 17(1) tal-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru, konkluża f'Montréal fit-28 ta' Mejju 1999, iffirmata mill-Komunità Ewropea fid-9 ta' Diċembru 1999 abbażi tal-Artikolu 300(2) KE, u approvata f'isem din tal-aħħar permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/539/KE (1) tal-5 ta' April 2001 (il-Konvenzjoni ta' Montréal) meta kikkra ta' kafè jaħraq, imqieġħda fuq il-mejda li tingħalaq ta' sît ta' ajruplan fl-ajru, tiżloq għal raġuni mhux magħrufa, tinqaleb u b'hekk tikkawża smit lil passiġġier?

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2001 dwar il-konklużjoni tal-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjoni bl-Ajru (il-Konvenzjoni ta' Montreal), ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 491.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja) fis-16 ta' Awwissu 2018 – IL *et* vs Land Nordrhein-Westfalen

(Kawża C-535/18)

(2018/C 427/14)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesverwaltungsgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: IL, JK, KJ, LI, NG, MH, OF, PE, werrieta konġunti ta' QD (RC u SB), TA, UZ, VY, WX

Konvenut: Land Nordrhein-Westfalen

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 11(1)(b) tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent ([1]) – iktar 'il quddiem id-Direttiva SEA – għandu jiġi interpretat fis-sens li hija kompatibbli ma' dan l-artikolu dispożizzjoni nazzjonali li permezz tagħha rikorrent li ma għandux l-istatus ta' assoċjazzjoni ambjentali awtorizzata huwa biss intitolat jitlob l-annullament ta' deċiżjoni minħabba difett proċedurali meta l-imsemmi difett ikun ċaħħad lil dan l-istess rikorrent mid-dritt – previst mil-liġi – li jipparteċipa fil-proċess deċiżjonali?

2) a) L-Artikolu 4(1)(a)(i) sa (iii) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li jistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma ([2]), kif emendat l-aħħar permezz tal-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/101/UE tat-30 ta' Ottubru 2014 ([3]) – iktar 'il quddiem id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (DQI) – għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi mhux biss kriterji ta' monitoraġġ skont id-dritt sostantiv iżda wkoll, barra minn hekk, rekwiżiti li jikkonċernaw il-proċedura ta' awtorizzazzjoni amministrattiva?

b) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-punt (a):

Il-parteċipazzjoni tal-pubbliku msemmija fl-Artikolu 6 tad-Direttiva SEA għandha dejjem tirrigwarda d-dokumenti relatati mal-monitoraġġ iċċitat iktar 'il fuq imwettaq taħt il-leġiżlazzjoni dwar l-ilma jew huwa permess li ssir distinzjoni skont id-data tal-ħolqien tad-dokument u skont il-kumplessità tiegħu?

3) Il-kunċett ta' deterjorazzjoni tal-istat ta' korp tal-ilma taħt l-art, imsemmi fl-Artikolu 4(1)(b)(i) tad-DQI, għandu jiġi interpretat fis-sens li hemm deterjorazzjoni tal-istat kimiku ta' korp tal-ilma taħt l-art meta jkun inqabeż minn tal-inqas standard ta' kwalità ambjentali wieħed għal parametru wieħed minħabba l-proġett u – irrispettivament minn dan – ladarba l-valur tal-limitu stabbilit għal kontaminant ikun diġà inqabeż, kwalunkwe żieda ulterjuri (li tista' titkejjel) tal-konċentrazzjoni tikkostitwixxi deterjorazzjoni?

4) a) L-Artikolu 4 tad-DQI – fid-dawl tal-effett vinkolanti tiegħu (Artikolu 288 TFUE) u tal-garanzija ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva (Artikolu 19 TUE) – għandu jiġi interpretat fis-sens li l-membri kollha tal-pubbliku kkonċernat minn proġett, li jsostnu li l-awtorizzazzjoni tal-proġett tikser id-drittijiet tagħhom, għandhom *locus standi in judicio, inter alia*, għall-ksur tal-projbizzjoni ta' deterjorazzjoni u tal-obbligu ta' titjib imposti mil-leġiżlazzjoni dwar l-ilma?

b) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-punt (a):

L-Artikolu 4 tad-DQI – fid-dawl tal-għan tiegħu – għandu jiġi interpretat fis-sens li mill-inqas ir-rikorrenti, għall-finijiet tal-provvista individwali tagħhom ta' ilma minn bjar domestiċi li jinsabu ħdejn ir-rotta proposta tat-triq, għandhom *locus standi in judicio* fir-rigward tal-ksur tal-projbizzjoni tad-deterjorazzjoni u tal-obbligu ta' titjib imposti mil-leġiżlazzjoni dwar l-ilma?

([1]) ĠU 2012, L 26, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 174, p. 44.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275.
([3]) ĠU 2014, L 311, p. 32.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja) fis-16 ta' Awwissu 2018 – XW vs Landesamt für Verbraucherschutz

(Kawża C-536/18)

(2018/C 427/15)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesverwaltungsgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: XW

Konvenut: Landesamt für Verbraucherschutz

Domanda preliminari

Fir-rigward tat-tariffi miġbura skont l-Artikolu 27(2) u (4), moqri flimkien mal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 ([1]), jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni partijiet mill-ispejjeż marbuta mas-salarji tal-persunal inkarigat bl-amministrazzjoni tal-kontrolli uffiċjali u bil-ġbir ta' tariffi fuq il-bażi ta' dawn il-kontrolli?

([1]) Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-welfare ta' l-annimali, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 45, p. 200.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Najwyższy (il-Polonja) fis-17 ta' Awwissu 2018 – YV

(Kawża C-537/18)

(2018/C 427/16)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Najwyższy

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: YV

Konvenuta: Krajowa Rada Sądownictwa

Domanda preliminari

L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali moqri flimkien mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ li quddiem qorti tal-aħħar istanza ta' Stat Membru jiġi ppreżentat appell fejn jiġi allegat ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età fir-rigward ta' Imħallef ta' dik il-qorti u fejn, fl-istess ħin, tintalab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, dik il-qorti – sabiex id-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt Ewropew jiġu ssalvagwardjati permezz ta' miżura għal protezzjoni legali provvisorja skont id-dritt nazzjonali – hija obbligata ma tapplikax id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonferixxu ġurisdizzjoni fil-kawża, li fiha jkun ġie ppreżentat l-appell, lil awla ta' dik il-qorti li ma tkunx tista' tiffunzjona minħabba li l-imħallfin inkwistjoni ma nħatrux?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79.

Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla għall-eżami mill-ġdid) tas-17 ta' Settembru 2018 li tiġi eżaminata mill-ġdid is-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Awla tal-Appell) mogħtija fid-19 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-646/16 P, Simpson vs Il-Kunsill

(Kawża C-542/18 RX)

(2018/C 427/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali

Rikorrent: Erik Simpson (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Kwistjonijiet li għandhom ikunu s-suġġett tal-eżami mill-ġdid

Il-kwistjoni dwar jekk, b'mod partikolari fid-dawl tal-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-19 ta' Lulju 2018, Simpson vs Il-Kunsill, tippreġudikax l-unità jew il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni sa fejn l-imsemmija Qorti Ġenerali, fil-kapaċità tagħha bħala qorti ta' appell, iddeċidiet li l-kulleġġ ġudikanti li ta d-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea tal-24 ta' Ġunju 2016, Simpson vs Il-Kunsill, kien kompost b'mod irregolari minħabba irregolarità li kienet taffettwa l-proċedura ta' ħatra ta' wieħed mill-Membri ta' dan il-kulleġġ, li kkawżat ksur tal-prinċipju ta' qorti legali stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kwistjoni dwar jekk, bħal fil-każ tal-atti msemmija fl-Artikolu 277 TFUE, il-ħatra ta' Mħallef tistax tkun suġġetta għal stħarriġ tal-legalità inċidentali jew jekk tali stħarriġ tal-legalità inċidentali huwiex – bħala prinċipju jew wara d-dekorriment ta' ċertu perijodu ta' żmien – eskluż jew limitat għal ċerti tipi ta' irregolaritajiet sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà ġuridika u l-awtorità ta' *res judicata*.

Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla għall-eżami mill-ġdid) tas-17 ta' Settembru 2018 li tiġi eżaminata mill-ġdid is-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Awla tal-Appell) mogħtija fid-19 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-693/16 P, HG vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-543/18 RX)

(2018/C 427/18)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali

Rikorrent: HG (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Kwistjonijiet li għandhom ikunu s-suġġett tal-eżami mill-ġdid

L-eżami mill-ġdid għandu jitratta l-kwistjoni dwar jekk, b'mod partikolari fid-dawl tal-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-19 ta' Lulju 2018, HG vs Il-Kummissjoni (T-693/16 P, mhux ippubblikata, EU:T:2018:492), tippreġudikax l-unità jew il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni sa fejn l-imsemmija Qorti Ġenerali, fil-kapaċità tagħha bħala qorti ta' appell, iddeċidiet li l-kulleġġ ġudikanti li ta s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea tad-19 ta' Lulju 2016, HG vs Il-Kummissjoni (F-149/15, EU:F:2016:155), kien kompost b'mod irregolari minħabba irregolarità li kienet taffettwa l-proċedura ta' ħatra ta' wieħed mill-Membri ta' dan il-kulleġġ, li kkawżat ksur tal-prinċipju ta' qorti legali stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

L-eżami mill-ġdid għandu jirrigwarda b'mod partikolari l-punt dwar jekk, bħal fil-każ tal-atti msemmija fl-Artikolu 277 TFUE, il-ħatra ta' Mħallef tistax tkun suġġetta għal stħarriġ tal-legalità inċidentali jew jekk tali stħarriġ tal-legalità inċidentali huwiex – bħala prinċipju jew wara d-dekorriment ta' ċertu perijodu ta' żmien – eskluż jew limitat għal ċerti tipi ta' irregolaritajiet sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà ġuridika u l-awtorità ta' *res judicata*.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (l-Awstrija) fit-23 ta' Awwissu 2018 – FN *et*

(Kawża C-546/18)

(2018/C 427/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesverwaltungsgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: FN, GM, Adler Real Estate AG, HL, Petrus Advisers LLP

Konvenuta: Übernahmekommission

Domandi preliminari

1) L-Artikoli 4 u 17 tad-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri ([1]), moqrija flimkien mal-prinċipju ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni, jipprekludu interpretazzjoni li permezz tagħha deċiżjoni definittiva tal-awtorità superviżorja msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/25/KE, li tikkonstata ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern li jittrasponu din id-direttiva mwettaq minn persuna, ma jkollha ebda natura vinkolanti fil-kuntest ta' proċedura ta' sanzjoni amministrattiva li tkun tmexxiet sussegwentement minn din l-awtorità superviżorja kontra din l-istess persuna, b'mod li din tal-aħħar tkun tista' mill-ġdid tinvoka l-motivi u l-provi kollha sabiex tikkontesta, fil-fatt u fid-dritt, il-ksur diġà kkonstatat preċedentement minn din id-deċiżjoni definittiva?

2) L-Artikoli 4 u 17 tad-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni, jipprekludu interpretazzjoni li permezz tagħha deċiżjoni definittiva tal-awtorità superviżorja msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/25/KE, li tikkonstata ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern li jittrasponu din id-direttiva mwettaq minn persuna ġuridika, ma jkollha ebda natura vinkolanti fil-kuntest ta' proċedura ta' sanzjoni amministrattiva li tkun tmexxiet sussegwentement minn din l-awtorità superviżorja kontra l-korp awtorizzat li jirrappreżenta din il-persuna ġuridika, b'mod li l-imsemmija persuna (il-korp) tkun tista' mill-ġdid tinvoka l-motivi u l-provi kollha sabiex tikkontesta, fil-fatt u fid-dritt, il-ksur diġà kkonstatat preċedentement minn din id-deċiżjoni definittiva?

3) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:

L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprekludi li prattika nazzjonali li tipprovdi li n-natura vinkolanti hija rrikonoxxuta lil deċiżjoni definittiva tal-awtorità superviżorja msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/25/KE li tikkonstata ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern li jittrasponu din id-direttiva mwettaq minn persuna fil-kuntest ta' proċedura ta' sanzjoni amministrattiva li tkun tmexxiet sussegwentement minn din l-awtorità superviżorja kontriha, b'mod li hija ma tistax tikkontesta, fil-fatt jew fid-dritt, il-ksur ikkonstatat preċedentement b'mod definittiv?

4) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għat-tieni domanda:

L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprekludi li prattika nazzjonali li tipprovdi li n-natura vinkolanti hija rrikonoxxuta lil deċiżjoni definittiva tal-awtorità superviżorja msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/25/KE li tikkonstata ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern li jittrasponu din id-direttiva mwettaq minn persuna ġuridika, fil-kuntest ta' proċedura ta' sanzjoni amministrattiva li tmexxiet sussegwentement minn din l-awtorità superviżorja kontra l-korp rappreżentattiv ta' din il-persuna ġuridika, b'mod li hija (il-korp) ma tistax tikkontesta, fil-fatt jew fid-dritt, il-ksur ikkonstatat preċedentement b'mod definittiv?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 20.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski rayonen sad (il-Bulgarija) fit-30 ta' Awwissu 2018 – K.H.K. vs B.A.C., E.E.K.

(Kawża C-555/18)

(2018/C 427/20)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Sofiyski rayonen sad

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: K.H.K.

Konvenuti: B.A.C., E.E.K.

Domandi preliminari

1. Ordni għall-eżekuzzjoni ta' obbligu monetarju prevista fl-Artikolu 410 tal-Grazhdanski protsesualen kodeks (il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili; iktar 'il quddiem il-"GPK"), li ma tkunx għadha daħlet fis-seħħ, tikkostitwixxi strument awtentiku fis-sens tal-punt 10 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 (1)?

2. Fil-każ li l-ordni prevista fl-Artikolu 410 tal-GPK ma tikkostitwixxix strument awtentiku, għandhom jinfetħu proċeduri separati fir-rigward tat-talba, li jkunu differenti mill-proċeduri taħt l-Artikolu 410 tal-GPK, fis-sens tal-Artikolu 5(a) tar-Regolament Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014?

3. Fil-każ li l-ordni prevista fl-Artikolu 410 tal-GPK tikkostitwixxi strument awtentiku, il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fit-terminu previst fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014, f'sitwazzjoni fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi li t-termini ma jiddekorrux matul il-perijodi ta' vaganzi ġuridiċi?

(1) Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 2014, L 189, p. 59).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fis-7 ta' Settembru 2018 – Coty Germany GmbH vs Amazon Services Europe Sàrl *et*

(Kawża C-567/18)

(2018/C 427/21)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Coty Germany GmbH

Konvenuti: Amazon Services Europe Sàrl, Amazon FC Graben GmbH, Amazon Europe Core Sàrl, Amazon EU Sàrl

Domanda preliminari

Persuna li, għan-nom ta' terz taħżen prodotti li jiksru dritt ta' trade mark mingħajr ma jkollha għarfien ta' dan il-ksur, iżżomm dawn il-prodotti sabiex toffrihom jew tqegħidhom fis-suq jekk ma tkunx hija stess iżda t-terz li, waħdu, jintendi joffri dawn il-prodotti jew iqegħidhom fis-suq ([1])?

([1]) Interpretazzjoni tal-Artikolu 9(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1), kif ukoll tal-Artikolu 9(3)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fit-13 ta' Settembru 2018 – C GmbH & Co. KG vs Finanzamt Z

(Kawża C-573/18)

(2018/C 427/22)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: C GmbH & Co. KG

Konvenut: Finanzamt Z

Domandi preliminari

1) F'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, fejn organizzazzjoni ta' produtturi skont l-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex (Regolament Nru 2200/96) ([1]) tipprovdi beni lill-produtturi li huma membri tagħha u tirċievi ħlas mill-produtturi li ma jkoprix il-prezz tax-xiri,

   a) għandha tiġi preżunta l-eżistenza ta' skambju ta' flus minħabba li, bħala korrispettiv tat-tranżazzjoni, il-produtturi impenjaw ruħhom kuntrattwalment li jipprovdu lill-organizzazzjoni ta' produtturi frott u ħxejjex għat-tul tal-perijodu ta' assenjazzjoni, b'mod li l-ammont taxxabbli tat-tranżazzjoni jkun dak tal-prezz tax-xiri imħallas mill-organizzazzjoni ta' produtturi lill-forniturі fi stadji li jipprećedu l-investimenti?

   b) l-ammont attwalment imħallas mill-fond operattiv lill-organizzazzjoni ta' produtturi għat-tranżazzjoni inkwistjoni huwa kollu kemm hu "[sussidju marbut] direttament mal-prezz tat-tali provvisti" fis-sens tal-Artikolu 11A(1)(a) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ (Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE) ([2]), b'mod li l-ammont taxxabbli jinkludi wkoll għajnuna finanzjarja skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96, li ngħatat lill-fond operattiv taħt programm operattiv?

2) Fil-każ li, abbażi tar-risposta għall-ewwel domanda, l-ammont taxxabbli jkun jinkludi biss il-ħlasijiet magħmula mill-produtturi iżda mhux l-obbligu tal-kunsinna u l-għajnuna finanzjarja: fiċ-ċirkustanzi msemmija fl-ewwel domanda, l-Artikolu 11A(1)(a) tad-Direttiva 77/388/KEE jipprekludi miżura nazzjonali speċifika bbażata fuq l-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 77/388/KEE, bħall-Artikolu 10(5)(1) tal-Umsatzsteuergesetz, li tgħid li l-ammont taxxabbli tat-tranżazzjoni huwa l-prezz tax-xiri għall-investimenti mħallas lill-forniturі fi stadji preċedenti, minħabba li l-produtturi huma partijiet relatati?

3) Fil-każ ta' risposta negattiva għat-tieni domanda: dan japplika wkoll jekk il-produtturi għandhom dritt għal tnaqqis sħiħ tat-taxxa tal-input peress li l-investimenti huma suġġetti għall-aġġustament tat-tnaqqis tat-taxxa tal-input (Artikolu 20 tad-Direttiva 77/388/KEE)?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 20, p. 55.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fit-13 ta' Settembru 2018 – C-eG vs Finanzamt Z

(Kawża C-574/18)

(2018/C 427/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: C-eG

Konvenut: Finanzamt Z

Domandi preliminari

1) F'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, fejn organizzazzjoni ta' produtturi skont l-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex (Regolament Nru 2200/96) (1) tipprovdi beni lill-produtturi li huma membri tagħha u tirċievi ħlas mill-produtturi li ma jkoprix il-prezz tax-xiri,

   a) għandha tiġi preżunta l-eżistenza ta' skambju ta' flus minħabba li, bħala korrispettiv tat-tranżazzjoni, il-produtturi impenjaw ruħhom kuntrattwalment li jipprovdu lill-organizzazzjoni ta' produtturi bi frott u ħxejjex għat-tul tal-perijodu ta' assenjazzjoni, b'mod li l-ammont taxxabbli tat-tranżazzjoni jkun dak tal-prezz tax-xiri imħallas mill-organizzazzjoni ta' produtturi lill-forniturі fi stadji li jipprećedu l-investimenti?

   b) l-ammont attwalment imħallas mill-fond operattiv lill-organizzazzjoni ta' produtturi għat-tranżazzjoni inkwistjoni huwa kollu kemm hu "[sussidju marbut] direttament mal-prezz tat-tali provvisti" fis-sens tal-Artikolu 11A(1)(a) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ (Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE) (2), sabiex l-ammont taxxabbli jinkludi wkoll għajnuna finanzjarja skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96, li ngħata lill-fond operattiv mill-awtoritajiet kompetenti taħt programm operattiv?

2) Fil-każ li, abbażi tar-risposta għall-ewwel domanda, l-ammont taxxabbli jkun jinkludi biss il-ħlasijiet magħmula mill-produtturi iżda mhux l-obbligu tal-kunsinna u l-għajnuna finanzjarja: fiċ-ċirkustanzi msemmija fl-ewwel domanda, l-Artikolu 11A(1)(a) tad-Direttiva 77/388/KEE jipprekludi miżura nazzjonali speċifika bbażata fuq l-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 77/388/KEE, bħall-Artikolu 10(5)(1) tal-Umsatzsteuergesetz, li tgħid li l-ammont taxxabbli tat-tranżazzjoni huwa l-prezz tax-xiri għall-investimenti mħallas lill-forniturі fi stadji preċedenti, minħabba li l-produtturi huma partijiet relatati?

3) Fil-każ ta' risposta negattiva għat-tieni domanda: dan japplika wkoll jekk il-produtturi għandhom dritt għal tnaqqis shiħ tat-taxxa tal-input peress li l-investimenti huma suġġetti għall-aġġustament tat-tnaqqis tat-taxxa tal-input (Artikolu 20 tad-Direttiva 77/388/KEE)?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 20, p. 55.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-korkein hallinto-oikeus (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Finlandja) fl-14 ta' Settembru 2018 – Energiavirasto

(Kawża C-578/18)

(2018/C 427/24)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Qorti tar-rinviju

Korkein hallinto-oikeus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Energiavirasto

Partijiet oħra: A, Caruna Oy

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 37 tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (1) għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li hija klijent konsumatur ta' impriża li topera netwerk u li adixxiet l-awtorità nazzjonali regolatorja b'ilment kontra l-imsemmija impriża għandha tiġi kklassifikata, fis-sens tal-paragrafu 17 tal-imsemmi artikolu, bħala "entità affettwata" minn deċiżjoni tal-imsemmija awtorità u li konsegwentement għandha d-dritt tappella quddiem qorti nazzjonali minn deċiżjoni ta' din l-istess awtorità li taffettwa lil din l-istess impriża?

2) Jekk il-persuna msemmija fl-ewwel domanda ma għandhiex tiġi kklassifikata bħala "entità affettwata" fis-sens tal-Artikolu 37 tad-Direttiva 2009/72, id-dritt tal-Unjoni jagħti lil klijent konsumatur li għandu l-istatus bħal dak tal-appellant fil-kawża prinċipali, abbażi ta' bażi legali oħra, id-dritt li jipparteċipa, quddiem l-awtorità regolatorja, fit-trattament ta' talba għal intervent jew id-dritt li jadixxi qorti nazzjonali b'din il-kawża, jew din il-kwistjoni tibqa' rregolata mid-dritt nazzjonali?

(1) ĠU 2009, L 211, p. 55.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-cour d'appel de Liège (il-Belġju) fis-17 ta' Settembru 2018 – Ministère public, Ministre des Finances du Royaume de Belgique vs QC, Comida paralela 12

(Kawża C-579/18)

(2018/C 427/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour d'appel de Liège

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Ministère public, Ministre des Finances du Royaume de Belgique

Konvenuti: QC, Comida paralela 12

Domanda preliminari

L-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]) jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik implimentata mill-Artikolu 266 tal-loi générale du 18 juillet 1977 sur les douanes et accises (il-Liġi Ġenerali tat-18 ta' Lulju 1997 dwar id-dwana u d-dazji tas-sisa), milli, fil-każ ta' introduzzjoni illegali fit-territorju doganali tal-Unjoni ta' merkanzija suġġetta għal dazji fuq l-importazzjoni, tagħmel il-persuna responsabbli ċivilment għall-awtur ta' tali ksur, f'liema ksur il-persuna responsabbli ċivilment ma ppartecipatx, kodebitur *in solidum* għad-dejn doganali?

([1]) ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90 u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Frankfurt am Main (il-Ġermanja) fid-19 ta' Settembru 2018 – RB vs TÜV Rheinland LGA Products GmbH *et*

(Kawża C-581/18)

(2018/C 427/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberlandesgericht Frankfurt am Main

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: RB

Konvenuti: TÜV Rheinland LGA Products GmbH, Allianz IARD S.A.

Domandi preliminari

1) Id-destinatarji tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE huma eskluživament l-Istati Membri u l-korpi tal-Unjoni jew ukoll l-individwi (effett dirett orizzontali tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE)?

2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE ma japplikax għar-relazzjonijiet bejn l-individwi: l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tipprekludi limitazzjoni tal-kopertura għal dannu li seħħ fi Franza metropolitana u fit-territorji extra-Ewropej Franċiżi, peress li l-awtorità Franċiża kompetenti, il-Bureau central de tarification (l-Uffiċċju Ċentrali tat-Tariffikazzjoni) ma oġġezzjonax għall-klawżola korrispondenti, minkejja li din il-klawżola tmur kontra l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE peress li tinkludi diskriminazzjoni indiretta abbażi tan-nazzjonalità?

3) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv: taħt liema kundizzjonijiet tista' tiġi ġġustifikata diskriminazzjoni indiretta f'każijiet ta' effett fil-konfront ta' terzi? B'mod partikolari: limitazzjoni territorjali tal-kopertura ta' assigurazzjoni għal dannu li seħħ fi Stat Membru partikolari tista' tiġi ġġustifikata bl-argument tal-limitazzjoni tal-obbligu ta' kopertura tal-kumpannija tal-assigurazzjoni kif ukoll tal-ammont tal-primjum, meta l-poloz tal-assigurazzjonijiet ikkonċernati jipprovdu fl-istess waqt li, fil-każ ta' serje ta' danni, il-kopertura għal kull każ ta' dannu u l-kopertura għal kull sena assigurata huma limitati f'termini ta' ammonti?

4) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv: l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jekk, kuntrarjament għall-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE, l-assiguratur ikun kopra biss id-dannu li seħħ fi Franza metropolitana u fit-territorji extra-Ewropej Franċiżi, hemm lok għal projbizzjoni tal-oġġezzjoni li l-ħlas ma setax iseħħ peress li l-kopertura massima kienet diġà ntlaħqet, fil-każ li d-dannu jkun seħħ barra mill-imsemmija territorji?

Appell ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2018 minn Viscas Corp. mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-12 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-422/14: Viscas vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-582/18 P)

(2018/C 427/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Viscas Corp. (rappreżentant: J.-F. Bellis, lawyer)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Furukawa Electric Co. Ltd

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża T-422/14, Viscas Corp. vs Il-Kummissjoni, sa fejn ċaħdet il-motiv li jallega l-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali fir-rigward tal-kalkolu tal-multa imposta fuq Viscas u kkundannat lil Viscas għall-ispejjeż;

— tannulla l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 2139 finali ([1]) sa fejn tistabbilixxi l-ammont tal-multa imposta fuq Viscas għal EUR 34 992 000;

— tistabbilixxi l-ammont tal-multa imposta fuq Viscas minħabba l-ksur stabbilit fl-Artikolu 1 ta' dik id-deċiżjoni għal EUR 19 595 520;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' din il-proċedura u tal-proċdedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, Viscas tressaq aggravju wieħed li jallega li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tikser il-prinċipju ta' trattament ugwali billi ssostni l-metodoloġija li tiddetermina l-valur rilevanti tal-bejgħ, ibbażat fuq il-punt 18 tal-Linji Gwida tal-Multi ([2]), applikat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontestata. Din il-metodoloġija tagħti vantaġġ diskriminatorju sostanzjali lill-produtturi involuti kemm fil-kartell Ewropew kif ukoll fil-konfigurazzjonijiet internazzjonali tal-kartell tal-ksur meta mqabbel ma' dawk involuti biss fil-kartell internazzjonali. Id-determinazzjoni tal-kontribut rispettiv tal-produtturi għall-ksur verament ma tiħux inkunsiderazzjoni l-kartell Ewropew u b'hekk tnaqqas kunsiderevolment il-piż tal-ksur tal-produtturi involuti fiż-żewġ kartelli, u fil-fatt tippremjahom talli jkunu involuti f'żewġ kartelli iktar milli f'wieħed, billi timponi fuqhom multi li bħala medja huma 44 % inqas milli kieku l-ksur kien limitat għall-konfigurazzjoni tal-kartell Ewropew.

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' April 2014 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Il-Każ AT.39610 — Kejbils tal-Elettriku) (notifikat bid-dokument C(2014) 2139 finali) (ĠU 2014, C 319, p. 10)

([2]) Linji Gwida fuq il-metodu ta' kalkolu tal-multi imposti taħt l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (verżjoni bil-Malti mhux disponibbli) (ĠU 2006, C 210, p. 2)

Appell ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2018 minn Furukawa Electric Co. Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-12 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-444/14: Furukawa Electric vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-589/18 P)

(2018/C 427/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Furukawa Electric Co. Ltd (rappreżentanti: C. Pouncey, A. Luke, Solicitors)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Viscas Corp.

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza fil-kawża T-444/2014, Furukawa Electric vs Il-Kummissjoni, sa fejn ċaħdet: (i) l-ewwel parti tal-ħames motiv ta' Furukawa; u (ii) it-tielet parti tat-tielet motiv ta' Furukawa; fir-rigward tal-kalkolu tal-ammont tal-multa imposta fuq Furukawa u l-kundanna ta' Furukawa għall-ispejjeż;

— tannulla l-Artikolu 2(n) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 2139 finali ([1]) sa fejn tistabbilixxi l-ammont tal-multa imposta fuq Furukawa għal EUR 8 858 000;

— tistabbilixxi l-multa imposta fuq Furukawa fl-Artikolu 2(n) tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni għal EUR 4 844 000;

— fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza fil-Kawża T-422/2014, Viscas vs Il-Kummissjoni, u tnaqqas il-multa imposta fuq Viscas taħt l-Artikolu 2(p) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 2139 finali, tagħti lil Furukawa tnaqqis ekwivalenti fuq l-ammont tal-multa li għaliha hija responsabbli *in solidum* taħt il-punt 291 tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-444/2014; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' Furukawa f'din il-proċedura u fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti tissottometti li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali għandha tiġi annullata għal dawn ir-raġunijiet:

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tagħha tal-Punt 18 tal-Linji Gwida dwar il-multi ([2]) billi qieset li l-Kummissjoni Ewropea kienet intitolata tieħu inkunsiderazzjoni, meta tiddetermina l-valur tal-bejgħ rilevanti tal-appellanti għall-perijodu 18 ta' Frar 1999 – 30 ta' Settembru 2001, bejgħ magħmul minn Fujikura Ltd. Peress li ma kien hemm ebda rabtiet strutturali, organizzattivi jew ġuridiċi bejn dik l-entità u l-appellanti f'dan il-perijodu. L-appellanti u Fujikura Ltd. ma ffurmawx impriża waħda matul dan il-perijodu ta' żmien u għaldaqstant ma kienx legalment korrett li jittieħed dan il-bejgħ inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-bejgħ tal-appellanti. L-inklużjoni ta' dan il-bejgħ kiser il-prinċipju ta' responsabbiltà personali u wassal għal żieda fl-ammont tal-multa imposta fuq l-appellanti ta' iktar minn EUR 200 000.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi applikat ħażin ir-regoli dwar trattament ugwali meta qieset li l-Kummissjoni kienet intitolata tapplika l-Punt 18 tal-Linji Gwida dwar il-Multi lid-destinatarji kollha tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-Kejbils tal-Elettriku, minkejja s-sitwazzjonijiet fundamentalment differenti tal-partijiet. Il-produtturi Ewropej ipparteċipaw f'kartell dinji ta' qsim kif ukoll f'kartell Ewropew, filwaqt li l-produtturi Ġappuniżi u Koreani (inkluża l-appellanti) ipparteċipaw f'kartell dinji ta' qsim biss. Fid-dawl tal-ksur ta' trattament ugwali li jirriżulta minn applikazzjoni għal kulħadd tal-Punt 18 tal-Linji Gwida dwar il-Multi lid-destinatarji kollha li ppremjat lill-produtturi Ewropej bi tnaqqis għall-valur tal-bejgħ rispettiv tagħhom (u għaldaqstant tal-multi tagħhom) ta' 44 %, u wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-580/12 P, Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni, l-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrimedja l-ksur billi tagħti tnaqqis fuq il-multa imposta fuq l-appellanti ta' 44 %.

(1) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' April 2014 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Il-Każ AT.39610 — Kejbils tal-Elettriku) (notifikat bid-dokument C(2014) 2139 finali) (ĠU 2014, C 319, p. 10)

(2) Linji Gwida fuq il-metodu ta' kalkolu tal-multi imposti taħt l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (verżjoni bil-Malti mhux disponibbli) (ĠU 2006, C 210, p. 2)

Appell ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2018 minn Fujikura Ltd mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-12 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-451/14: Fujikura vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-590/18 P)

(2018/C 427/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Fujikura Ltd (rappreżentant: L. Gyselen, lawyer)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Viscas Corp.

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali sa fejn laqgħet il-motiv li jallega ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' trattament ugwali fir-rigward tal-multa imposta fuqha;

— tagħti s-sentenza finali skont it-tieni frażi tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tagħha billi:

  — tannulla l-Artikolu 2(o) tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni (1) tat-2 ta' April 2014 li timponi multa ta' EUR 8 152 000 fuq Fujikura Ltd.; u

  — tnaqqas din il-multa b'44 % għal EUR 4 565 120;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċeduri.

Aggravji u argumenti prinċipali

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi vvalidat l-approċċ tal-Kummissjoni li tapplika l-Punt 18 tal-linji Ġwida tagħha tal-2006 (2) bħallikieku l-ksur kollu kien ikopri biss il-"parti Dinjija" tal-kartell u ma kellux "parti intra-ŻEE" li tinvolvi biss il-produtturi Ewropej.

Minħabba f'hekk, il-Kummissjoni ddeterminat il-valuri nominattivi tal-bejgħ għall-parteċipanti tal-kartell b'mod li naqqset b'mod sinjifikattiv ir-rwol tal-produtturi Ewropej u kabbret ir-rwol tal-produtturi Ażjatiċi, inkluża Fujikura, f'dan il-ksur.

(1) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' April 2014 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Il-Każ AT.39610 — Kejbils tal-Elettriku) (notifikat bid-dokument C(2014) 2139 finali) (ĠU 2014, C 319, p. 10)

(2) Linji Gwida fuq il-metodu ta' kalkolu tal-multi imposti taħt l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (verżjoni bil-Malti mhux disponibbli) (ĠU 2006, C 210, p. 2)

Appell ippreżentat fil-21 ta' Settembru 2018 mir-Repubblika tal-Awstrija mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-12 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-356/15, Ir-Repubblika tal-Awstrija vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-594/18 P)

(2018/C 427/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Ir-Repubblika tal-Awstrija (rappreżentant: Dr. G. Hesse, aġent)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Ir-Repubblika Ċeka, Ir-Repubblika Franċiża, L-Ungerija, Ir-Repubblika tal-Polonja, Ir-Rumanija, Ir-Repubblika Slovakka, Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla, fl-intier tagħha, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-356/15, Ir-Repubblika tal-Awstrija vs Il-Kummissjoni Ewropea;

— tilqa', fl-intier tiegħu, ir-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/658 tat-8 ta' Ottubru 2014 dwar il-miżura ta' għajnuna SA.34947 (2013/C) (ex 2013/N) li r-Renju Unit qed jippjana li jimplimenta bħala Appoġġ għall-Impjant tal-Enerġija Nukleari Hinkley Point C (1);

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti tinvoka ħames aggravji.

L-ewwel aggravju: assenza ta' għan fl-interess komuni tal-Unjoni

Is-sentenza appellata tidher li hija illegali sa fejn, kuntrarjament għal dak li tqis il-Qorti Ġenerali, il-kostruzzjoni ta' impjant nukleari ġdid ma tikkostitwixxix għan fl-interess komuni tal-Unjoni. Konsegwentement, ir-raba' motiv flimkien mal-ħames parti tad-disa' motiv, li permezz tagħhom ġie allegat li l-promozzjoni tal-enerġija nukleari ma tikkostitwixxix interess komuni fis-sens tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE, li huwa neċessarju għall-awtorizzazzjoni ta' għajnuna, ma kellhomx jiġu miċħuda.

It-tieni aggravju: applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE

Ġie kkonstatat b'mod żbaljat li l-miżuri ta' għajnuna kienu kompatibbli mal-Artikolu 107(3)(c) TFUE. Is-settur ekonomiku rilevanti fis-sens tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE ġie ddefinit b'mod inkorrett fis-sentenza appellata u kien b'mod żbaljat li ma saritx eżaminazzjoni tan-nuqqas tas-suq. Konsegwentement, l-ewwel motiv kif ukoll l-ewwel u t-tieni parti tad-disa' motiv, li kienu jikkonċernaw id-delimitazzjoni tas-suq u n-nuqqas tas-suq, ma kellhomx jiġu miċħuda.

It-tielet aggravju: eżami insuffiċjenti tal-proporzjonalità

Is-sentenza kkontestata tal-Qorti Ġenerali tikkonferma b'mod żbaljat l-eżami insuffiċjenti tal-proporzjonalità li twettaq mill-Kummissjoni Ewropea. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proporzjonalità tal-għajnuna la huma korretti u lanqas komprensibbli, bil-konsegwenza li d-deċiżjoni hija invalida. Is-sitt motiv, it-tieni ilment tat-tielet parti tad-disa' motiv u s-sitt parti tad-disa' motiv, li permezz tagħhom ġiet essenzjalment allegata n-natura insuffiċjenti tal-kontroll tal-proporzjonalità tal-miżuri, ma kellhomx jiġu miċħuda.

Ir-raba' aggravju: illegalità tal-għajununa operattiva

Il-Qorti Ġenerali naqset milli tirrikonoxxi li l-miżuri previsti favur Hinkley Point C jikkostitwixxu għajnuna operattiva illegali. Konsegwentement, it-tielet motiv u l-ewwel ilment tat-tielet parti tad-disa' motiv, li permezz tagħhom ġie allegat li l-miżuri tar-Renju Unit għandhom jiġu kklassifikati bħala għajnuna operattiva illegali, ma kellhomx jiġu miċħuda.

Il-ħames aggravju: determinazzjoni insuffiċjenti tal-elementi tal-għajnuna u ksur tal-"komunikazzjoni dwar il-garanziji"

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, naqset milli tiddetermina b'mod suffiċjenti l-elementi tal-għajnuna u, min-naħa l-oħra, naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-ksur tal-komunikazzjoni dwar il-garanziji. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tmien motiv u r-raba' parti tad-disa' motiv, li kienu jirrigwardaw id-determinazzjoni insuffiċjenti tal-elementi tal-għajnuna u l-ksur tal-komunikazzjoni dwar il-garanziji, ma kellhomx jiġu miċħuda.

(1) ĠU 2015, L 109, p. 44.

Appell ippreżentat fil-21 ta' Settembru 2018 minn LS Cable & System Ltd mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-12 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-439/14: LS Cable & System vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-596/18 P)

(2018/C 427/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: LS Cable & System Ltd (rappreżentanti: S. Spinks, S. Kinsella, Solicitors)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— taqta' definittivament, skont l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u, fuq dik il-bażi, tannulla d-deċiżjoni (1) sa fejn tikkonċerna lill-appellanti u, fl-eżerċizzju tal-kompetenza illimitata tagħha, tnaqqas il-multa imposta fuq l-appellanti;

— jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma kellhiex tagħti deċiżjoni fuq din il-kawża, tirriżerva l-ispejjez u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex teżamina l-kwistjoni mill-ġdid, skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 184 tar-Regoli tal-Proċedura.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-ewwel aggravju bbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mis-sentenza appellata billi tgħawweġ manifestament is-sens ċar tal-evidenza fir-rigward tat-talbiet tal-appellanti għal proġetti taż-ŻEE.

It-tieni aggravju bbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mis-sentenza appellata billi ġie konkluż li l-appellanti aderixxiet mal-ftehim tat-territorju tad-domiċilju li jirriżulta mill-parteċipazzjoni tar-rappreżentant tagħha f'laqgħa u li, għaldqastant, il-ġurisprudenza tat-tbegħid pubbliku kienet applikabbli għaliha.

It-tielet aggravju bbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mis-sentenza appellata billi ġie konkluż li l-appellanti setgħet tikkonfuta l-preżunzjoni ta' adeżjoni mal-prinċipju ta' territorju tad-domiċilju, li tirriżulta mill-parteċipazzjoni tar-rappreżentant tagħha, biss billi "tbiegħed pubblikament" lilha nnifisha fil-laqgħa.

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 2139 finali li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.

Appell ippreżentat fil-21 ta' Settembru 2018 mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla Estiża) fit-13 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-680/13: Dr. K. Chrysostomides & Co. LLC *et* vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea *et*

(Kawża C-597/18 P)

(2018/C 427/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. de Gregorio Merino, E. Chatziioakeimidou, I. Gurov, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Dr. K. Chrysostomides & Co. LLC *et*, Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Bank Ċentrali Ewropew, Il-Grupp tal-Euro, irrappreżentat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla l-partijiet tas-sentenzi appellati li fihom il-Qorti Ġenerali tiċħad l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill fir-rigward tal-Grupp tal-Euro;

— tordna lill-appellati jħallsu l-ispejjeż tal-appell.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appell tal-Kunsill huwa intiż li jannulla l-partijiet tas-sentenza appellata li fihom il-Qorti Ġenerali tiċħad l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill fir-rigward tal-Grupp tal-Euro u hija bbażata fuq ir-raġunijiet li ġejjin:

— il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Grupp tal-Euro huwa "korp tal-Unjoni stabbilit formalment mit-Trattati";

— il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kunsill waqt li naqset milli tidentifika xi "setgħat" mogħtija mit-Trattati lill-Grupp tal-Euro;

— il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-ammissjoni tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, imqajma mill-Kunsill, tirriżulta fl-"istabbiliment, fi ħdan l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea stess, ta' entitajiet li l-atti u l-aġir tagħhom fl-Unjoni Ewropea ma jistgħux jirriżultaw f'responsabbiltà għall-Unjoni Ewropea".

Appell ippreżentat fil-21 ta' Settembru 2018 mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla Estiża) fit-13 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-786/14: Eleni Pavlikka Bourdouvali *et* vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea *et*

(Kawża C-598/18 P)

(2018/C 427/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. de Gregorio Merino, E. Chatziioakeimidou, I. Gurov, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Eleni Pavlikka Bourdouvali *et,* Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Bank Ċentrali Ewropew, Il-Grupp tal-Euro, irrappreżentat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellanti jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla l-partijiet tas-sentenzi appellati li fihom il-Qorti Ġenerali tiċħad l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill fir-rigward tal-Grupp tal-Euro;

— tordna lill-appellati jħallsu l-ispejjeż tal-appell.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appell tal-Kunsill huwa intiż li jannulla l-partijiet tas-sentenza appellata li fihom il-Qorti Ġenerali tiċħad l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill fir-rigward tal-Grupp tal-Euro u hija bbażata fuq ir-raġunijiet li ġejjin:

— il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Grupp tal-Euro huwa "korp tal-Unjoni stabbilit formalment mit-Trattati";

— il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kunsill waqt li naqset milli tidentifika xi "setgħat" mogħtija mit-Trattati lill-Grupp tal-Euro;

— il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-ammissjoni tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, imqajma mill-Kunsill, tirriżulta fl-"istabbiliment, fi ħdan l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea stess, ta' entitajiet li l-atti u l-aġir tagħhom fl-Unjoni Ewropea ma jistgħux jirriżultaw f'responsabbiltà għall-Unjoni Ewropea".

Appell ippreżentat fl-24 ta' Settembru 2018 minn Prysmian SpA, Prysmian Cavi e Sistemi Srl mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-12 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-475/14: Prysmian u Prysmian Cavi e Sistemi vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-601/18 P)

(2018/C 427/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Prysmian SpA, Prysmian Cavi e Sistemi Srl (rappreżentanti: C. Tesauro, F. Russo, L. Armati, avvocati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, The Goldman Sachs Group, Inc., Pirelli & C. SpA

Talbiet

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tilqa' t-talbiet imressqa fl-ewwel istanza;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Sussidjarjament, l-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tibgħat il-kawża lura lill-Qorti Ġenerali;

— tirriżerva l-ispejjeż tal-proċedura fl-ewwel istanza u fl-appell.

Aggravji u argumenti prinċipali

1. Il-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkonstatat li l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1/2003 ([1]) ma jwaqqafx lill-Kummissjoni milli tieħu immaġnijiet forensiċi ta' hard drives sħaħ tal-impjegati tagħha mingħajr ma tkun eżaminat il-kontenut tagħhom u milli tkompli l-analiżi tagħhom fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell. L-interpretazzjoni korretta tad-dispożizzjoni hija li l-ispezzjonijiet jistgħu jitwettqu biss fil-bini tal-impriża u l-Kummissjoni tista' tieħu biss kopji ta' rekords li tagħhom tkun eżaminat ir-rilevanza. Peress li tinterferixxi fuq id-drittijiet fundamentali tal-kumpanniji u tal-impjegati tagħhom, prassi bħalma hija dik ta' teħid ta' immaġnijiet forensiċi ta' hard drives sħaħ ma għandhiex tiġi rrelegata għal nota ta' spjega li tagħti diskrezzjoni sħiħa lill-Kummissjoni, iżda għandha tiġi rregolata mil-liġi, konformement mal-prinċipju ta' legalità.

2. Il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' responsabbiltà personali, iċ-ċertezza legali u l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, minbarra l-ksur tal-obbligu tagħha ta' motivazzjoni, u dan billi naqset milli tikkunsidra li l-imputazzjoni ta' responsabbiltà lil Prysmian Cavi e Sistemi bbażata fuq kontinwità ekonomika hija eċċezzjoni għar-regola fejn ir-responsabbiltà ssegwi l-persuna ġuridika li tkun qiegħda tamministra l-impriża fil-mument tal-ksur. Bħal fil-każ tal-eċċezzjonijiet kollha, din hija suġġetta għal applikazzjoni stretta u tista' tiġi ġġustifikata biss fejn l-effettività tar-regoli tal-kompetizzjoni tkun tinsab f'riskju. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta eskludiet il-possibbiltà ta' diskriminazzjoni fil-kawża ineżami, u dan għar-raġuni li ma jistax ikun hemm ugwaljanza meta hemm illegalità, inkwantu l-imputazzjoni tar-responsabbiltà bbażata fuq kontinwità ekonomika hija fakultà mogħtija lill-Kummissjoni.

3. Il-Qorti Ġenerali naqset mili tindirizza s-sottomissjoni prinċipali tal-Kumpannija fl-ewwel istanza li, kwalunkwe prinċipju ta' "territorju nazzjonali", jekk wieħed jassumi li dan jeżisti – quod non -, ma jistax japplika b'mod kredibbli għall-istanzi differenti kollha li sar riferiment għalihom fid-deċiżjoni u jagħti prova, b'mod suffiċjenti fid-dritt, ta' ksur uniku u kontinwu.

4. Il-Qorti Ġenerali aġixxiet b'mod ultra petita u kisret id-drittijiet tad-difiża tal-Kumpannija stabbiliti fl-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 6 KEDB fl-eżaminazzjoni li wettqet tas-seba' motiv tal-appellanti fl-ewwel istanza, dwar id-data tal-bidu tal-kartell. Il-Qorti Ġenerali manifestament fehmet ħażin il-provi quddiemha u applikat standard legali skorrett fl-eżaminazzjoni tagħha. Tali distorsjoni manifesta tal-provi wasslet sabiex din siltet inferenzi żbaljati u waslet għall-konklużjoni legali żbaljata li, fit-18 ta' Frar 1999, il-Kummissjoni kienet f'pożizzjoni li tistabbilixxi d-data tal-bidu ta' ksur li jaffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri skont l-Artikolu 101 TFUE.

5. Il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament sa fejn hija vvalidat l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li l-attribuzzjoni ta' proġetti fost produtturi Ewropej fil-kuntest tal-konfigurazzjoni "Ewropew biss – (R)" iġġustifikat żieda ta' 2 % lill-fattur tal-gravità (u, konsegwentement, id-"dritt tad-dħul") għall-produtturi Ewropej, filwaqt li ebda żieda tali ma ġiet applikata għall-produtturi Ażjatiċi. Minn naħa waħda, ma huwiex possibbli li jiġi aċċettat li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni setgħet tikkonstata ksur uniku u kontinwu bbażat fuq regola ta' territorju nazzjonali li tikkonsisti f'konfigurazzjonijiet interdipendenti, u fl-istess waqt jiġi aċċettat il-fatt li l-involviment attiv f'waħda jew fl-oħra jiġġustifika livell differenti ta' gravità għall-parteċipanti. Anki jekk il-produtturi Ażjatiċi ma kinux involuti fl-attribuzzjoni Ewropea allegata b'mod attiv, huma kkontribwixxew għal dik l-attribuzzjoni fuq livell komparabbli ma' dak tal-produtturi Ewropej.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

Appell ippreżentat fl-24 ta' Settembru 2018 minn Dr. K. Chrysostomides & Co. LLC *et* mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla Estiża) fit-13 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-680/13, Dr. K. Chrysostomides & Co. LLC *et* vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea *et*

(Kawża C-603/18 P)

(2018/C 427/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Dr. K. Chrysostomides & Co. LLC *et* (rappreżentant: P. Tridimas, Barrister)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Grupp tal-Euro, irrappreżentat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali;

— tagħti l-ordnijiet mitluba mir-rikorrenti fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali;

— tikkundanna lill-appellati għall-ispejjeż ta' dan l-appell u tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellati jqisu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi sa fejn:

(a) ikkonstatat li l-Grupp tal-Euro ma eżiġiex li Ċipru jieħu l-miżuri li kkawżawlhom telf jew li dawn il-miżuri ma kinux meħtieġa minn azzjoni imputabbli lill-Unjoni.

(b) qieset li l-istqarrija għall-istampa tal-BĊE tal-21 ta' Marzu 2013 ma ppreġudikatx lill-appellanti;

(c) ikkonstatat li b'ċerti atti oħra l-appellati ma eżiġewx li Ċipru jkompli jimplimenta l-miżuri dannużi u/jew ma eżiġewx l-adozzjoni tal-miżuri dannużi introdotti mill-emendi li saru għad-digrieti dannużi tat-30 ta' Lulju 2013;

(d) qieset li l-miżuri dannużi ma kinux ilkoll mieħtieġa mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/236 ([1]);

(e) ikkonstatat li ma kienx hemm ksur serju tad-dritt għal proprjetà, kif protett mill-Artikolu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni u mill-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

L-appellanti jargumentaw li l-miżuri dannużi ma jissodisfawx ir-rekwiżit li r-restrizzjonijiet għad-dritt għal proprjetà għandhom ikunu pprovduti mil-liġi u r-rekwiżit ta' proporzjonalità. Huma jqisu li l-aġir tal-appellati wassal għal aspettattivi leġittimi li ebda miżuri ta' salvataġġ ma kienu se jittieħdu li jimponu "haircut" fuq l-assi tagħhom. Huma jqisu li bħala depożitanti u/jew azzjonisti fil-Bank of Cyprus u/jew Laiki huma ġew iddiskriminati, b'mod partikolari, fil-konfront ta' depożitanti u azzjonisti rispettivament f'banek fi Stati Membri oħra taż-Żona Euro li bbenefikaw minn assistenza finanzjarja simili għal dik mogħtija lil Ċipru.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' April 2013 indirizzata lil Ċipru dwar miżuri speċifiċi għall-kisba mill-ġdid ta' stabbiltà finanzjarja u tkabbir sostenibbli (ĠU 2013, L 141, p. 32).

Appell ippreżentat fl-24 ta Settembru 2018 minn Eleni Pavlikka Bourdouvali *et* mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla Estiża) fit-13 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-786/14, Eleni Pavlikka Bourdouvali *et* vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea *et*

(Kawża C-604/18 P)

(2018/C 427/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Eleni Pavlikka Bourdouvali *et* (rappreżentanti: P. Tridimas, Barrister, K. Chrysostomides, Δικηγόρος)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Grupp tal-Euro, irrappreżentat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali;

— tagħti l-ordnijiet mitluba mir-rikorrenti fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali;

— tikkundanna lill-appellati għall-ispejjeż ta' dan l-appell u tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti jqisu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi sa fejn:

(a) ikkonstatat li l-Grupp tal-Euro ma eżiġiex li Ċipru jieħu l-miżuri li kkawżawlhom telf jew li dawn il-miżuri ma kinux meħtieġa minn azzjoni imputabbli lill-Unjoni.

(b) qieset li l-istqarrija għall-istampa tal-BĊE tal-21 ta' Marzu 2013 ma ppreġudikatx lill-appellanti;

(c) ikkonstatat li b'ċerti atti oħra l-appellati ma eżiġewx li Ċipru jkompli jimplimenta l-miżuri dannużi u/jew ma eżiġewx l-adozzjoni tal-miżuri dannużi introdotti mill-emendi li saru għad-digrieti dannużi tat-30 ta' Lulju 2013;

(d) qieset li l-miżuri dannużi ma kinux ilkoll mieħtieġa mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/236 ([1]);

(e) ikkonstatat li ma kienx hemm ksur serju tad-dritt għal proprjetà, kif protett mill-Artikolu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni u mill-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

L-appellanti jargumentaw li l-miżuri dannużi ma jissodisfawx ir-rekwiżit li r-restrizzjonijiet għad-dritt għal proprjetà għandhom ikunu pprovduti mil-liġi u r-rekwiżit ta' proporzjonalità. Huma jqisu li l-aġir tal-appellati wassal għal aspettattivi leġittimi li ebda miżuri ta' salvataġġ ma kienu se jittieħdu li jimponu "haircut" fuq l-assi tagħhom. Huma jqisu li bħala depożitanti, azzjonisti jew detenturi ta' bonds fil-Bank of Cyprus u/jew Laiki huma ġew iddiskriminati, b'mod partikolari, fil-konfront ta' depożitanti, azzjonisti jew detenturi ta' bonds rispettivament f'banek fi Stati Membri oħra taż-Żona Euro li bbenefikaw minn assistenza finanzjarja simili għal dik mogħtija lil Ċipru.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' April 2013 indirizzata lil Ċipru dwar miżuri speċifiċi għall-kisba mill-ġdid ta' stabbiltà finanzjarja u tkabbir sostenibbli (ĠU 2013, L 141, p. 32).

Appell ippreżentat fl-24 ta' Settembru 2018 minn Nexans France, Nexans mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-12 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-449/14: Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-606/18 P)

(2018/C 427/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Nexans France, Nexans (rappreżentanti: G. Forwood, advocate, M. Powell, A. Rogers, Solicitors)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Lulju 2018 fil-kawża Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (Kawża T-449/14, EU:T:2018:456);

— tibgħat il-kawża lura lill-Qorti Ġenerali sabiex tieħu deċiżjoni fuq l-azzjoni tagħha għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn tikkonċerna lill-apellanti;

— tnaqqas il-multi imposti fuq l-appellanti b'ammont li jikkorrispondi għall-fattur ta' gravita mnaqqas; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-appell u tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-ewwel aggravju bbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 20(2)(b) u (c) tar-Regolament 1/2003 ([1]) fir-rigward tal-ikkupjar ta' data elettronika mhux eżaminata, peress li l-ikkupjar ta' data elettronika mhux eżaminata kienet taqa' barra mis-setgħat tal-Kummissjoni;

It-tieni aggravju bbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament 1/2003 fir-rigward tal-ispezzjoni kontinwata fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell, peress li s-setgħat tal-Kummissjoni taħt dik id-dispożizzjoni huma llimitati għall-bini tal-impriżi inkwistjoni;

It-tielet aggravju bbażat fuq żball ta' liġi meta ġie kkonstatat li l-Kummissjoni ma marritx lil hinn mil-limiti tad-deċiżjoni ta' spezzjoni, peress li d-deċiżjoni ta' spezzjoni għandha tinftihem korrettament li tispeċifika li l-ispezzjoni setgħet issehh biss fil-bini kollu kkontrollat mill-appellanti;

Ir-raba' aggravju bbażat fuq żball ta' liġi fir-rigward tan-nuqqas ta' effetti tal-ksur, peress li l-Qorti Ġenerali naqset milli teżerċita l-kompetenza illimitata tagħha taħt l-Artikolu 261 TFUE u l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003, u naqset milli hija stess tnaqqas il-fattur ta' gravità sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-parti l-kbira tal-bejgħ kopert mid-deċiżjoni kkontestata kienet fil-fatt mhux affettwata mill-ksur; u

Il-ħames aggravju bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u nuqqas ta' raġjonevolezza fir-rigward tat-2 % żieda addizzjonali għall-"konfigurazzjoni Ewropea", peress li ebda raġunijiet ma tressqu għala l-konfigurazzjoni Ewropea kkawżat distorsjoni addizzjonali tal-kompetizzjoni fiż-ŻEE għall-konfigurazzjoni Ewropa-Ażja.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

Appell ippreżentat fl-24 ta' Settembru 2018 minn NKT Verwaltungs GmbH, li kienet nkt cables GmbH, NKT A/S, li kienet NKT Holding A/S mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-12 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-447/14: NKT Verwaltungs u NKT vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-607/18 P)

(2018/C 427/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: NKT Verwaltungs GmbH, li kienet nkt cables GmbH, NKT A/S, li kienet NKT Holding A/S (rappreżentanti: B. Creve, advocaat, M. Kofmann, advokat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata, fl-intier tagħha jew parzjalment;

— tannulla d-deċiżjoni inkwistjoni ([1]), fl-intier tagħha jew parzjalment;

— sussidjarjament, tibgħat il-kawża lura lill-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni konformi mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— tordna miżura ta' organizzazzjoni; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kemm tal-proċedura ta' appell kif ukoll tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-ewwel aggravju bbażat fuq li l-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat stabbilixxiet il-portata territorjali tal-ksur.

It-tieni aggravju bbażat fuq li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi waqt l-evalwazzjoni tal-portata tal-KUK ([2]) u tal-portata tal-parteċipazzjoni ta' NKT fih kif ukoll tal-konsapevolezza, minn NKT, tal-KUK.

It-tielet aggravju bbażat fuq li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi meta qieset li d-drittijiet tad-difiża tal-appellanti ma kinux ġew miksura.

Ir-raba' aggravju bbażat fuq li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi meta ċaħdet it-talba tal-appellanti għal annullament jew tnaqqis tal-multa.

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 2139 finali li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.
([2]) Ksur uniku u kontinwu.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Ottubru 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja

(Kawża C-619/18)

(2018/C 427/39)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Banks, H. Krämer u S. Kaleda, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Polonja

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li, billi naqqset l-età tal-irtirar tal-imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) u applikata lill-imħallfin li nħatru fil-Qorti Suprema qabel it-3 ta' April 2018, u billi tat lill-President tar-Repubblika tal-Polonja d-dritt li jestendi l-mandat pendenti ta' mħallfin fil-Qorti Suprema, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

L-ewwel nett, il-Kummissjoni ssostni li d-dispożizzjonijiet tal-ustawa z dnia 8 grudnia 2017 r. o Sądzie Najwyższym (il-Liġi tat-8 ta' Diċembru 2017 dwar il-Qorti Suprema), li tnaqqas l-età tal-irtirar tal-imħallfin li huma preżentement fis-servizz, u li nħatru fil-Qorti Suprema qabel id-data tad-dħul ta' din il-liġi (3 ta' April 2018), jiksru l-prinċipju ta' irremovibbiltà tal-imħallfin.

It-tieni nett, il-Kummissjoni ssostni li d-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema, li jagħtu lill-President tar-Repubblika tal-Polonja d-dritt li jestendi l-mandat pendenti ta' mħallfin fil-Qorti Suprema, jiksru l-prinċipju ta' indipendenza ġudizzjarja.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Ottubru 2018 – L-Ungerija vs Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-620/18)

(2018/C 427/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Rikorrenti: L-Ungerija (rappreżentanti: M.Z. Fehér, M.M. Tátrai u G. Tornyai, aġenti)

Konvenuti: Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi; ([1]) sussidjarjament:

— tannulla d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sa fejn dawn jistabbilixxu l-punt (ċ) u t-tielet subpragarafu tal-Artikolu 3(1) il-ġdid tad-Direttiva 96/71/KE.

— tannulla d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sa fejn dawn jinserixxu il-paragrafu 1a fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71/KE.

— tannulla l-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

— tannulla l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; u barra min hekk:

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-Gvern Ungeriż jibbaża r-rikors tiegħu fuq ħames motivi:

1. Fl-ewwel lok, il-Gvern Ungeriż jallega fir-rikors tiegħu li d-direttiva kkontestata ma ġietx adottata fuq il-bażi legali adatta, premess li, b'kont meħud tal-għan u l-kontenut tagħha, tali direttiva — billi tidderoga mill-awtorizzazzjoni leġiżlattiva stabbilita, fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, fl-Artikoli 53(1) TFUE u 62 TFUE, imsemmija fid-direttiva bħala bażi legali — hija intiża esklużivament, jew tal-inqas b'mod priniċipali, għall-protezzjoni tal-ħaddiema, u għaldaqstant il-leġiżlatur tal-Unjoni kien imissu adotta d-direttiva fuq il-bażi tal-Artikolku 153 TFUE jew, tal-inqas, ibbaża ruħu essenzjalment fuq din l-aħħar imsemmija bażi legali (l-ewwel motiv tar-rikors).

2. Fit-tieni lok, skont il-Gvern Ungeriż, id-direttiva kkontestata tmur kontra l-Artikolu 153(5) TFUE, li jeskludi l-fakultà leġiżlattiva tal-Unjoni fir-rigward tar-regolamentazzjoni tar-remunerazzjonijiet fil-kuntest tar-relazzjonijiet lavorattivi, sa fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni, billi stabbilixxa li r-remunerazzjoni tal-ħaddiema għandha tkun konformi mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fl-Istat Membru ta' kollokament, adotta liġi li essenzjalment tagħmel riferiment għar-remunerazzjoni tar-relazzjoni lavorattiva. Il-leġiżlatur tal-Unjoni għażel il-bażijiet legali indikati fid-direttiva kkontestata peress li kien konxju li, fl-assenza ta' kompetenza tal-Unjoni, din kienet l-unika possibbiltà sabiex jirregola l-kwistjoni tar-remunerazzjonijiet, li tikkostitwixxi waħda mill-elementi essenzjali ta' din id-direttiva, u b'hekk wettaq użu ħażin ta' poter (it-tieni motiv tar-rikors).

3. Fit-tielet lok, il-Gvern Ungeriż iqis li d-direttiva kkontestata tmur kontra l-Artikolu 56 TFUE, li jistabbilixxi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, billi l-obbligi u r-restrizzjonijiet imposti minn din id-direttiva fuq l-impriżi stabbiliti fi Stat Membru li jikkollokaw ħaddiema fi Stat Membru ieħor fil-kuntest ta' provvista ta' servizzi huma diskriminatorji, mhux neċessarji u sproporzjonati meta mqabbla mal-għan li jfittxu li jilħqu. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni fid-direttiva kkontestata fil-qasam tat-trasport tmur kontra l-Artikolu 58(1) TFUE (it-tielet motiv tar-rikors).

4. Fir-raba' lok, il-Gvern Ungeriż iqis li d-direttiva kkontestata tmur kontra l-Artikolu 56 TFUE, li jistabbilixxi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, billi d-direttiva teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-eżerċizzju ta' tali libertà sa fejn din tirreferi għall-eżerċizzju tad-dritt għal strajk u għal azzjonijiet oħra previsti fis-sistemi tar-relazzjonijiet lavorattivi tal-Istati Membri, kif ukoll għall-eżerċizzju tad-dritt għal negozjati, konklużjoni u infurzar ta' ftehimiet kollettivi u li jiġu istitwiti azzjonijiet kollettivi (ir-raba' motiv tar-rikors).

5. Fil-ħames lok, id-direttiva kkontestata tmur kontra r-Reglament (KE) Nru 593/2008, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali, ([2]) kif ukoll kontra l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' ċarezza leġiżlattiva, sa fejn din tbiddel l-applikazzjoni tar-Reglament Nru 593/2008 mingħajr ma tbiddel it-test leġiżlattiv ta' dan l-aħħar, u b'hekk toħloq inċertezza legali kunsiderevoli fir-rigward tal-applikazzjoni korretta tar-reglament. Id-direttiva kkontestata tmur ukoll kontra l-prinċipji ta' ċarezza leġiżlattiva u, konsegwentement, ta' ċertezza legali minħabba n-nuqqas, fid-direttiva kkontestata, ta' determinazzjoni tal-kunċett ta' remunerazzjoni u l-inċertezzi dwar l-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett (il-ħames motiv).

([1]) ĠU L 173, p. 16.
([2]) ĠU 2008, L 177, p. 6.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ottubru 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tas-Slovenja

(Kawża C-628/18)

(2018/C 427/41)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Scharf, G. von Rintelen, B. Rous Demiri)

Konvenuta: Ir-Repubblika tas-Slovenja

Talbiet

Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li billi ma adottatx id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi (kollha) neċessarji biex tikkonforma mad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE kif ukoll mad-Direttiva (UE) 2016/1034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2016 li temenda d-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, jew billi ma infurmatx lill-Kummissjoni b'dawn il-miżuri, ir-Repubblika ta' Slovenja naqqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 93 tad-Direttiva 2014/65/UE kif emendata mill-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2016/1034,

— timponi fuq ir-Repubblika ta' Slovenja bis-saħħa tal-Artikolu 260(3) TFUE l-pagament ta' somma f'daqqa u penali kuljum ta' EUR 7 224 mill-jum tal-għoti tas-sentenza f'din il-kawża, peress li naqqset mill-obbligu tagħha li tinnotifika l-miżuri ta' traspożizzjoni tad-Direttivi 2014/65/UE u 2016/1034/UE,

— timponi fuq ir-Repubblika ta' Slovenja bis-saħħa tal-Artikolu 260(3) TFUE l-pagament ta' rata fissa ta' kuljum ta' EUR 1 978 immultiplikat bin-numru ta' ġranet tat-tul tal-ksur sa mill-inqas EUR 496 000,

— tikkundanna lir-Repubblika tas-Slovenja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Bis-saħħa tal-Artikolu 93 tad-Direttiva 2014/65/UE, kif emendat mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 2016/1034/UE, l-Istati Membri kellhom jadottaw u jippubblikaw qabel it-3 ta' Lulju 2017 il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-direttiva u billi jinfurmaw minnufih il-Kummissjoni. Sa fejn ir-Repubblika ta' Slovenja, fl-iskadenza ta' dan it-terminu, ma infurmatx il-Kummissjoni bil-miżuri ta' traspożizzjoni tal-imsemmija direttivi, din tal-aħħar iddeċidiet li tadixxi l-Qorti tal-Ġustizzja.

Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li timponi fuq ir-Repubblika ta' Slovenja l-pagament ta' rata fissa u ta' somma f'daqqa u penali ta' kuljum.

It-terminu tat-traspożizzjoni tad-Direttiva skadiet fit-3 ta' Lulju 2017.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ottubru 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Ungerija

(Kawża C-637/18)

(2018/C 427/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Petersen u K. Talabér-Ritz, aġenti)

Konvenuta: L-Ungerija

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 13(1), fir-rigward tal-Anness XI, tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa ([1]), billi naqset milli tosserva, b'mod sistematiku u persistenti, kull sena mill-1 ta' Jannar 2005, il-valur limitu ta' kuljum applikabbli għall-konċentrazzjoni ta' PM_{10} fiż-żoni ta' Budapest (HU0001) u tal-wied ta' Sajó (HU0008).

— tiddikjara li l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu13 (1), fir-rigward tal-Anness XI tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa, billi naqset milli tosserva, kull sena mill-11 ta' Ġunju 2011 – bl-eċċezzjoni tal-2014 –, b'mod sistematiku u persistenti, il-valuri limitu ta' kuljum applikabbli għall-konċentrazzjoni ta' PM_{10} madwar iż-żona ta' Pécs (HU0006).

— tiddikjara li l-Ungerija, mill-11 ta' Ġunju 2010, naqset milli twettaq l-obbligu tagħha stabbilit fl-Artikolu 23(1) fir-rigward tal-Anness XV tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa, previst, b'mod partikolari, fit-tieni paragrafu tal-imsemmi artikolu, li l-perijodu li jeċċedi l-valuri limitu jkun l-iqsar possibbli.

— tikkundanna lill-Ungerija għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Mill-1 ta' Jannar 2005, il-valur limitu ta' kuljum ta' PM_{10} inqabeż f'żewġ żoni ta' kwalità tal-arja u, mill-11 ta' Ġunju 2011, f'żona oħra. Minkejja dan il-ksur tal-Artikolu 13(1), fir-rigward tal-Anness XI tad-Direttiva 2008/50, l-Ungerija, kuntrarjament għad-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) ma adottat l-ebda miżura xierqa fil-pjanijiet tal-kwalità tal-arja sabiex il-perijodu ta' qbiż tal-valuri limitu jkun qasir kemm jista' jkun.

L-ineffikaċja tal-miżuri inkwistjoni tirriżulta, b'mod partikolari, mill-perijodu ta' qbiż tal-valuri limitu, mil-livell u l-evoluzzjoni tagħhom u mill-eżami ddettaljat tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja adottati mill-awtoritajiet Ungeriżi.

(1) ĠU 2008, L 152, p. 1.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Ottubru 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-644/18)

(2018/C 427/43)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara u K. Petersen, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

1 tikkonstata li, billi qabżet b'mod sistematiku u kontinwu l-valuri ta' konċentrazzjoni ta' PM10, qbiż li għadu għaddej sa llum,

a) fir-rigward tal-limiti ta' kull ġurnata

— mill-2008 fiż-żoni sussegwenti: IT1212 (zona Valle del Sacco); IT1215 (agglomerato di Roma); IT1507 (ex żona IT1501, zona di risanamento – area Napoli e Caserta); IT0892 (Emilia Romagna, Pianura ovest); żona IT0893 (Emilia Romagna, Pianura Est); IT0306 (agglomerato di Milano); IT0307 (agglomerato di Bergamo); IT0308 (agglomerato di Brescia); IT0309 (Lombardia, pianura ad elevata urbanizzazione A); IT0310 (Lombardia, pianura ad elevata urbanizzazione B); IT0312 (Lombardia, fondovalle D); IT0119 (Piemonte Pianura); żona IT0120 (Piemonte Collina);

— mill-2009 fiż-żoni sussegwenti: IT0508 u IT0509 (ex żona IT0501, agglomerato Venezia-Treviso); IT0510 (ex żona IT0502, agglomerato di Padova); IT0511 (ex żona IT0503, agglomerato di Vicenza), IT0512 (ex żona IT0504, agglomerato di Verona); IT0513 u IT0514 (ex żona IT0505; zona A1 – provincia del Veneto);

— fiż-żona IT0907 (zona di Prato Pistoia) mill-2008 sal-2013 u, mill-ġdid, mill-2015; fiż-żoni IT0909 (zona Valdarno Pisano e Piana Lucchese) u IT0118 (Torino agglomerato) mill-2008 sal-2012 u, mill-ġdid, mill-2014; fiż-żoni IT1008 (zona della conca ternana) u IT1508 (ex żona IT1504, zona costiera collinare beneventana), mill-2008 sal-2009 u, mill-ġdid, mill-2011; fiż-żona IT1613 (Puglia – zona industriale), fl-2008 u, mill-ġdid, mill-2011; fiż-żona IT1911 (agglomerato di Palermo), mill-2008 sal-2012, fl-2014 u mill-2016 u

b) fir-rigward tal-limiti annwali fiż-żoni:

IT1212 (valle del Sacco) mill-2008 u mingħajr waqfien sa mill-inqas l-2016; IT0508 u IT0509 (ex żona IT0501, agglomerato Venezia-Treviso) fl-2009, fl-2011 u mill-2015; IT0511 (ex żona IT0503, agglomerato di Vicenza), fl-2011, fl-2012 u mill-2015; IT0306 (agglomerato di Milano), IT0308 (agglomerato di Brescia), IT0309 (Lombardia, pianura ad elevata urbanizzazione A) u IT0310 (Lombardia, pianura B) mill-2008 sal-2013 u mill-2015; IT0118 (agglomerato di Torino) mill-2008 sal-2012 u mill-2015, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligu tagħha taħt l-Artikolu 13 moqri flimkien mal-Anness XI tad-Direttiva 2008/50/KE, u

2 tikkonstata li, billi ma adottatx mill-11 ta' Ġunju 2010 miżuri adatti sabiex tiggarantixxi l-osservanza tal-valuri limiti stabbiliti għall-PM10 fiż-żoni indikati fil-punt 1 ta' dawn it-talbiet, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50/KE waħdu u moqri flimkien mal-Parti A tal-Anness XV ta' din id-direttiva u, b'mod partikolari, l-obbligu previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva, li tiżgura li l-perijodu ta' qbiż tal-valuri limiti indikati fiha jkun l-iqsar possibbli, u

3 tikkundanna lir-Repubblika Taljana għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz tal-ewwel motiv tagħha, il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni miksuba fir-rigward tal-konċentrazzjoni ta' PM10 fl-arja turi l-eżistenza ta' ksur sistematiku u kontinwu tal-Artikolu 13 moqri flimkien mal-Anness XI tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU 2008, L 152, p. 1). Skont dawn id-dispożizzjonijiet, il-livell ta' konċentrazzjoni ta' dawn is-sustanzi ma jistax jaqbeż limiti ta' kull ġurnata u annwali speċifiċi. F'ċertu żoni, dawn il-limiti nqabżu mingħajr ebda waqfien għal iktar minn għaxar snin.

Permezz tat-tieni motiv tagħha, il-Kummissjoni tqis li r-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50/KE waħdu u moqri flimkien mal-Parti A tal-Anness XV ta' din id-direttiva. Fil-fatt, fl-ewwel lok, il-pjanijiet relatati mal-kwalità tal-arja, adottati sussegwentement għall-qbiż tal-valuri limiti ta' konċentrazzjoni ta' PM10, la jippermettu li dawn il-valuri limiti jiġu osservati u lanqas ma jippermettu li l-qbiż tagħhom jiġi limitat għall-iqsar perijodu possibbli. Fit-tieni lok, ħafna minn dawn il-pjanijiet ma fihomx l-informazzjoni mitluba fil-Parti A tal-Anness XV tad-Direttiva, informazzjoni li l-indikazzjoni tagħha hija obbligatorja fis-sens tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tagħha.

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018 – Daimler vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-128/14) ([1])

("Aċċes għad-dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti relatati mal-proċedura mibdija skont l-Artikolu 29 tad Direttiva 2007/46/KE li jippermetti lil Stat Membru jirrifjuta r reġistrazzjoni ta' vetturi li jippreżentaw riskju serju għas-sigurtà stradali, jew huma ta' dannu gravi għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika — Rifjut ta' aċċess — Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni ta' spezzjonijiet, investigazzjoni u verifiki — Preżunzjoni ġenerali — Konvenzjoni ta' Aarhus — Rifjut ta' aċċess għall-fajl — Artikolu 41 tal Karta tad-Drittijiet Fundamentali")

(2018/C 427/44)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Daimler AG (Stuttgart, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Arhold, B. Schirmer u N. Wimmer, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment F. Clotuche-Duvieusart, sussegwentement G. Wilms u F. Clotuche-Duvieusart u finalment H. Krämer u F. Clotuche-Duvieusart, aġenti, assistiti inizjalment minn R. Van der Hout, sussegwentement minn R. Van der Hout u C. Wagner, avukati)

Intervenjenti insostenn tal-kovenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Simm u A. Jensen, aġenti), Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Görlitz u L. Visaggio, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ares(2013) 3715941, tat-13 ta' Diċembru 2013, li tirrifjuta li tagħti aċċess lir-rikorrenti għad-dokumenti relatati mal-proċedura mibdija mir-Repubblika Franċiża skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Settembru 2007, li tistabbilixxi kwadru [qafas] għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (direttiva qafas) (ĠU 2007, L 263, p. 1).

Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni Ares(2013) 3715941 tal-Kummissjoni Ewropea, tat-13 ta' Diċembru 2013, li tirrifjuta li tagħti aċċess lil-Daimler AG għad-dokumenti relatati mal-proċedura mibdija mir-Repubblika Franċiża skont l-Artikolu 29 tad Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal Kunsill, tal-5 ta' Settembru 2007, li tistabbilixxi kwadru [qafas] għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (direttiva qafas) hija annullata.*

2) *Il-Kummissjoni għandha tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti minn Daimler AG.*

3) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

([1]) ĠU C 151, 19.5.2014

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2018 – EAEPC vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-574/14) ([1])

("Kompetizzjoni — Akkordji — Kummerċ parallel ta' prodotti mediċinali — Ftehim li jagħmel distinzjoni bejn il-prezzijiet iffatturati għall-bejgħ mill-ġdid fi Spanja u l-prezzijiet iffatturati fil-każ ta' esportazzjoni lejn Stati Membri oħra — Talba għal eżami mill-ġdid ta' lment wara sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali — Artikolu 266 TFUE — Ċaħda ta' lment — Nuqqas ta' interess tal-Unjoni — Waqfien tal-prattika antikompetittiva — Assenza ta' effetti antikompetittivi persistenti — Teħid ta' konjizzjoni tal-każ minn awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru — Obbligi marbuta ma' investigazzjoni ta' lment — Artikolu 105 TFUE — Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 — Drittijiet proċedurali ta' lanjant — Obbligu ta' motivazzjoni")

(2018/C 427/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: European Association of Euro-Pharmaceutical Companies (EAEPC) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: J. L. Buendía Sierra, L. Ortiz Blanco, Á. Givaja Sanz u M. Araujo Boyd, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castilla Contreras, F. Jimeno Fernández u C. Vollrath, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-kovenuta: GlaxoSmithKline plc (Brentford, ir-Renju Unit) u GlaxoSmithKline SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: inizjalement I. S. Forrester, QC, u A. Komninos, avukat, sussegwentement A. Komninos)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kumissjoni C(2014) 3654 finali tas-27 ta' Mejju 2014, li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrenti dwar ksur tal-Artikolu 101 TFUE allegatament imwettaq minn Glaxo Wellcome SA (Każ COMP/AT.36957 – Glaxo Wellcome)

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Kull waħda mill-partijiet għandha tħallas l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

([1]) ĠU C 409, 17.11.2014

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2018 – Ezz *et* vs Il-Kunsill

(Kawża T-288/15) ([1])

("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu — Iffriżar tal-fondi — Ammissibbiltà — Għanijiet — Kriterji ta' inklużjoni tal-persuni kkonċernati — Proroga tal-inklużjoni tar-rikorrenti fuq il-lista tal-persuni kkonċernati — Bażi fattwali — Eċċezzjoni ta' illegalità — Bażi legali — Proporzjonalità — Dritt għal smigħ xieraq — Preżunzjoni ta' innoċenza — Dritt għal amministrazzjoni tajba — Żball ta' liġi — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Dritt għall-proprjetà — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva")

(2018/C 427/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Ahmed Abdelaziz Ezz (Giza, l-Eġittu), Abla Mohammed Fawzi Ali Ahmed Salama (il-Kajr, l-Eġittu), Khadiga Ahmed Ahmed Kamel Yassin, (Giza), Shahinaz Abdel Azizabdel Wahab Al Naggar (Giza) (rappreżentanti: inizjalment J. Lewis, B. Kennelly, QC, J. Pobjoy, barrister, J. Binns, S. Rowe, solicitors u J.-F. Bellis, avukat, sussegwentement B. Kennelly, J. Pobjoy, S. Rowe u H. de Charette, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bishop u I. Gurov, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, l-ewwel nett tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/486 tal-20 ta' Marzu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2015, L 77, p. 16), it-tieni nett tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/411 tat-18 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2016, L 74, p. 40), u, it-tielet nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/496 tal-21 ta' Marzu 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2017, L 76, p. 22), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ahmed Abdelaziz Ezz u Abla Mohammed Fawzi Ali Ahmed Salama, Khadiga Ahmed Ahmed Kamel Yassin u Shahinaz Abdel Azizabdel Wahab Al Naggar huma kkundannati għall-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

([1]) ĠU C 429, 21.12.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ottubru 2018 – 1&1 Telecom vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-43/16) ([1])

("Rikors għal annullament — Kompetizzjoni — Konċentrazzjonijiet — Suq tal-bejgħ bl-imnut tas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet mobbli u suq tal-bejgħ bl-ingrossa tal-aċċess u tal-oriġini ta' telefonati fil-Ġermanja — Akkwist ta' E-Plus minn Telefónica Deutschland — Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE — Implimentazzjoni tas-sezzjoni mhux-ONM tal-impenji definittivi — Atti li ma jistgħux jiġu kkontestati — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: 1&1 Telecom GmbH (Montabaur, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-O. Murach, avukat, u P. Alexiadis, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Khan, M. Farley u C. Vollrath, aġenti)

Intervenjent insostenn tal-kovenuta: Telefónica Deutschland Holding AG (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Bauer, H.-J. Freund, B. Herbers u K. Baubkus, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-allegata deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinsab fl-ittra tad-19 ta' Novembru 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri korrettivi mhux-ONM previsti fl-impenji definittivi li saru vinkolanti permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4443 finali, tat-2 ta' Lulju 2014, li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE, bla ħsara għall-osservanza ta' ċerti impenji (Każ M.7018 – Telefónica Deutschland/E-Plus).

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *1&1 Telecom GmbH għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni u minn Telefónica Deutschland Holding AG, bl-eċċezzjoni ta' dawk sostnuti mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà miċħuda permezz tad-digriet tat-22 ta' Ġunju 2016, 1&1 Telecom vs Il-Kummissjoni (T-43/16, EU:T:2016:402).*

([1]) ĠU C 106, 21.3.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 26 ta' Settembru 2018 – Puma vs EUIPO – Doosan Machine Tools (PUMA)

(Kawża T-62/16) ([1])

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea PUMA — Trade marks figurattivi internazzjonali preċedenti PUMA — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001]"]

(2018/C 427/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Puma SE (Herzogenaurach, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. González-Bueno Catalán de Ocón, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Folliard-Monguiral u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Doosan Machine Tools Co. Ltd (Seongsan-gu, ir-Repubblika tal-Korea) (rappreżentanti: R. Böhm u S. Overhage, avukati)

Suġġett

Rikors dirett kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Diċembru 2015 (Każ R 1052/2015-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Puma u Doosan Infracore Co. Ltd.

Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-4 ta' Diċembru 2015 (Każ R 1052/2015-4) hija annullata.*

2) *L-EUIPO għandu jbati kemm l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Puma SE.*

3) *Doosan Machine Tools Co. Ltd għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

(1) ĠU C 118, 4.4.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Ottubru 2018 – Rheinmetall Waffe Munition vs EUIPO (VANGUARD)

(Kawża T-93/16) (1)

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea — Trade mark verbali VANGUARD — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Assenza ta' karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001)

(2018/C 427/49)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Rheinmetall Waffe Munition GmbH (Südheide, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Schmidt, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentant: A. Schifko, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Novembru 2015 (Każ R 69/2015-2) dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea tas-sinjal verbali VANGUARD.

Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tad-19 ta' Novembru 2015 (Każ R 69/2015-2) hija annullata.*

2) *L-EUIPO huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 136, 18.4.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018 – Il-Greċja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-272/16) ([1])

("FAEG u FAEŻR — Spejjeż eskluži mill-finanzjament — Spejjeż imġarrba mir-Repubblika Ellenika — Korrezzjonijiet finanzjarji b'rata fissa — Korrezzjonijiet finanzjarji ta' darba — Skema ta' għajnuna skont is-superfiċji — Kunċett ta' mergħat permanenti — Kundizzjonijiet għall-impożizzjoni ta' korrezzjoni b'rata fissa ta' 25 % — Korrezzjoni b'rata fissa ta' 10 % — Korrezzjoni b'rata fissa ta' 5 % — Artikolu 31(4) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 — Kontrolli ewlenin — Kontrolli sekondarji — Miżuri pluriennali — Proġetti fit-tul")

(2018/C 427/50)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: G. Kanellopoulos, O. Tsirkinidou, A. Vasilopoulou, D. Ntourntoureka u E. Leftheriotou, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment D. Triantafyllou u J. Aquilina, sussegwentement D. Triantafyllou, J. Aquilina u K. Skelly, u fl-aħħar D. Triantafyllou u J. Aquilina, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/417 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2016, L 75, p. 16, rettifika fil-ĠU 2016, L 95, p. 20).

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 270, 25.7.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018 – Paice vs EUIPO – Blackmore (DEEP PURPLE)

(Kawża T-328/16) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali DEEP PURPLE — Trade mark preċedenti mhux irreġistrata DEEP PURPLE — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Sistema tal-azzjoni ta' common law kontra l-abbuż tad-denominazzjoni (action for passing off) — Assenza ta' riskju ta' preżentazzjoni qarrieqa")

(2018/C 427/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Ian Paice (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: M. Engelman, barrister, u J. Stephenson, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Gája u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Richard Hugh Blackmore (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: inizjalment minn A. Edwards-Stuart, sussegwentement minn T. Alkin, barristers)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Marzu 2016 (Każ R 736/2015-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn I. Paice u R.H. Blackmore.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ian Paice huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 305, 22.8.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018 – Blackmore vs EUIPO – Paice (DEEP PURPLE)

(Kawża T-344/16) (1)

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali DEEP PURPLE — Trade mark preċedenti mhux irreġistrata DEEP PURPLE — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001] — Sistema tal-azzjoni ta' common law minħabba abbuż ta' denominazzjoni (action for passing off) — Assenza ta' riskju ta' reklamar qarrieqi — Artikolu 177(1)(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/52)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Richard Hugh Blackmore (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: inizjalment A. Edwards-Stuart, sussegwentement T. Alkin, barristers)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Gája u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Ian Paice (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: M. Engelman, barrister, u J. Stephenson, solicitor)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Marzu 2016 (Każ R 736/2015-5), fir-rigward ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn I. Paice u R. H. Blackmore.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Richard Hugh Blackmore huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 314, 29.8.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018 – Blackmore vs EUIPO – Paice (DEEP PURPLE)

(Kawża T-345/16) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali DEEP PURPLE — Trade mark preċedenti mhux irreġistrata DEEP PURPLE — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Sistema tal-azzjoni taħt il-common law dwar misrappreżentazzjoni (action for passing off) — 'Goodwill' — Nuqqas ta' osservanza ta' rekwiżiti formali — Artikolu 177(1)(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Richard Hugh Blackmore (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentant: inizjalment A. Edwards-Stuart, sussegwentement T. Alkin, barristers)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentanti: D. Gája u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Ian Paice (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: M. Engelman, barrister, u J. Stephenson, solicitor)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Marzu 2016 (Każ R 880/2015-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn I. Paice u R. H. Blackmore.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Richard Hugh Blackmore huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 314, 29.8.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2018 – Il-Portugall vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-463/16) ([1])

("FAEG u FAEŻR — Spejjeż eskluži mill-finanzjament — Għajnuna skont is-superfiċji — Tnaqqis u esklużjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli tal-kundizzjonalità — Regolament (KE) Nru 73/2009 — Regolament (KE) Nru 1122/2009 — Regolament (KE) Nru 885/2006 — Proporzjonalità")

(2018/C 427/54)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, M. Figueiredo, J. Saraiva de Almeida u P. Estêvão, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Sauka, aġent, assistit minn M. Marques Mendes u A. Dias Henriques, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2016) 3753, tal-20 ta' Ġunju 2016, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2016, L 173, p. 59), sa fejn din tirrigwarda r-Repubblika Portugiża.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-Repubblika Portugiża għandha tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, tliet kwarti mill-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

3) *Il-Kummissjoni għandha tbati kwart mill-ispejjeż tagħha.*

(1) ĠU C 392, 24.10.2016

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018 – Tataram vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-546/16) (1)

("Servizz pubbliku — Uffiċjali — Adattament tar-remunerazzjonijiet — Regolament (UE) Nru 423/2014 — Rendikont tar-remunerazzjoni — Terminu ta' rikors — Esklużjoni — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/55)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Marina Tataram (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: inizjalment A. Salerno, sussegwentement F. Moyse, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Currall u G. Gattinara, sussegwentement G. Gattinara u L. Radu Bouyon, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-kovenuta: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: E. Taneva u M. Ecker, aġenti), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment M. Bauer u M. Veiga, sussegwentement M. Bauer u R. Meyer, aġenti)

Suġġett

Talba abbażi tal-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni li tiffissa r-remunerazzjoni tar-rikorrenti għal Mejju 2014, kif ikkonkretizzat ruħha fir-rendikont tar-remunerazzjoni għax-xahar imsemmi li ntbagħtilha fil-15 ta' Mejju 2014 u li huwa l-ewwel rendikont li japplika r-Regolament (UE) Nru 423/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2012, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom (ĠU 2014, L 129, p. 12).

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Marina Tataram hija kkundannata għall-ispejjeż.*

3) *Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.*

(1) ĠU C 178, 01.06.2015 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-42/15 u ttrasferita quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-01.09.2016).

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018 – PD vs BEI

(Kawża T-615/16) (1)

("Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Fastidju psikoloġiku — Invalidità totali u permanenti — Talba għal rikonoxximent tal-fatt li l-marda hija kkaġunata mix-xogħol — Rikors ippreżentat qabel l-għeluq tal-proċedura ta' rikonoxximent tal-fatt li l-marda hija kkaġunata mix-xogħol — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: PD (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: B. Maréchal, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) (rappreżentanti: T. Gilliams u G. Faedo, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u l-Artikolu 50a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, intiża, essenzjalment, sabiex il-BEI jikkumpensa d-dannu li r-rikorrent allegatament sostna minħabba l-fastidju psikoloġiku mis-superjur ġerarkiku tiegħu u minħabba l-assenza ta' miżuri xierqa meħuda mill-BEI sabiex jirrimedja din is-sitwazzjoni u jipproteġi s-saħħa tiegħu.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *PD u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

(1) ĠU C 371 tal-10.10.2016 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea taħt in-numru F-45/16 u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2018 – Franza vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-682/16) (1)

("FAEG — Għajnuna skont l-erja — Proċedura għas-sospensjoni tal-pagamenti ta' kull xahar lil Stat Membru — Artikolu 41(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 — Elementi prinċipali tas-sistema ta' kontroll nazzjonali — Nuqqasijiet ikkonstatati — Pjan ta' azzjoni b'indikaturi ta' progress ċari stabbiliti wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni — Proporzjonalità")

(2018/C 427/57)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: F. Alabrune, D. Colas, D. Segoin, A.-L. Desjonquères u S. Horrenberger, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: X. Lewis u D. Triantafyllou, aġenti)

Intervenjent insostenn tar-rikorrenti: Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, M. Figueiredo, P. Estêvão u J. Saraiva de Almeida, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016) 4287, tat-12 ta' Lulju 2016, li tissospendi l-pagamenti ta' kull xahar lir-Repubblika Franċiża, abbażi tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG).

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-Repubblika Franċiża għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

3) *Ir-Repubblika Portugiża għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.*

([1]) ĠU C 441, 28.11.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ottubru 2018 – Multiconnect vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-884/16) ([1])

("Rikors għal annullament — Kompetizzjoni — Konċentrazzjonijiet — Suq tal-bejgħ bl-imnut tas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet mobbli u suq tal-bejgħ bl-ingrossa tal-aċċess u tal-oriġini ta' telefonati fil-Ġermanja — Akkwist ta' E-Plus minn Telefónica Deutschland — Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE — Implimentazzjoni tas-sezzjoni mhux-ONM tal-impenji definittivi — Atti li ma jistgħux jiġu kkontestati — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/58)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Multiconnect GmbH (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-M. Schultze, S. Pautke u C. Ehlenz, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Khan, M. Farley u C. Vollrath, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-allegati deċiżjonijiet tal-Kummissjoni inklużi fl-ittri tal-11 u tad-29 ta' Ottubru 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri korrettivi mhux-ONM previsti fl-impenji definittivi li saru vinkolanti permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4443 finali, tat-2 ta' Lulju 2014, li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE, bla ħsara għall-osservanza ta' ċerti impenji (Każ M.7018 – Telefónica Deutschland/E-Plus).

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet għal intervent imressqa minn Telefónica Deutschland Holding AG u minn Drillisch AG.*

3) *Multiconnect GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

4) *Telefónica Deutschland Holding għandha tbati l-ispejjeż tagħha marbuta mat-talba għal intervent.*

5) *Drillisch għandha tbati l-ispejjeż tagħha marbuta mat-talba għal intervent.*

(1) ĠU C 38, 6.2.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ottubru 2018 – Mass Response Service vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-885/16) (1)

("Rikors għal annullament — Kompetizzjoni — Konċentrazzjonijiet — Suq tal-bejgħ bl-imnut tas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet mobbli u suq tal-bejgħ bl-ingrossa tal-aċċess u tal-oriġini ta' telefonati fil-Ġermanja — Akkwist ta' E-Plus minn Telefónica Deutschland — Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE — Implimentazzjoni tas-sezzjoni mhux-ONM tal-impenji definittivi — Atti li ma jistgħux jiġu kkontestati — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/59)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Mass Response Service GmbH (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentanti: J.-M. Schultze, S. Pautke u C. Ehlenz, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Khan, M. Farley u C. Vollrath, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-allegati deċiżjonijiet tal-Kummissjoni inklużi fl-ittri tal-24 u tad-29 ta' Ottubru 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri korrettivi mhux-ONM previsti fl-impenji definittivi li saru vinkolanti permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4443 finali, tat-2 ta' Lulju 2014, li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE, bla ħsara għall-osservanza ta' ċerti impenji (Każ M.7018 – Telefónica Deutschland/E-Plus).

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet għal intervent imressqa minn Telefónica Deutschland Holding AG u minn Drillisch AG.*

3) *Mass Response Service GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

4) *Telefónica Deutschland Holding għandha tbati l-ispejjeż tagħha marbuta mat-talba għal intervent.*

5) *Drillisch għandha tbati l-ispejjeż tagħha marbuta mat-talba għal intervent.*

(1) ĠU C 38, 6.2.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018 – Proof IT vs EIGE

(Kawża T-914/16) ([1])

(Kuntratti pubbliċi ta' servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Talba għal servizzi maqsuma f'żewġ lottijiet — Servizzi ta' konsulenza ta' ġestjoni — Żamma u aġġornament ta' għodda u ta' riżorsi statistiċi — Ċaħda tal-offerta ta' offerent — Kriterji ta' għoti — Trasparenza — Ugwaljanza fit-trattament — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Responsabbiltà mhux kuntrattwali")

(2018/C 427/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Proof IT SIA (Riga, il-Latvja) (rappreżentanti: J. Jerņeva, u D. Pāvila, avukati)

Konvenut: L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) (rappreżentanti: J. Stuyck, V. Ost u M. Vanderstraeten, avukati)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-EIGE, mibgħuta lir-rikorrenti peremzz ta' ittra li għandha r-riferenza EIGE/VL/mpD/2016/594, tal-14 ta' Ottubru 2016, li tiċħad l-offerta ippreżentata minn din tal-aħħar fil-kuntest taż-żewġ lottijiet dwar is-sejħa għal offerti EIGE/2016/OPER/01, intitolata "Kuntratt qafas dwar il-manutenzjoni u l-aġġornament tal-għodod u r-riżorsi statistiċi relatati mal-ġeneru ta' EIGE" u li tagħti l-kuntratt qafas lil offerent ieħor u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża li tikseb kumpens għad-dannu allegatament sostnut mir-rikorrenti għat-telf ta' opportunità jew it-telf tal-kuntratt stess.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Proof IT SIA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 78, 13.3.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2018 – Mellifera vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-12/17) ([1])

("Protezzjoni tal-konsumaturi — Regolament ta' implementazzjoni (UE) 2016/1056 — Regolament ta' implimentazzjoni li jestendi l-perijodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva 'glifosat' — Regolament (KE) Nru 1367/2006 — Talba għal reviżjoni interna — Artikolu 2(1)(g) u Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1367/2006 — Miżura ta' portata individwali — Konvenzjoni ta' Aarhus")

(2018/C 427/61)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Mellifera eV, Vereinigung für wesensgemäße Bienenhaltung (Rosenfeld, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Willand, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara u C. Hermes, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ares (2016) 6306335, tas-8 ta' Novembru 2016, li tiċħad talba għal reviżjoni interna, ibbażata fuq l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Settembru 2006, dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità Ewropea tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU 2006, L 264, p. 13), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1056, tal-29 ta' Ġunju 2016, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 f'dak li għandu x'jaqsam mal-estensjoni tal-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva "glifosat" (ĠU 2016, L 173, p. 52).

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Mellifera eV, Vereinigung für wesensgemäße Bienenhaltung hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.*

(1) ĠU C 63, 27.2.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018 – Constantinescu vs Il-Parlament

(Kawża T-17/17) (1)

("Servizz pubbliku — Uffiċjali — Skolarità — Ammissjoni f'ċentru ta' ħarsien ta' tfal żgħar matul il-jum — Deċiżjoni ta' reġistrazzjoni ta' wild f'ċentru ta' ħarsien ta' tfal żgħar matul il-jum differenti minn dak li fih dan kien preċedentement irreġistrat — Indikazzjoni żbaljata tal-konvenut fir-rikors — Inammissibbiltà — Responsabbiltà")

(2018/C 427/62)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Radu Constantinescu (Kreuzweiler, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Blot, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: E. Taneva u L. Deneys, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju "Infrastruttura u Loġistika" fil-Lussemburgu (OIL) li t-tifel tar-rikorrent jiġi rreġistrat maċ-ċentru ta' ħarsien ta' tfal żgħar matul il-jum tal-Iskola Ewropea tal-Lussemburgu II – Bertrange-Mamer u, għaldaqstant, li tiġi rrifjutata l-ammissjoni tiegħu maċ-ċentru ta' ħarsien ta' tfal żgħar matul il-jum tal-Iskola Ewropea tal-Lussemburgu I – Kirchberg, kif ukoll tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2016 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent, u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu materjali u morali li r-rikorrent allegatament issubbixxa.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Il-Parlament Ewropew huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 70, 6.3.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Ottubru 2018 – LA Superquimica vs EUIPO – D-Tack (D-TACK)

(Kawża T-24/17) ([1])

(Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali D-TACK — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti TACK — Prova tal-użu ġenwin tat-trade mark preċedenti — Użu f'forma differenti — Ċaħda tal-oppożizzjoni — It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1)(a) u l-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li saru t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1)(a) u l-Artikolu 47(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Regola 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 2868/1995 (li sar l-Artikolu 8(1) u (7) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/625)

(2018/C 427/63)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: LA Superquimica, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: A. Canela Giménez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: D-Tack GmbH (Hüttlingen, il-Ġermanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra r-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Novembru 2016 (Każ R 1983/2015-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn LA Superquimica u D-Tack.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud*

2) *LA Superquimica, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 86, 20.3.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 27 ta' Settembru 2018 – TenneT Holding vs EUIPO – Ngrid Intellectual Property (NorthSeaGrid)

(Kawża T-70/17) ([1])

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea NorthSeaGrid — Trade marks figurattiva u verbali preċedenti tal-Unjoni Ewrpea nationalgrid — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001]"]

(2018/C 427/64)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: TenneT Holding BV (Arnhem, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: K. Limperg, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Ngrid Intellectual Property Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: F. Traub, solicitor)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Novembru 2016 (Każ R 1607/2015-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ngrid Intellectual Property u TenneT Holding

Dispożittiv

1) *Il-punt 1 tad-dispożittiv tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Novembru 2016 (Każ R 1607/2015-5), dwar proċedementi ta' oppożizzjoni bejn Ngrid Intellectual Property Ltd u TenneT Holding BV hija annullata.*

2) *L-EUIPO għandu jbati kemm l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn TenneT Holding.*

3) *Ngrid Intellectual Property għandha tbati l-ispejjeż proprji tagħha.*

(1) ĠU C 104, 3.4.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2018 – Spiegel–Verlag Rudolf Augstein u Sauga vs BĊE

(Kawża T-116/17) (1)

("Aċċess għal dokumenti — Deċiżjoni 2004/258/KE — Dokumenti li jikkonċernaw id-dejn pubbliku u defiċit baġitarju ta' Stat Membru — Rifjut ta' aċċess — Eċċezzjonijiet dwar il-politika ekonomika tal-Unjoni u ta' Stat Membru")

(2018/C 427/65)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Spiegel-Verlag Rudolf Augstein GmbH & Co. KG (Hamburg, il-Ġermanja) u Michael Sauga (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Koreng u T. Feldmann, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (rappreżentanti: F. von Lindeiner u T. Filipova, aġenti, assistiti minn D. Sarmiento Ramírez-Escudero u L. E. Capiel, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE kkomunikata lir-rikorrenti permezz ta' ittra tal-15 ta' Diċembru 2016, li tiċħad it-talba tagħhom għal aċċess għal żewġ dokumenti li jikkonċeranaw id-defiċit u d-dejn pubbliku tar-Repubblika Ellenika.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Spiegel-Verlag Rudolf Augstein GmbH & Co. KG u Michael Sauga għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk sostnuti mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).*

(1) ĠU C 121, 18.4.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 11 ta' Ottubru 2018 – M&T Emporia Ilektrikon-Ilektronikon Eidon vs EUIPO (fluo.)

(Kawża T-120/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea fluo. — Ċaħda parzjali tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Rewgolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")

(2018/C 427/66)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: M&T Emporia Ilektrikon-Ilektronikon Eidon AE (Thessalonique, il-Greċja) (rappreżentant: A. Spyridonos, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M.d.M. Baldares u J. Ivanauskas, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Diċembru 2016 (Każ R 863/2016-2), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv fluo. bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

1) *Il-punt 2 tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-2 ta' Diċembru 2016 (Każ R 863/2016-2) huwa annullat.*

2) *L-EUIPO għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn M & T Emporia Ilektrikon-Ilektronikon Eidon AE, inkluż l-ispejjeż indispensabbli sostnuti għall-finijiet tal-proċediment quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.*

([1]) ĠU C 121, 18.4.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fl-4 ta' Ottubru 2018 – Asolo vs EUIPO – Red Bull (FLÜGEL)

(Kawża T-150/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali FLÜGEL — Trade marks nazzjonali verbali preċedenti…VERLEIHT FLÜGEL u RED BULL VERLEIHT FLÜÜÜGEL — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Limitazzjoni bħala konsegwenza ta' kunsens — Artikolu 54(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 61(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001] — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Assenza ta' xebh tal-prodotti — Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 60(1)(a) tar-Regolament 2017/1001] — Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1) tar-Regolament 2017/1001]")

(2018/C 427/67)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Asolo LTD (Limassol, Ċipru) (rappreżentanti: W. Pors u N. Dorenbosch, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentanti: M. Capostagno, A. Folliard-Monguiral u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Red Bull GmbH (Fuschl am See, l-Awstrija) (rappreżentanti: A. Renck u S. Petivlasova, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-17 ta' Novembru 2016 (Każ R 282/2015-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Red Bull u Asolo.

Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-17 ta' Novembru 2016 (Każ R 282/2015-5) hija annullata sa fejn hija tiċħad l-appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni li tiddikjara li t-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali FLÜGEL hija invalida għal-prodotti "xorb alkoħoliku (bl-eċċezzjoni tal-birra)" u "essenzi alkoħoliċi; l-estratti alkoħoliċi; l-estratti tal-frott bl-alkoħol" fil-klassi 33 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud..*

3) *L-EUIPO u Red Bull GmbH huma kkundannati kemm għall-ispejjeż tagħhom kif ukoll għal dawk sostnuti minn Asolo Ltd.*

(1) ĠU C 129, 24.4.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Ottubru 2018 – Unipreus vs EUIPO – Wallapop (wallapop)

(Kawża T-186/17) (1)

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva wallapop — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti wala w — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Xebh tas-servizzi")

(2018/C 427/68)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Unipreus, SL (Lleida, Spanja) (rappreżentant: C. Rivadulla Oliva, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentanti: D. Bernabeu, D. Gája u J. Crespo Carrillo, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Wallapop, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: X. Fàbrega Sabaté u J. Sánchez Sánchez-Crespo, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Jannar 2017 (Każ R 2350/2015-5) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Unipreus u Wallapop.

Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Jannar 2017 hija annullata, sa fejn din ikkonkludiet li s-servizzi inkwistjoni fil-Każ R 2350/2015-5 kienu differenti.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *L-EUIPO għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk sostnuti minn Unipreus, SL.*

4) *Wallapop, SL, għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.*

(1) ĠU C 161, 22.5.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2018 – M J Quinlan & Associates vs EUIPO – Intersnack Group (Forma ta' kangarù)

(Kawża T-219/17) (1)

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' dekadenza — Trade mark tridimensjonali li tippreżenta il-forma ta' kangarù — Dikjarazzjoni ta' dekadenza — Użu ġenwin tat-trade mark — Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001] — Prova tal-użu ġenwin — Natura tal-użu"]

(2018/C 427/69)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: M J Quinlan & Associates Pty Ltd (Hope Island, Queensland, l-Awstralja) (rappreżentanti: M. Freiherr von Welser u A. Bender, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Söder u D. Hanf, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Intersnack Group GmbH & Co. KG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Lampel, J. Heidenreich u M. Pfaff, avukati)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Jannar 2017 (Każ R 218/2016-2), dwar proċedimenti ta' dekadenza bejn M J Quinlan & Associates Pty u Intersnack Group.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *M J Quinlan & Associates Pty Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 178, 6.6.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali ta-3 ta' Ottubru 2018 – Wajos vs EUIPO (Forma ta' flixkun)

(Kawża T-313/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade mark tridimensjonali tal-Unjoni Ewropea — Forma ta' flixkun — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")

(2018/C 427/70)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Wajos GmbH (Dohr, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Schneiders, R. Krillke u B. Schneiders, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Graul u M. Fischer, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Frar 2017 (Każ R 1526/2016-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kkostitwit mill-forma ta' flixkun bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

1) *Id-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-15 ta' Frar 2017 (Każ R 1526/2016-1) huwa annullat.*

2) *L-EUIPO huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 231, 17.7.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Ottubru 2018 – Cuervo y Sobrinos 1882 vs EUIPO – A. Salgado Nespereira (Cuervo y Sobrinos LA HABANA 1882)

(Kawża T-374/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Cuervo y Sobrinos LA HABANA 1882 — Trade marks verbali nazzjonali preċedenti CUERVO Y SOBRINO — Raġuni relattiva għal rifjut — Xebh tal-prodotti — Xebh tas-sinjali — Artikolu 53(1)(a) u Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li saru l-Artikolu 60(1)(a) u l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolamemt (UE) 2017/1001) — Mala fide — Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 (li saru l-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolamemt 2017/1001)")

(2018/C 427/71)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Cuervo y Sobrinos 1882, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: inizjalment minn S. Ferrandis González u V. Balaguer Fuentes, sussegwentement minn S. Ferrandis González, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Crawcour u D. Hanf, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: A. Salgado Nespereira, SA (Ourense, Spanja) (rappreżentant: J. L. Rivas Zurdo, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Marzu 2017 (Każ R 1141/2016-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn A. Salgado Nespereira u Cuervo y Sobrinos 1882.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-rikors inċidentali huwa miċħud.*

3) *Cuervo y Sobrinos 1882, SL għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess u nofs l-ispejjeż sostnuti mill-EUIPO.*

4) *A. Salgado Nespereira, SA għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess u nofs l-ispejjeż sostnuti mill-EUIPO.*

(1) ĠU C 256, 7.8.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Settembru 2018 – Grendene vs EUIPO – Hipanema (HIPANEMA)

(Kawża T-435/17) (1)

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea — Trade mark figurattiva HIPANEMA — Trade marks figurattivi preċedenti tal-Unjoni Ewropea u nazzjonali Ipanema u iPANEMA — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' xebh tal-prodotti — Komplementarjetà estetika — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar- Regolament (UE) 2017/1001]")

(2018/C 427/72)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Grendene, SA (Sobral, il-Brażil) (rappreżentant: J. L. de Castro Hermida, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentant: V. Ruzek, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Hipanema (Pariġi, Franza) (rappreżentant: M. Witukiewicz Sebban, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Jannar 2017 (Każ R 629/2016-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Grendene u Hipanema.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Grendene, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 283, 28.8.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2018 – Sevenfriday vs EUIPO (SEVENFRIDAY)

(Kawża T-448/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea SEVENFRIDAY — trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea SEVEN — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001]")

(2018/C 427/73)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sevenfriday AG (Zürich, l-Isvizzera) (rappreżentanti: M. Mostardini, F. Mellucci, S. Pallavicini u G. Bellomo, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Crespo Carrillo u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Seven SpA (Leinì, l-Italja) (rappreżentanti: L. Trevisan, avukat)

Suġġett

Talba ppreżentata kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Mejju 2017 (Każ R 2291/2016-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Seven u Sevenfriday.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Sevenfriday AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 300, 11.9.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2018 – Sevenfriday vs EUIPO – Seven (SEVENFRIDAY)

(Kawża T-449/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali SEVENFRIDAY — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti SEVEN — Reġistrazzjoni internazzjonali li tiddenota l-Unjoni Ewropea — Trade mark figurattiva preċedenti 7SEVEN — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001]")

(2018/C 427/74)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sevenfriday AG (Zurich, l-lsvizzera) (rappreżentanti: M. Mostardini, F. Mellucci, S. Pallavicini u G. Bellomo, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Crespo Carrillo u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Seven SpA (Leinì, l-Italja) (rappreżentant: L. Trevisan, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Mejju 2017 (Każ R 2292/2016-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Seven u Sevenfriday.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Sevenfriday AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 300, 11.9.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2018 – Wilhelm Sihn jr. vs EUIPO – in-edit (Camele'on)

(Kawża T-472/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni figurattiva Camele'on — Trade marks internazzjonali u nazzjonali verbali preċedenti CHAMELEON — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' xebh — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")

(2018/C 427/75)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Wilhelm Sihn jr. GmbH & Co. KG (Niefern-Öschelbronn, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Twelmeier, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: P. Sipos, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: in-edit Sàrl (Mondorf-les-Bains, il-Lussemburgu)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Mejju 2017 (Każ R 570/2016-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Wilhelm Sihn jr. u in-edit.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Wilhelm Sihn jr. GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 330, 2.10.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Ottubru 2018 – L-Shop-Team vs EUIPO (bags2GO)

(Kawża T-561/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea bags2GO — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")

(2018/C 427/76)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: L-Shop-Team GmbH (Dortmund, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Sautter, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Mensing u A. Söder, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal- 14 ta' Ġunju 2017 (Każ R 1650/2016-5), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv bags2GO bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *L-Shop-Team GmbH hija kkundannata għall-ispejjez.*

([1]) ĠU C 347, 16.10.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2018 – Demp vs EUIPO (Taħlita tal-kuluri isfar u griż)

(Kawża T-595/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea li tikkonsisti f'taħlita tal-kuluri isfar u griż — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")

(2018/C 427/77)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Demp BV (Vianen, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: C. Gehweiler, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-10 ta' Lulju 2017 (Każ R 1624/2016-5), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal ta' kulur li jikkonsisti f'taħlita tal-kuluri isfar u griż bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Demp BV hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 357, 23.10.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ottubru 2018 – Erdősi Galcsikné vs Il-Kummssjoni

(Kawża T-632/17) (1)

("Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti dwar il-proċedura EU Pilot Nru 8572/16 CHAP(2015) 00353 — Rifjut ta' aċċess — It-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 — Eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta' investigazzjoni — Preżunjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità — Interess pubbliku superjuri")

(2018/C 427/78)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Éva Erdősi Galcsikné (Budapest, l-Ungerija) (rappreżentant: D. Lazar, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Erlbacher u C. Ehrbar, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: L-Ungerija (rappreżentanti: M. Fehér, G. Koós u M. Tátrai, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-1 ta' Ġunju u tas-17 ta' Lulju 2017 tal-Kummissjoni li jirrifjutaw li r-rikorrenti tingħata aċċess għad-dokumenti dwar il-proċedura EU Pilot Nru 8572/16 CHAP (2015) 00353.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Éva Erdősi Galcsikné għandha tbati l-ispejjez tagħha stess kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.*

3) *L-Ungerija għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.*

(1) ĠU C 382, 13.11.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ottubru 2018 – Sárossy vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-633/17) (1)

("Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti relatati mal-proċedura EU Pilot Nru 8572/16 CHAP(2015) 00353 — Rifjut ta' aċċess — It-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 — Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta' investigazzjoni — Preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità — Interess pubbliku superjuri")

(2018/C 427/79)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Róbert Sárossy (Budapest, l-Ungerija) (rappreżentant: D. Lazar, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Erlbacher u C. Ehrbar, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-kovenuta: l-Ungerija (rappreżentanti: M. Fehér, G. Koós u M. Tátrai, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet tat-12 ta' Ġunju u tas-17 ta' Lulju 2017 tal-Kummissjoni li jirrifjutaw li jagħtu lir-rikorrent l-aċċess għad-dokumenti relatati mal-proċedura EU Pilot Nru 8572/16 CHAP(2015) 00353.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Róbert Sárossy għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.*

3) *L-Ungerija għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.*

(1) ĠU C 382, 13.11.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ottubru 2018 – Pint vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-634/17) (1)

("Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti relatati mal-proċedura EU Pilot Nru 8572/16 CHAP(2015) 00353 — Rifjut ta' aċċess — It-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 — Eċċezzjonijiet relatata mal-protezzjoni tal-għanijiet ta' investigazzjoni — Preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità — Interess pubbliku superjuri")

(2018/C 427/80)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermanja

Partijiet

Rikorrent: Anikó Pint (Göd, l-Ungerija) (rappreżentant: D. Lazar, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Erlbacher u C. Ehrbar, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-Kummissjoni Ewropea: l-Ungerijae (rappreżentanti: M. Fehér, G. Koós u M. Tátrai, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ġunju u tas-17 ta' Lulju 2017 li jirrifjutaw lir-rikorrenti l-aċċess għad-dokumenti relatati mal-proċedura EU Pilot Nru 8572/16 CHAP (2015) 00353.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Anikó Pint għandu jbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, dawk sostnuti mill-Kummissjoni.*

3) *L-Ungerija għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

(1) ĠU C 382, 13.11.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ottubru 2018 – De Longhi Benelux vs EUIPO (COOKING CHEF GOURMET)

(Kawża T-697/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea COOKING CHEF GOURMET — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/1001)"

(2018/C 427/81)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: De Longhi Benelux SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: M. Arnott, A. Nicholls, solicitors, u G. Hollingworth, barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Bonne, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Lulju 2017 (Każ R 231/2017-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali COOKING CHEF GOURMET bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *De Longhi Benelux hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 5, 8.1.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2018 – Ntolas vs EUIPO – General Nutrition Investment (GN Laboratories)

(Kawża T-712/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali GN Laboratories — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti GNC — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")

(2018/C 427/82)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Christos Ntolas (Wuppertal, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Renger, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentanti: P. Sipos u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: General Nutrition Investment Co. (Wilmington, Delaware, Arizona, l-Istati Uniti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Lulju 2017 (Każ R 2358/2016-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn General Nutrition Investment u C. Ntolas.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Christos Ntolas huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 437, 18.12.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018 – Lincoln Global vs EUIPO (FLEXCUT)

(Kawża T-736/17) ([1])

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali FLEXCUT — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001]")

(2018/C 427/83)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Lincoln Global, Inc. (Santa Fe Springs, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: K. Piepenbrink, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentanti: J. Ivanauskas u D. Walicka, agenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Awwissu 2017 (Każ R 2225/2016-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali FLEXCUT bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Lincoln Global, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 13, 15.1.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018 – Frinsa del Noroeste vs EUIPO – Alimentos Friorizados (Alfrisa)

(Kawża T-820/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Alfrisa — Trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea Frinsa F — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001]")

(2018/C 427/84)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Frinsa del Noroeste, SA (Santa Eugenia de Ribeira, Spanja) (rappreżentant: J. Botella Reyna, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Alimentos Friorizados, SA (Barberá del Vallés, Spanja) (rappreżentant: S. de Nadal Arce, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Settembru 2017 (Każ R 956/2017-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Frinsa del Noroeste u Alimentos Friorizados.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Frinsa del Noroeste, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 94, 12.3.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2018 – Carbon System Verwaltungs vs EUIPO (LIGHTBOUNCE)

(Kawża T-825/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea LIGHTBOUNCE — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001]")

(2018/C 427/85)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Carbon System Verwaltungs GmbH (Marktheidenfeld, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Gilch u L. Petri, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentanti: S. Hanne u D. Walicka, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat mid-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-11 ta' Ottubru 2017 (Każ R 2301/2016-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali LIGHTBOUNCE bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Carbon System Verwaltungs GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 52, 12.2.2018.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Settembru 2018 – Roeckl Sporthandschuhe vs EUIPO – Roeckl Handschuhe & Accessoires (Rappreżentazzjoni ta' id)

(Kawża T-537/13) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2018/C 427/86)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Roeckl Sporthandschuhe GmbH & Co. KG (München, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Baumann, C. Straßberger u F. Römisch, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Roeckl Handschuhe & Accessoires GmbH & Co. KG (München, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Kinkeldey, J. Springer, A. Wagner u S. Brandstätter, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Lulju 2013 (Każ R 1866/2012-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Roeckl Sporthandschuhe u Roeckl Handschuhe & Accessoires.

Dispożittiv

1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

2) *Roeckl Sporthandschuhe GmbH & Co. KG u Roeckl Handschuhe & Accessoires GmbH & Co. KG huma kkundannati ibatu l-ispejjeż tagħhom stess, kif ukoll, kull waħda, nofs l-ispejjeż tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).*

([1]) ĠU C 367, 14.12.2013.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2018 – HS vs BEI

(Kawża T-589/16)

("Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni Ammont ittrasferit — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Proċedura prekontenzjuża — Proċedura ta' konċiljazzjoni quddiem il-BEI — Terminu raġonevoli — Inammissibbiltà manifesta")

(2018/C 427/87)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: HS (rappreżentant: inizjalment A. Senes u L. Payot, sussegwentement A. Senes, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investiment (rappreżentanti: inizjalment T. Gilliams, G. Nuvoli, P. Kijver u G. Faedo, sussegwentement T. Gilliams, P. Kijver u G. Faedo, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament subiet minħabba nuqqasijiet imwettqa mill-BEI fil-kuntest tat-trasferiment tad-drittijiet tagħha għall-pensjoni mill-iskema ta' pensjoni nazzjonali lejn l-iskema ta' pensjoni tal-BEI.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *HS hija kkundannata għall-ispejjeż.*

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2018 – RZ vs KESE u Il-Kumitat tar-Reġjuni

(Kawża T-192/17) ([1])

("Servizz pubbliku — Uffiċjali — [kunfidenzjali]** ([2]) **— Rikors għal annullament u għad-danni — Assenza ta' att li jikkkawża preġudizzju — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/88)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: RZ (rappreżentant: M.-A. Lucas, avukat)

Konvenuti: Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (rappreżentanti: M. Pascua Mateo, K. Gambino u L. Camarena Januzec, aġenti, assistiti minn M. Troncoso Ferrer u F.-M. Hislaire, avukati), Il-Kumitat tar-Reġjuni (rappreżentanti: S. Bachotet, M. Antonini u M. Esparrago Arzadun, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, essenzjalment, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-11 ta' Mejju 2016 li permezz tagħha s-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni [*kunfidenzjali*], servizzi konġunt bejn il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), [*kunfidenzjali*] u min-naħa l-oħra, għall-ksib ta' kumpens għad-danni li r-rikorrent allegatament sostna minħabba dawn id-deċiżjonijiet.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *RZ huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 178, 6.6.2017.
(2) Informazzjoni kunfidenzjali moħbija.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Settembru 2018 – SC vs Eulex Kosovo

(Kawża T-242/17) (1)

("Rikors għal annullament u għad-danni — Klawżola ta' arbitraġġ — Politika estera u ta' sigurtà komuni — Persunal tal-missjonijiet internazzjonali tal-Unjoni — Kuntratti ta' reklutaġġ għal żmien determinat suċċessivi — Kompetizzjoni interna — Imparzjalità tal-Bord tal-Għażla — Nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt għal żmien determinat — Klassifikazzjoni parzjali mill-ġdid tar-rikors — Responsabbiltà kuntrattwali — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Dannu materjali u morali — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt")

(2018/C 427/89)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: SC (rappreżentanti: L. Moro u A. Kunst, avukati)

Konvenuta: Eulex Kosovo (rappreżentant: E. Raoult, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-kandidatura tagħha fil-kompetizzjoni interna organizzata minn Eulex Kosovo fl-2016 għall-pożizzjoni ta' prosekutur (Kompetizzjoni EK 30077) u tad-deċiżjoni ta' din il-missjoni li ma ġġeddidx il-kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat tar-rikorrenti, fit-tieni lok, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex tikseb kumpens għad-dannu materjali u morali li r-rikorrenti allegatament ġarrbet minħabba l-ksur minn Eulex Kosovo tal-obbligi mhux kuntrattwali tagħha u, fit-tielet lok, talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża għall-kundanna ta' Eulex Kosovo għal kumpens għall-ksur tal-obbligi kuntrattwali tagħha.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *SC hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 231, 17.7.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2018 – RE vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-257/17) ([1])

("Rikors għal annullament u għad-danni — Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Rifjut impliċitu ta' aċċess — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni — Rifjut espliċitu ta' aċċess — Adattament tat-talbiet — Artikolu 86(4)(a) u (b) tar-Regoli tal-Proċedura — Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/90)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: RE (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Buchet u C. Ehrbar, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament ta' deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni Ewropea li tiċħad it-talba konfermattiva għal aċċess għal dokumenti mressqa mir-rikorrent fl-20 ta' Jannar 2017 kif ukoll id-Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni C(2017) 3718 final, tal-24 ta' Mejju 2017, sa fejn hija tirrifjuta l-aċċess għal nota li tikkonċerna r-reklutaġġ tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex tikseb kumpens għad-danni allegatament subiti mir-rifjut ta' aċċess għal dawn id-dokumenti kif ukoll mid-dewmien fl-eżami tat-talba għal aċċess għall-imsemmija dokumenti.

Dispożittiv

1) *Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni Ewropea li tiċħad it-talba konfermattiva għal aċċess għal dokumenti mressqa minn REt fl-20 ta' Jannar 2017.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

([1]) ĠU C 221, 10.7.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2018 – Leino-Sandberg vs Il-Parlament

(Kawża T-421/17) ([1])

("Aċċess għal dokumenti — Dokument dwar id-deċiżjoni li tirrifjuta lil terz l-aċċess sħiħ għat-tabelli tat-trilogi li jirrelataw mal-Proposta ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Europol u li jħassru d-Deċiżjonijiet 2009/371/ĠAI u 2005/681/ĠAI — Rifjut ta' aċċess — It-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji — Żvelar wara l-preżentata tar-rikors — Tmiem tal-interess ġuridiku — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2018/C 427/91)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Päivi Leino-Sandberg (Ħelsinki, il-Finlandja) (rappreżentanti: O. Brouwer u S. Schubert, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: C. Burgos, S. Alves u I. Anagnostopoulou, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew A(2016) 15112, tat-3 ta' April; 2017, li tirrifjuta li tagħti lir-rikorrenti l-aċċess għad-Deċiżjoni tal-Parlament A(2015) 4931, tat-8 ta' Lulju 2015, indirizzata lil Emilio De Capitani.

Dispożittiv

1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors ta' Päivi Leino-Sandberg.*

2) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju tal-Isvezja.*

3) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess, inklużi dawk relatati mat-talbiet għal intervent.*

4) *Ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu kull wieħed minnhom l-ispejjeż tagħhom stess. Ser tiġi trażmessa lilhom kopja ta' dan id-digriet.*

(1) ĠU C 293, 4.9.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Gratis iç ve Dis Ticaret vs EUIPO (gratis)

(Kawżi magħquda T-495/17 u T-496/17) (1)

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjonijiet għat-trade marks figurattivi tal-Unjoni Ewropea gratis — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Rikors manifestament infondat fid-dritt")

(2018/C 427/92)

Lingwa tal-kawża: Olandiż

Partijiet

Rikorrenti: Gratis iç ve Dis Ticaret AŞ (Istanbul, it-Turkija), awtorizzata tissostitwixxi lil Sedes Holding AŞ (rappreżentanti: K. Ongena u C. Du Jardin, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Vuijst u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

Suġġett

Rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Mejju 2017 (Każijiet R 506/2017-2 u R 507/2017-2), dwar applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tas-sinjali figurattivi gratis bħala trade marks tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

1) *Ir-rikorsi huma miċħuda.*

2) *Gratis iç ve Dis Ticaret AŞ hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 318, 25.9.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2018 – Activa Minoristas del Popular vs BĊE u BUR

(Kawża T-618/17) ([1])

("Rikors għal annullament — Politika ekonomika u monetarja — Adozzjoni ta' dispożittiv ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español — Rikors għal annullament — Assoċjazzjoni stabbilita wara l-adozzjoni tal-att ikkontestat — Nuqqas ta' inċidenza diretta — Inammissibbiltà manifesta")

(2018/C 427/93)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Activa Minoristas del Popular Asociación para la tutela de los inversores minoristas afectados por la resolución, supervisión y gestión del Banco Popular (Madrid, Spanja) (rappreżentant: C. Arredondo Díaz, avukat)

Konvenuti: Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: R. Ugena Torrejon u A. Lefterov, aġenti), il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (rappreżentanti: inizjalment B. Meyring, S. Schelo, F. Málaga Diéguez, F. Fernández de Trocóniz Robles, T. Klupsch, M. Bettermann, L. Baudenbacher u S. Ianc, sussegwentement B. Meyring, S. Schelo, F. Málaga Diéguez, F. Fernández de Trocóniz Robles, T. Klupsch, M. Bettermann, S. Ianc et M. Rickert, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni SRB/EES/2017/08 tal-BUR, tas-7 ta' Ġunju 2017, li tirrigwarda dispożittiv ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español, SA.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud*

2) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal intervent ta' Banco Santander, SA, ta' Banco Popular Español, SA, tar-Renju ta' Spanja, tal-Kummissjoni Ewropea u ta' Chavela Inmuebles, SL.*

3) *Activa Minoristas del Popular Asociación para la tutela de los inversores minoristas afectados por la resolución, supervisión y gestión del Banco Popular hija kkundannata għall-ispejjeż bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati mat-talbiet għal intervent.*

4) *Banco Santander, Banco Popular Español, ir-Renju ta' Spanja, il-Kummissjoni u Chavela Inmuebles għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mat-talbiet tagħhom għal intervent.*

([1]) ĠU C 13, 15.1.2018

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2018 – eSlovensko vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-664/17) ([1])

("Rikors għal annullament — Sussidji — Konstatazzjoni ta' irregolaritajiet — Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar sanzjoni amministrattiva — Esklużjoni ta' proċeduri ta' għoti ta' kuntratt u ta' għoti ta' sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għal tul ta' sentejn — Inklużjoni abbażi tad-data tas-sistema ta' detezzjoni rapida u ta' esklużjoni — Kontestazzjoni — Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura — Ksur tar-rekwiżiti formali — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/94)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: eSlovensko (Lučenec, is-Slovakkja) (rappreżentant: B. Fridrich, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Dintilhac u L. Flynn, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-21 ta' Ġunju 2017, dwar sanzjoni amministrattiva ta' esklużjoni tar-rikorrenti mill-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti u ta' sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għal tul ta' 24 xahar u li tinkludiha, konsegwentement, fil-bażi ta' data tas-sistema ta' detezzjoni rapida u ta' esklużjoni prevista fl-Artikolu 108(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1).

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *eSlovensko għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

([1]) ĠU C 424, 11.12.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Settembru 2018 – OPS Újpest vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-708/17) ([1])

("Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna implimentata mill-Ungerija favur impriżi li impjegaw ħaddiema b'diżabbiltà — Proċedura preliminari ta' eżami — Deċiżjonijiet allegati tal-Kummissjoni li jiddikjaraw il-miżura ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Tardività — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/95)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Rikorrenti: OPS Újpesti Csökkentmunkaképességűek Ipari és Kereskedelmi Kft. (OPS Újpest Kft.) (Budapest, l-Ungerija) (rappreżentant: L. Szabó, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Bottka u C. Georgieva-Kecsmar, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet li l-Kummissjoni kienet allegatament adottat dwar l-ilmenti SA.29432 – CP 290/2009 – l-Ungerija – Għajnuna fil-qasam ta' reklutaġġ ta' ħaddiema b'diżabbiltà allegatament illegali minħabba n-natura diskriminatorja tal-leġiżlazzjoni u SA.45498 (FC/2016) – Ilment ta' OPS Újpest-lift Kft dwar l-għajnuna mill-Istat imħallsa lill-impriżi li impjegaw ħaddiema b'diżabbiltà bejn 2006 u 2012.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *OPS Újpesti Csökkentmunkaképességűek Ipari és Kereskedelmi Kft. (OPS Újpest Kft.) hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 437, 18.12.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Settembru 2018 – M-Sansz vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-709/17) (1)

("Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna implimentata mill-Ungerija favur impriżi li impjegaw ħaddiema b'diżabbiltà — Proċedura preliminari ta' eżami — Deċiżjonijiet allegati tal-Kummissjoni li jiddikjaraw il-miżura ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern — Kunċett ta' persuna interessata — Nuqqas ta' inċidenza individwali — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/96)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Rikorrenti: M-Sansz Kereskedelmi, Termelő és Szolgáltató Kft. (M-Sansz Kft.) (Pécs, l-Ungerija) (rappreżentant: L. Szabó, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Bottka u C. Georgieva-Kecsmar, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet li l-Kummissjoni kienet allegatament adottat dwar l-ilmenti SA.29432 – CP 290/2009 – l-Ungerija – Għajnuna fil-qasam ta' reklutaġġ ta' ħaddiema b'diżabbiltà allegatament illegali minħabba n-natura diskriminatorja tal-leġiżlazzjoni u SA.45498 (FC/2016) – Ilment ta' OPS Újpest-lift Kft dwar l-għajnuna mill-Istat imħallsa lill-impriżi li impjegaw ħaddiema b'diżabbiltà bejn 2006 u 2012.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *M-Sansz Kereskedelmi, Termelő és Szolgáltató Kft. (M-Sansz Kft.) hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 437, 18.12.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Settembru 2018 – Lux-Rehab Non-Profit vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-710/17) ([1])

("Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna implimentata mill-Ungerija favur impriżi li impjegaw ħaddiema b'diżabbiltà — Proċedura preliminari ta' eżami — Deċiżjonijiet allegati tal-Kummissjoni li jiddikjaraw il-miżura ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern — Kunċett ta' persuna interessata — Nuqqas ta' inċidenza individwali — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/97)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Rikorrenti: Lux-Rehab Foglalkoztató Non-Profit Kft. (Lux-Rehab Non-Profit Kft.) (Szombathely, l-Ungerija) (rappreżentant: L. Szabó, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Bottka u C. Georgieva-Kecsmar, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet li l-Kummissjoni kienet allegatament adottat dwar l-ilmenti SA.29432 – CP 290/2009 – l-Ungerija – Għajnuna fil-qasam ta' reklutaġġ ta' ħaddiema b'diżabbiltà allegatament illegali minħabba n-natura diskriminatorja tal-leġiżlazzjoni u SA.45498 (FC/2016) – Ilment ta' OPS Újpest-lift Kft dwar l-għajnuna mill-Istat imħallsa lill-impriżi li impjegaw ħaddiema b'diżabbiltà bejn 2006 u 2012.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Lux-Rehab Foglalkoztat6 Non-Profit Kft. (Lux-Rehab Non-Profit Kft.) hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 437, 18.12.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Settembru 2018 – Motex vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-713/17) ([1])

("Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna implimentata mill-Ungerija favur impriżi li impjegaw ħaddiema b'diżabbiltà — Proċedura preliminari ta' eżami — Deċiżjonijiet allegati tal-Kummissjoni li jiddikjaraw il-miżura ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern — Kunċett ta' persuna interessata — Nuqqas ta' inċidenza individwali — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/98)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Rikorrenti: Motex Ipari és Szolgáltató Rehabilitációs Kft. (Motex Kft.) (Esztergom-Kertváros, l-Ungerija) (rappreżentant: L. Szabó, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Bottka u C. Georgieva-Kecsmar, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet li l-Kummissjoni kienet allegatament adottat dwar l-ilmenti SA.29432 – CP 290/2009 – l-Ungerija – Għajnuna fil-qasam ta' reklutaġġ ta' ħaddiema b'diżabbiltà allegatament illegali minħabba n-natura diskriminatorja tal-leġiżlazzjoni u SA.45498 (FC/2016) – Ilment ta' OPS Újpest-lift Kft dwar l-għajnuna mill-Istat imħallsa lill-impriżi li impjegaw ħaddiema b'diżabbiltà bejn 2006 u 2012.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Motex Ipari és Szolgáltató Rehabilitációs Kft. (Motex Kft.) hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 437, 18.12.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta Settembru 2018 – Hermann Biederlack vs EUIPO

(Kawża T-715/17) (1)

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Feeling home — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001] — Rikors manifestament inforndat fid-dritt"]

(2018/C 427/99)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Hermann Biederlack GmbH & Co. KG (Greven, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Seifried, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Söder, aġent)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Ġunju 2017 (Każ R 252/2017-5), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali Feeling home bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Hermann Biederlack GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 412, 4.12.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2018 – Dreute vs Il-Parlament

(Kawża T-732/17) (1)

("Servizz pubbliku — Uffiċjali — Kollokament fl-interess tas-servizz — Trasferiment — Tmiem tal-interess ġuridiku — Parzjalment ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment infondat fid-dritt")

(2018/C 427/100)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Olivier Dreute (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: L. Darie u R. Ignătescu, aġenti)

Suġġett

Talba abbażi tal-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament, l-ewwel nett, tad-Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament tat-30 ta' Jannar 2017 li r-rikorrent jerġa jiġi kkollokat fi ħdan l-istituzzjoni msemmija, it-tieni nett, tad-Deċiżjoni tal-President tal-Parlament tal-20 ta' Lulju 2017 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent kif ukoll, sa fejn hemm bżonn, tad-Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament tat-12 ta' Lulju 2017 li tikkolloka lir-rikorrent fl-interess tas-servizz mal-Kummissjoni Ewropea u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-danni li allegatament sofra r-rikorrent.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli sa fejn jikkonċerna l-annullament tad-Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2017.*

2) *Ma hemmx iktar lok li tittieħħed deċiżjoni dwar it-talba ta' annullament tad-Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament tat-30 ta' Jannar 2017 u fuq id-Deċiżjoni tal-20 ta' Lulju 2017, li tiċħad l-ilment imressaq minn Oliver Dreute kontra din tal-aħħar.*

3) *It-talba għal kumpens hija miċħuda bħala manifestament infondata fid-dritt.*

4) *O. Dreute huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 13, 15.01.2018.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2018 – Estampaciones Rubí vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-775/17) (1)

("Rikors għal annullament u għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Għajnuna mill-Istat — Vantaġġi fiskali mogħtija minn entità territorjali ta' Stat Membru — Skema ta' għajnuna ddikjarata inkompatibbli mas-suq intern — Eżekuzzjoni tad-deċiżjoni — Obbligu ta' verifika tas-sitwazzjoni individwali tal-benefiċjarji — Assenza ta' teħid ta' pożizzjoni tal-Kummissjoni — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/101)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Estampaciones Rubí, SAU (Vitoria-Gasteiz, Spanja) (rappreżentanti: D. Armesto Macías u K. Caminos García, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u P. Němečková, aġenti)

Suġġett

Prinċipalment, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jinsabu f'dokumenti tal-4 ta' Diċembru 2012 u tas-26 ta' Marzu 2013, intitolati, rispettivament, "Tilwim fiskali fil-País Vasco – Proċedura ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu 2007/2215 – Messaġġ informali b'risposta għall-ittra tas-7 ta' Novembru (Álava)" u "Tilwim fiskali fil-País Vasco – Proċedura ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu 2007/2215 (Álava) – Messaġġ informali b'risposta għall-ittri mibgħuta fit-22 ta' Frar u fl-4 u t-12 ta' Marzu 2013 (Álava)" u, sussidjarjament, talba bbażata fuq l-Artikolu 265 TFUE u intiża li jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni, b'mod illegali, naqset milli twieġeb għat-talba tar-rikorrenti fformulata fl-ittra tagħha tat-28 ta' Lulju 2017.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli kollu kemm hu.*

2) *Estampaciones Rubí, SAU għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

([1]) ĠU C 32, 29.1.2018.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2018 – Správa železniční dopravní cesty vs Il-Kummissjoni u INEA

(Kawża T-815/17) ([1])

("Rikors għal annullament — Għajnuna finanzjarja — Proġett ta' interess komuni fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija — Servizzi ta' ppjanar preliminari għal linja ġdida tal-ferrovija b'veloċità għolja Dresden-Praga — Deċiżjoni dwar l-ispejjeż eliġibbli — Identifikazzjoni żbaljata tal-konvenut — Assenza ta' inċidenza diretta — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/102)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrenti: Správa železniční dopravní cesty, státní organizace (Praga, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: F. Korbel, avukat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Hottiaux u Z. Malůšková, aġenti), l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (rappreżentanti: I. Ramallo u I. Barcew, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-ittra tal-INEA tal-11 ta' Ottubru 2017 dwar id-dikjarazzjoni finanzjarja finali u l-eliġibbiltà tas-somom mitluba fil-kuntest tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni mogħtija għall-proġett ta' interess komuni "Servizzi relatati mal-ippjanar preliminari għal linja ġdida tal-ferrovija b'veloċità għolja Dresden-Praga".

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent imressqa mir-Repubblika Ċeka u mir-Repubblika tal-Polonja.*

3) *Správa železniční dopravní cesty, státní organizace għandha tbati l-ispejjeż tagħha, kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA).*

4) *Správa železniční dopravní cesty, státní organizace, il-Kummissjoni, l-INEA, ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika tal-Polonja għandhom ibatu kull wieħed minnhom l-ispejjeż tagħhom relatati mat-talbiet għal intervent.*

([1]) ĠU C 63, 19.2.2018.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – WH vs EUIPO

(Kawża T-819/17) ([1])

("Servizz pubbliku — Uffiċjali — Proċedura ta' evalwazzjoni u ta' promozzjoni 2016 — Irtirar ta' ċerti evalwazzjonijiet mir-rapport ta' evalwazzjoni — Inammisibbiltà")

(2018/C 427/103)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: WH (rappreżentant: E. Fontes Vila, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Lukošiūtė u K. Tóth, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża sabiex il-Qorti Ġenerali tikkundanna lill-EUIPO sabiex ineħħi mir-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrenti għas-sena 2016 il-kritiki kollha dwar il-mod ta' komunikazzjoni tiegħu, peress li huma foloz u jiksru d-dritt fundamentali li jesprimi liberament l-ideat u l-opinjonijiet tiegħu.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *WH huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 72, 26.2.2018.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Settembru 2018 – Rewe-Beteiligungs-Holding International vs EUIPO – Wessanen Benelux (BonNatura)

(Kawża T-194/18) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2018/C 427/104)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Rewe-Beteiligungs-Holding International GmbH (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Brandstätter, M. Kinkeldey u J. Rosenhäger, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Sesma Merino u J. Ivanauskas, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Wessanen Benelux BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Jannar 2018 (Każ R 949/2017-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Wessanen Benelux u Rewe-Beteiligungs-Holding International.

Dispożittiv

1) *Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

2) *Rewe-Beteiligungs-Holding International GmbH hija kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk imġarrba mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).*

(1) ĠU C 166, 14.5.2018.

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Awwissu 2018 – Il-Polonja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-506/18)

(2018/C 427/105)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: B. Majczyna, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018) 3826 finali, tat-13 ta' Ġunju 2018, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea nefqa partikolari li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (il-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR) (1), sa fejn hija teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea s-somom ta' EUR 1 421 755,79 u ta' EUR 1 436 426,23, imħallsa mill-aġenzija tal-pagamenti akkreditata mir-Repubblika tal-Polonja;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 (2) għar-raġuni li l-korrezzjoni finanzjarja ġiet applikata fuq il-bażi ta' konstatazzjonijiet fattwali ineżatti u fuq interpretazzjoni żbaljata tad-dritt

— Ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li s-somom esklużi mill-finanzjament tal-Unjoni bis-saħħa tad-deċiżjoni kkontestata tħallsu skont id-dispożizzjonijiet legali li jiddefinixxu l-implimentazzjoni tal-appoġġ speċifiku għas-settur tat-tabakk, jiġifieri r-Regolament Nru 73/2009 (3), ir-Regolament Nru 1120/2009 (4) kif ukoll ir-Regolament Nru 1122/2009 (5). Il-modalitajiet ta' implimentazzjoni tal-appoġġ mill-Ġvern Pollakk kienu jikkorrispondu wkoll mal-atti ġuridiċi nazzjonali kif ukoll ma' dak li jissejjaħ il-Programm ta' attivitajiet imwettqa fil-Polonja, trażmess lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-appoġġ speċifiku previst fl-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 73/2009.

— Fir-rigward tal-parti tal-motiv li ssemmi l-verifiki fuq il-post għand il-produttur, ir-Repubblika tal-Polonja tosserva li la d-dritt tal-Unjoni u lanqas id-dritt nazzjonali ma kienu jipprevedu l-obbligu fuq il-produttur li jikkunsinna t-tabakk kollu lill-ewwel proċessur. Is-sistema Pollakka ta' verifika fuq il-post kienet tippermetti kompletament li ssir verifika effettiva tal-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-appoġġ.

— Fir-rigward tal-parti tal-motiv li ssemmi l-verifiki fuq il-post fil-post tal-kunsinna, ir-Repubblika tal-Polonja tosserva li dawn il-verifiki kienu jiġġarantixxu kompletament il-verifika tar-rekwiżiti kollha ta' kwalità li għandha tissodisfa l-materja prima tat-tabakk eligibbli għall-appoġġ, inklużi b'mod partikolari r-rekwiżiti dwar l-umdità u l-kontenut tar-ramel u l-impuritajiet.

— Fir-rigward, sussegwentement, tal-ilment tal-Kummissjoni dwar l-assenza ta' sistema speċifika ta' tnaqqis u ta' esklużjoni, ir-Repubblika tal-Polonja tosserva li s-sistema Pollakka ta' sanzjonijiet fil-qasam tal-appoġġ speċifiku għas-settur tat-tabakk kienet kompletament konformi mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament 73/2009. B'mod partikolari, din is-sistema kienet restrittiva ħafna u kienet telimina kull riskju ta' telf għall-fond.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 52(2) tar-Regolament Nru 1306/2013 għar-raġuni li l-korrezzjoni fissa applikata kienet manifestament eċċessiva fir-rigward tar-riskju evetwali ta' telf finanzjarju għall-baġit tal-Unjoni

— Ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li l-applikazzjoni mill-Kummissjoni ta' korrezzjoni fissa tal-kompetizzjoni ta' 5 % hija għolja wisq u tmur lil hinn mit-telf massimu eventwali li kien ikollu jbati l-fond.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 296(2) TFUE

F'dan ir-rigward, ir-Repubblika tal-Polonja tirrileva d-diverġenzi li jirriżultaw mill-messaġġi elettroniċi trażmessi mill-Kummissjoni fil-kors tal-investigazzjoni, u għaldaqstant l-assenza ta' motivazzjoni mill-Kummissjoni tal-motiv ibbażat fuq il-ksur minnha ta' parti mid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni.

([1]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/873 tal-Kummissjoni (ĠU 2018, L 152, p. 29).

([2]) Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549).

([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad- 19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU 2009, L 30,p. 16).

([4]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009 tad- 29 ta' Ottubru 2009 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku li hemm provvediment dwarha fit-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa (ĠU 2009, L 316, p. 1).

([5]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 ta' 30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU 2009, L 316, p. 65).

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Awwissu 2018 – Del Valle Ruiz u Oħrajn vs BUR

(Kawża T-514/18)

(2018/C 427/106)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Antonio Del Valle Ruiz (Il-Belt tal-Messiku, il-Messiku) u 36 oħra (rappreżentanti: P. Saini, QC, J. Pobjoy, Barrister u R. Boynton, Solicitor)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (BUR)

Talbiet

Ir-rikorrenti jitlobu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni finali tal-Bord tal-Appell tal-BUR fil-Każ 48/2017, tad-19 ta' Ġunju 2018, sa fejn din tal-aħħar iddeċidiet li l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (BUR) kien intitolat li jibbaża ruħu fuq (i) ir-raba inċiż tal-Artikolu 4(1)(a); (ii) l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) (iii) it-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) u/jew (iv) Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 ([1]) (u/jew dispożizzjonijiet ekwivalenti taħt id-Deċiżjoni tal-BUR SRB/ES/2017/01 tad-9 ta' Frar 2017 dwar aċċess pubbliku għad-dokument tal-BUR), sabiex jiġġustifika n-nuqqas ta' żvelar tad-dokumenti mitluba mir-rikorrenti fl-applikazzjoni konfermatorja tagħhom tat-23 ta' Awwissu 2017 li tirrigwarda l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-Banco Popular Español;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw sitt motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-Bord tal-Appell tal-BUR kiser ir-raba' inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament Nru 1049/2001.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-Bord tal-Appell tal-BUR kiser l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-Bord tal-Appell tal-BUR kiser l-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001.

4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-Bord tal-Appell tal-BUR kiser it-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

5. Il-ħames motiv huwa bbażat fq il-fatt li l-Bord tal-Appell tal-BUR kiser l-Artikolu 4(6) tar-Regolament Nru 1049/2001

6. Is-sitt motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-Bord tal-Appell tal-BUR kiser l-Artikol 4(11) tar-Regolament Nru 1049/2001.

([1]) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Awwissu 2018 – FAKRO vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-515/18)

(2018/C 427/107)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: FAKRO sp. z o. o. (Nowy Sącz, il-Polonja) (rappreżentant: A. Radkowiak-Macuda, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ġunju 2018, mogħtija fil-proċedura miftuħa wara l-ilment għal abbuż minn pożizzjoni dominanti kontra l-grupp VELUX imressaq quddiem il-Kummissjoni fit-12 ta' Lulju 2012 minn FAKRO sp. z o.o (Referenza AT.40026 VELUX);

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalawazzjoni flimkien mal-insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, li jwassal sabiex jiġi konkluż li l-Unjoni Ewropea ma għandhiex interess li tkompli l-kawża.

   Ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni ma ħaditx pożizzjoni definittiva la fir-rigward tal-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex jiġi kkonstatat abbuż minn pożizzjoni dominanti, u lanqas fir-rigward tas-seba' kategoriji ta' fatti allegati. Billi teżamina l-motiv li l-impriża dominanti applikat prezzijiet predatorji, il-Kummissjoni bbażat, mingħar riżerva, id-deċiżjoni tagħha fuq l-argumenti ta' dik l-impriża, mingħajr ma kkunsidrat l-argumenti tar-rikorrenti u mingħajr ma wettqet tal-inqas analiżi ssemplifikata, tal-problema. Ir-rikorrenti tqis li l-introduzzjoni mill-impriża dominanti ta' trade mark ta' kumbatt kellha unikament bħala għan li tipprekludi lill-kompetituri tagħha milli jaċċedu għas-suq jew li jiżviluppaw fih, u t-tnaqqis ta' investiment ipprattikat minn din l-impriża huwa ta' natura selettiva, esklużiva u diskriminatorja, li jikser l-Artikolu 102 TFUE. Hija tqis li l-provi jistabbilixxu b'mod ċar il-konklużjoni ta' kuntratti ta' natura esklużiva mill-impriża dominanti, bi ksur tal-Artikolu 102 TFUE, u li eżekuzzjoni ta' investigazzjoni għal dan l-iskop ma teħtieġx riżorsi kunsiderevoli, iżda biss verifika tad-data u tal-provi li hija pproduċiet.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, marbut mal-iżball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-assenza ta' interess tal-Unjoni Ewropea sabiex tkompli l-kawża.

   Għaddew iktar minn 71 xahar bejn it-tressiq tal-ilment u d-deċiżjoni ta' ċaħda. Id-dewmien tal-azzjoni tal-Kummissjoni ma hija ġġustifikata minn ebda ċirkustanza partikolari. Il-Kummissjoni għandha għarfien fil-fond tas-suq Ewropew tat-twieqi tas-saqaf. Id-dewmien tal-azzjoni tal-Kummissjoni jista' twassal għal assenza ta' possibbiltà tar-rikorrenti li tkun tista' tinvoka d-drittijiet tagħha quddiem l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, minħabba termini ta' preskrizzjoni tal-azzjonijiet previsti mid-dritt nazzjonali.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 773/2004 ([1]) minħabba r-rifjut fil-konfront tar-rikorrenti li taċċedi għad-dokumenti, li jwassal sabiex tiċċaħħad mid-drittijiet tad-difiża effettivi tagħha.

   Konformement mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ, meta l-Kummissjoni tinforma lil-lanjant bl-intenzjoni tagħha li tiċħad l-ilment, il-lanjant għandu d-dritt li jitlob l-aċċess għad-dokumenti li fuqhom il-Kummissjoni tibbaża l-evalwazzjoni provviżorja tagħha. F'din il-kawża, il-Kummissjoni ma tatx tali aċċess lir-rikorrenti. Minbarra dan, il-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi fir-rigward tal-prinċipji ta' eżami tal-interess tal-Unjoni Ewropea minħabba l-assenza ta' analiżi affidabbli tan-natura u tal-effetti tal-atti allegati fil-konfront tal-impriża dominanti.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu [101 TFUE] sa [102 TFUE] tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81).

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2018 – Vialto Consulting vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-537/18)

(2018/C 427/108)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Vialto Consulting (Budapest, l-Ungerija) (rappreżentant: V. Christianos, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni, li permezz tagħha l-Kummissjoni imponiet fuq ir-rikorrenti esklużjoni ta' sentejn u ppubblikat informazzjoni dwar din l-esklużjoni fuq is-sit internet tagħha;

— tordna lill-Kummissjoni sabiex tħallas kumpens għad-dannu materjali sostnut mir-rikorrenti, l-ewwel nett minħabba l-esklużjoni ta' sentejn, u t-tieni nett minħabba l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar din l-esklużjoni fuq is-sit internet tagħha, liema dannu huwa stmat għal EUR 434 889,82, flimkien mal-interessi mid-data tal-għoti tas-sentenza;

— tordna lill-Kummissjoni sabiex tħallas kumpens għad-dannu morali sostnut mir-rikorrenti, l-ewwel nett minħabba l-esklużjoni ta' sentejn, u t-tieni nett minħabba l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar din l-esklużjoni fuq is-sit internet tagħha, liema dannu huwa stmat għal EUR 400 000, flimkien mal-interessi mid-data tal-għoti tas-sentenza;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha tar-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea Ares (2018) 3463041, tad-29 ta' Ġunju 2018, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 2185/1996, peress li l-Kummissjoni Ewropea tassumi mingħajr ġustifikazzjoni li l-OLAF ma eċċediex is-setgħat tiegħu f'dak li jirrigwarda t-twettiq tal-ispezzjoni tal-bini ta' Vialto.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali f'dak li jirrigwarda d-dritt għal amministrazzjoni tajba u n-nuqqas ta' motivazzjoni sufiċċjenti.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-obbligu ta' motivazzjoni sufiċċjenti, l-ewwel nett, peress li l-Kummissjoni Ewropea imponiet fuq Vialto esklużjoni ta' sentejn, u, it-tieni nett, peress li l-Kummissjoni pproċediet bil-pubblikazzjoni ta' din l-esklużjoni fuq is-sit internet tagħha.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2018 – Ayuntamiento de Quart de Poblet vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-539/18)

(2018/C 427/109)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Ayuntamiento de Quart de Poblet (Quart de Poblet, Spanja) (rappreżentanti: B. Sanchis Piqueras, J. Rodríguez Pellitero, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikajra r-rikors ammissibbli u fondat;

— tikkonferma u tiddikjara li:

— ir-rikorrent wettaq korrettement l-obbligi kuntrattwali tiegħu li għandu skont il-kuntratti;

— konsegwentement, għandu dritt għall-finanzjament irrikonoxxut skont l-istess kuntratti;

— it-talba tal-Kummissjoni Ewropea għall-ħlas lura ta' ammonti speċifiċi għall-proġett Diego u għall-proġett SEED hija inammissibbli u infondata;

— tannulla n-noti ta' debitu jew, fi kwalunkwe każ, tiddikjarahom illegali;

— tordna lill-Kummissjoni Ewropea tħallas lura lir-rikorrent l-ammonti mitluba li tħallsu minn dan tal-aħħar.

— sussidjarjament, tiddikjara ammissibbli u/jew eliġibbli għall-finanzjament dik il-parti tal-ammonti mitluba mill-Kummissjoni Ewropea li l-Qorti Ġenerali tqis xierqa;

— fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq klassifikazzjoni żbaljata tal-ispejjeż mill-Kummissjoni Ewropea.

   — Ir-rikorrent jikkontesta bħala żbaljata, peress li ma osservatx id-dispożizzjonijiet tal-kuntratti, il-klassifikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea tal-ispejjeż bħala diretti jew indiretti u/jew mhux attribwibbli, abbażi tar-rapport tal-awdituri tagħha, u li jimponi li r-rikorrent iħallas lura s-sussidji riċevuti għat-twettiq tal-proġetti DIEGO u SEED.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-kwantifikazzjoni żbaljata tal-ispejjeż mill-Kummissjoni Ewropea.

   — Ir-rikorrent jikkontesta din il-kwantifikazzjoni bħala żbaljata, billi din ma osservatx dak li huwa stabbilit f'dan ir-rigward fil-kuntratti.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-kuntratti mill-Kummissjoni Ewropea.

   — Skont ir-rikorrent, il-Kummissjoni tikser dak previst mill-kuntratti, billi kklassifikat u kkwantifikat b'mod żbaljat l-ispejjeż attribwibbli u tippersisti f'dan il-ksur, minkejja l-argumenti u l-provi prodotti fil-proċeduri kontradittorji, u b'hekk hija f'*mala fides*.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Settembru 2018 – YL vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-545/18)

(2018/C 427/110)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: YL (rappreżentant: P. Yon, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob:

— l-annullament tat-tneħħija tiegħu mil-lista ta' promozzjoni 2017;

— li tingħatalu l-promozzjoni retroattiva għall-1 ta' Jannar 2017;

— li jingħatalu kumpens għad-danni sostnuti minħabba l-atti kkontestati: il-ġranet u l-enerġija ddedikati għal dan ir-rikors u għall-istadji li wasslu għalih, kif ukoll sabiex jegħleb is-sentiment ta' ċaħda, ta' ostraċiżmu u ta' qilla min-naħa ta' awtorità li għandha l-għan li tieħu ħsieb l-interess tal-aġenti tagħha u li tagħti prova ta' newtralità lejhom, jekk mhux saħansitra ta' tjubija lejhom – dannu kkalkolat għal EUR 10 000;

— li jiġi rrimborsat l-ispejjeż tal-avukat u l-ispejjeż legali tiegħu, tal-ammont ta' EUR 10 000;

— li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), li twettaq mill-Awtorità tal-Ħatra billi bbażat ir-rifjut li tippromwovi lir-rikorrent fuq sanzjoni mhabbra preċedentement, minn naħa, minkejja li s-sanzjoni kienet diġà affettwat il-karriera ta' dan tal-aħħar permezz ta' relegazzjoni fl-iskala. Min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni kkontestata ttieħdet għar-raġuni li l-imsemmija sanzjoni għandha rabta mal-imġiba fis-servizz u dan minkejja li d-deċiżjoni ta' sanzjoni tal-2016 kienet tindika li l-fatti ssanzjonati seħħew lil hinn minn kull rabta mal-funzjonijiet u mar-responsabbiltajiet tar-rikorrent.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq użu ħażin ta' poter u ta' proċedura, li l-Awtorità tal-Ħatra wettqet meta użat is-setgħa ta' għoti ta' promozzjonijiet tagħha sabiex taggrava s-sanzjoni deċiża fl-2016 u billi użat il-proċedura ta' promozzjoni b'mod li tevita l-limiti previsti fir-Regolamenti tal-Persunal fil-każ ta' sospensjoni ta' avvanzament.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2018 – Teeäär vs BĊE

(Kawża T-547/18)

(2018/C 427/111)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Raivo Teeäär (Tallinn, Estonja) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE tas-27 ta' Frar 2018 li biha l-applikazzjoni tar-rikorrent għas-sostenn għal tranżizzjoni għall-karriera barra mill-BĊE kienet miċħuda;

— jekk hemm bżonn, tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv iddatata t-3 ta' Lulju 2018 li tiċħad l-appell speċjali dirett mir-rikorrent kontra d-deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv tas-27 ta' Frar 2018;

— tagħti kumpens lir-rikorrent għad-dannu materjali li allegatament soffra li jikkonsisti fil-pakkett finanzjarju ta' sostenn għal tranżizzjoni fil-karriera, evalwat għal EUR 101 447 miżjud b'imgħax ta' inadempjenza kkalkulat bir-rata ta' rifinanzjament prinċipali tal-Bank Ċentrali Ewropew miżjud bi 3 punti perċentwali kull sena;

— tikkundanna l-konvenut għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegata illegalità tal-Artikolu 2.3.1 tar-Regoli tal-Persunal tal-BĊE, sa fejn din ir-regola tingħad li kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u l-prinċipju ta' proporzjonalità; id-deċiżjoni kkontestata hija, minbarra dan, ivvizzjat minn żball manifest ta' evalwazzjoni.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegata illegalità tal-Artikolu 2.3.1 tar-Regoli tal-Persunal sa fejn din ir-regola tingħad li tiddiskrimina fuq bażi ta' età u b'hekk tikser l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 2 u 6(1) tad-Direttiva 2000/78. ([1])

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni, fuq bażi sussidjarja, li d-deċiżjoni kkontestata hija illegali minħabba żball manifest ta' evalwazzjoni u ksur tad-dmir ta' premura.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni, fuq bażi sussidjarja, tal-ksur tal-Artikolu 2.3.1 tar-Regoli tal-Persunal.

([1]) Id-Direttiva Tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol.4, p. 79).

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Settembru 2018 – Helbert vs EUIPO

(Kawża T-548/18)

(2018/C 427/112)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Lars Helbert (Alicante, Spanja) (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni miftuħa EUIPO/AD/01/17 ([1]) tal-1 ta' Diċembru 2017 u tas-7 ta' Marzu 2018 sabiex ir-rikorrent ma jiġix inluż fid-database tal-kandidati li għaddew fil-forma finali tagħha wara ċ-ċaħda mill-EUIPO, tat-8 ta' Ġunju 2018, tal-ilment tar-rikorrent skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;

— tordna lill-EUIPO jħallas kumpens xieraq, li l-ammont tiegħu jitħalla għad-diskrezzjoni tal-Qorti Ġenerali, lir-rikorrent għad-dannu morali mġarrab mir-rikorrent bħala riżultat tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla; u

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li l-kompożizzjoni u l-konsistenza tal-Bord tal-Għażla kien fihom irregolaritajiet, li jirriżultaw direttament minn nuqqas ta' koerenza tal-evalwazzjoni u ksur tal-prinċipji ta' opportunitajiet ugwali, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' oġġettività tal-evalwazzjonijiet, bi ksur tal-Artikoli 3.1 u 2.4 tar-Regoli Ġenerali Applikabbli għall-Kompetizzjonijiet Miftuħa.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq li l-Bord tal-Għażla ma wettaqx evalwazzjoni komparattiva tal-kandidat, u dan bi ksur tal-obbligu li josserva l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' opportunitajiet ugwali u ta' oġġettività tal-evalwazzjoni, skont l-Artikolu 2.4 tar-Regoli Ġenerali Applikabbli għall-Kompetizzjonijiet Miftuħa.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq żbalji ta' evalwazzjoni manifesti fl-evalwazzjoni ta' kif l-applikant ikun mar fl-"intervista bbażata fuq il-kompetenzi speċifiċi".

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq li l-Bord tal-Għażla kiser l-Avviż ta' Kompetizzjoni EUIPO/AD/01/17 kif ukoll il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' opportunitajiet ugwali u ta' oġġettivita tal-evalwazzjoni.

([1]) ĠU 2017, C 9 A, p. 1.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2018 – Harrington Padrón vs Il-Kunsill

(Kawża T-550/18)

(2018/C 427/113)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Katherine Nayarith Harrington Padrón (Karakas, il-Venezwela) (rappreżentanti: F. Di Gianni u L. Giuliano, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/901 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela ([1]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/899 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela ([2]), sa fejn id-dispożizzjonijiet tagħhom jikkonċernaw lir-rikorrenti; u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-argument li l-atti kkontestati huma vvizzjati b'nuqqas manifest ta' evalwazzjoni u b'nuqqas ta' indikazzjonijiet preċiżi u konsistenti.

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-funzjonijiet u tar-rwol tal-istess rikorrenti u li dan ma żvelax sensiela ta' indikazzjonijiet preċiżi u konsistenti insostenn tal-allegazzjonijiet tiegħu. Ir-rikorrenti ssostni ulterjorment li l-Kunsill naqas milli jwettaq evalwazzjoni korretta tal-provi jew, mill-inqas, tali evalwazzjoni kienet manifestament żbaljata.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-argument li l-miżuri restrittivi imposti mill-atti kkontestati jikkostitwixxu restrizzjoni inġustifikata u sproporzjonata tad-dritt fundamentali għall-proprjetà tar-rikorrenti.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/901 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 160I, p. 12).

([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/899 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 160I, p. 5)

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2018 – Oblitas Ruzza vs Il-Kunsill

(Kawża T-551/18)

(2018/C 427/114)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sandra Oblitas Ruzza (Karakas, il-Venezwela) (rappreżentanti: F. Di Gianni u L. Giuliano, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/901 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela ([1]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/899 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela ([2]), sa fejn id-dispożizzjonijiet tagħhom jikkonċernaw lir-rikorrenti; u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-argument li l-atti kkontestati huma vvizzjati b'nuqqas manifest ta' evalwazzjoni u b'nuqqas ta' indikazzjonijiet preċiżi u konsistenti.

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-funzjonijiet u tar-rwol tal-istess rikorrenti u li dan ma żvelax sensiela ta' indikazzjonijiet preċiżi u konsistenti insostenn tal-allegazzjonijiet tiegħu. Ir-rikorrenti ssostni ulterjorment li l-Kunsill naqas milli jwettaq evalwazzjoni korretta tal-provi jew, mill-inqas, tali evalwazzjoni kienet manifestament żbaljata.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-argument li l-miżuri restrittivi imposti mill-atti kkontestati jikkostitwixxu restrizzjoni inġustifikata u sproporzjonata tad-dritt fundamentali għall-proprjetà tar-rikorrenti.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/901 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 1601, p. 12).

([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/899 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 1601, p. 5)

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2018 – Moreno Reyes vs Il-Kunsill

(Kawża T-552/18)

(2018/C 427/115)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Xavier Antonio Moreno Reyes (Karakas, Venezwela) (rappreżentanti: F. Di Gianni u L. Giuliano, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/901 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela ([1]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/899 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela ([2]), sa fejn id-dispożizzjonijiet tagħhom jikkonċernaw lir-rikorrent; u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-argument li l-atti kkontestati huma vvizzjati b'nuqqas manifest ta' evalwazzjoni u b'nuqqas ta' indikazzjonijiet preċiżi u konsistenti.

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrent isostni li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-funzjonijiet u tar-rwol tal-istess rikorrent u li dan ma żvelax sensiela ta' indikazzjonijiet preċiżi u konsistenti insostenn tal-allegazzjonijiet tiegħu. Ir-rikorrent isostni ulterjorment li l-Kunsill naqas milli jwettaq evalwazzjoni korretta tal-provi jew, mill-inqas, tali evalwazzjoni kienet manifestament żbaljata.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-argument li l-miżuri restrittivi imposti mill-atti kkontestati jikkostitwixxu restrizzjoni inġustifikata u sproporzjonata tad-dritt fundamentali għall-proprjetà tar-rikorrent.

(1) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/901 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 1601, p. 12).
(2) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/899 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 1601, p. 5)

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2018 – Rodríguez Gómez vs Il-Kunsill

(Kawża T-553/18)

(2018/C 427/116)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Delcy Eloina Rodríguez Gómez (Karakas, il-Venezwela) (rappreżentanti: F. Di Gianni u L. Giuliano, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/901 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (1) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/899 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (2), sa fejn id-dispożizzjonijiet tagħhom jikkonċernaw lir-rikorrenti; u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li l-atti kkontestati huma vvizzjati minn żball manifest ta' evalwazzjoni u nuqqas ta' provi preċiżi u konsistenti.

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni f'dak li jikkonċerna l-funzjonijiet u r-rwoli tar-rikorrenti u ma pprovdiex provi preċiżi u konsistenti insostenn tat-teżi tiegħu. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill naqas milli jwettaq evalwazzjoni xierqa tal-provi jew, tal-inqas, evalwahom b'mod manifestament żbaljat.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq li l-miżuri restrittivi imposti mill-atti kkontestati jikkostitwixxu restrizzjoni mhux iġġustifikata u sproporzjonata tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għall-proprjetà.

(1) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/901 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU L 160I, 25.6.2018, p. 12).
(2) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/899 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU L 160I , 25.6.2018, p. 5).

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2018 – Hernández Hernández vs Il-Kunsill

(Kawża T-554/18)

(2018/C 427/117)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Socorro Elizabeth Hernández Hernández (Karakas, il-Venezwela) (rappreżentanti: F. Di Gianni u L. Giuliano, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/901 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (1) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/899 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (2), sa fejn id-dispożizzjonijiet tagħhom jikkonċernaw lir-rikorrenti; u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-argument li l-atti kkontestati huma vvizzjati b'nuqqas manifest ta' evalwazzjoni u b'nuqqas ta' indikazzjonijiet preċiżi u konsistenti.

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-funzjonijiet u tar-rwol tal-istess rikorrenti u li dan ma żvelax sensiela ta' indikazzjonijiet preċiżi u konsistenti insostenn tal-allegazzjonijiet tiegħu. Ir-rikorrenti ssostni ulterjorment li l-Kunsill naqas milli jwettaq evalwazzjoni korretta tal-provi jew, mill-inqas, tali evalwazzjoni kienet manifestament żbaljata.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-argument li l-miżuri restrittivi imposti mill-atti kkontestati jikkostitwixxu restrizzjoni inġustifikata u sproporzjonata tad-dritt fundamentali għall-proprjetà tar-rikorrenti.

(1) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/901 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 160I, p. 12).
(2) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/899 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 160I, p. 5)

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Settembru 2018 – Medrobotics vs EUIPO (See More. Reach More. Treat More.)

(Kawża T-555/18)

(2018/C 427/118)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Medrobotics Corp. (Raynham, Massachusetts, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: B. Bittner and U. Heinrich, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni "See More. Reach More. Treat More." – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 205 055

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Lulju 2018 fil-Każ R 463/2018-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2018 – ITD u Danske Fragtmænd vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-561/18)

(2018/C 427/119)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ITD, Brancheorganisation for den danske vejgodstransport A/S (Padborg, id-Danimarka) u Danske Fragtmænd A/S (Åbyhøj, id-Danimarka) (rappreżentant: L. Sandberg-Mørch, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 3169 finali tat-28 ta' Mejju 2018 fil-kawża ta' għajnuna mill-Istat SA.47707 (2018/N) – Kumpensi mogħtija mill-Istat lil PostNord għall-provvista tas-servizz postali universali – id-Danimarka ([1]); u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw motiv uniku, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma fetħitx il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE minkejja d-diffikultajiet serji mqajjma fl-evalwazzjoni tal-miżuri inkwistjoni. Dan il-motiv huwa bbażat fuq żewġ serje ta' argumenti dwar it-tul u ċ-ċirkustanzi tal-proċedura ta' investigazzjoni preliminari, kif ukoll il-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata.

— Rigward il-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti jsostnu b'mod partikolari li: i) il-kumpens tal-obbligu ta' servizz universali ma huwiex kompatibbli mas-suq intern; ii) il-garanziji tal-Istat ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat eżistenti; iii) l-eżenzjoni mill-VAT hija imputabbli lill-Istat; iv) it-tqassim żbaljat tal-ispejjeż jimplika t-trasferiment ta' riżorsi tal-Istat u huwa imputabbli lill-Istat; u v) iż-żieda ta' kapital tat-23 ta' Frar 2017 hija imputabbli għall-Istat u tikkonferixxi vantaġġ ekonomiku lil Post Danmark.

(1) ĠU 2018, C 360, p. 3.

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Settembru 2018 – P. Krücken Organic vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-565/18)

(2018/C 427/120)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: P. Krücken Organic GmbH (Mannheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Schmidt, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tikkundanna lill-konvenuta tħallas lir-rikorrenti EUR 216 749,02 flimkien mal-interessi moratorji mid-data tan-notifika tar-rikors, bir-rata ta' 8 punti perċentwali fis-sena ogħla mir-rata bażika ta' interessi stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew;

— tikkundanna lill-konvenuta tagħmel disponibbli lir-rikorrenti d-dokumenti prodotti matul l-attivitajiet ta' ECOCERT SA ta' spezzjoni ta' dokumenti meta hija wettqet spezzjoni tal-prodotti li ġejjin minn produzzjoni organika ta' Erenhot Jinguyuan Grain and Oil Co. Ltd., 2051 Youyi Road North, Ernehot City, Xilingol League, Inner Mongolia Autonomous Region, Peoples Republic of China, b'mod partikolari r-rapporti ta' spezzjoni u l-ittri ta' evalwazzjoni assoċjati magħhom tas-snin 2016, 2017 u 2018 li jirrigwardaw il-konstatazzjonijiet, l-evalwazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-ECOCERT SA li fformaw il-bażi għall-ħruġ taċ-ċertifikat ta' spezzjoni bin-numru 22904CN1700w13 tad-19 ta' Settembru 2017, maħruġ skont l-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1[2]35/2008, għal 490 960 kilo ta' ġunġlien organiku ppressat u tal-annullament sussegwenti ta' dan iċ-ċertifikat ta' spezzjoni minn ECOCERT SA;

— tikkundanna lill-konvenuta:

barra minn hekk sabiex teżiġi, min-naħa tagħha, li l-awtoritajiet ta' superviżjoni għal prodotti minn produzzjoni organika li lilhom il-konvenuta tafda l-kompiti assoċjati mas-superviżjoni tal-Unjoni Ewropea ta' produzzjoni organika f'pajjiżi terzi jibagħtu lill-importatur rilevanti msemmi fil-Kaxxa 11 taċ-ċertifikat ta' spezzjoni maħruġ skont l-Anness V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2018 (1), b'mod partikolari lir-rikorrenti, id-deċiżjonijiet ta' dawn l-awtoritajiet rigward l-annullament, ir-revoka jew id-dikjarazzjoni ta' invalidità taċ-ċertifikat ta' spezzjoni maħruġ lill-importatur rilevanti, u b'mod partikolari lir-rikorrenti, u tirċievi kwalunkwe oġġezzjonijiet relatati u tieħu deċiżjoni dwarhom; u

barra minn hekk, titlob lill-awtoritajiet ta' superviżjoni għal prodotti minn produzzjoni organika awtorizzati mill-konvenuta f'pajjiżi terzi sabiex jagħmlu disponibbli għall-importaturi, u b'mod partikolari għar-rikorrenti, id-dokumenti li jirrigwardaw il-proċedura ta' spezzjoni organika li hija l-bażi ta' tali deċiżjonijiet, u b'mod partikolari r-rapporti ta' spezzjoni u l-ittri ta' evalwazzjoni, madankollu bil-partijiet li huma suġġetti għall-protezzjoni tad-data favur terzi moħbija.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti ssostni, *inter alia*, li l-Kummissjoni kisret l-obbligu tagħha li tissorvelja permezz ta' miżuri xierqa l-attivitajiet ta' ECOCERT SA, bħala awtorità ta' superviżjoni rrikonoxxuta għal prodotti minn produzzjoni organika sabiex tiġi żgurata l-ekwivalenza fiċ-Ċina, u b'hekk tiġi żgurata konformità sodisfaċenti mal-kundizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ([2]).

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334, p. 25).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tal-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2029/91 (ĠU L 189, p. 1; rettifika fil-ĠU L 68, p. 61).

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Settembru 2018 – Local-e-motion vs EUIPO – Volkswagen (WE)

(Kawża T-568/18)

(2018/C 427/121)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Local-e-motion GmbH (Dorsten, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. Sprenger, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Volkswagen AG (Wolfsburg, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "WE" bil-kuluri iswed, aħmar u griż – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 225 675

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Lulju 2018 fil-Każ R 128/2018-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— temenda d-deċiżjoni kkontestata b'mod li l-oppożizzjoni tiġi miċħuda;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2018 – Agrochem-Maks vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-574/18)

(2018/C 427/122)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Agrochem-Maks d.o.o. (Zagreb, il-Kroazja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1019 ([1]);

— tikkundanna lill-konvenuta tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk imġarrba mir-rikorrenti fil-kuntest ta' din il-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu tal-amministrazzjoni li timmotiva d-deċiżjonijiet tagħha skont l-Artikolu 41 (2)(ċ) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 6(f) jew tal-punt 2.2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 ([2]) u tal-prinċipju ta' proporzjonalità, għal dak li jikkonċerna l-allegati lakuni fid-data dwar is-sustanza attiva li għaliha qed tintalab l-approavzzjoni.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' prekawzjoni għal dak li jikkonċerna l-allegati punti li ma setgħux jiġu ffinalizzati fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-riskji.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għal dak li jikkonċerna l-identifikazzjoni ta' riskju għoli għall-organiżmi akwatiċi.

([1]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1019 tat-18 ta' Lulju 2018 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva oksasulfuron, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU 2018, L 183, p. 14).

([2]) Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU 2009, L 309, p. 1).

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2018 – Shore Capital International vs EUIPO – Circle Imperium (The Inner Circle)

(Kawża T-575/18)

(2018/C 427/123)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Shore Capital International Ltd (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Spieker, A. Schönfleisch u N. Willich, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Circle Imperium BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:*il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-trade mark The Inner Circle – Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea Nru 1 266 666.

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Ġunju 2018 fil-Każ R 1402/2017-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn tiċħad l-appell tar-rikorrenti kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-konvenut tas-26 ta' April 2017, u għalhekk tilqa' l-applikazzjoni tal-proprjetarju tar-reġistrazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tat-trade mark internazzjonali "The Inner Circle" (Nru 1 266 666) fl-Unjoni Ewropea fil-klassi 41;

— tikkundanna lill-proprjetarju tar-reġistrazzjoni internazzjonali u lill-konvenut għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż neċessarji sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2018 – Boxer Barcelona vs EUIPO – X-Technology Swiss (XBOXER)

(Kawża T-582/18)

(2018/C 427/124)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Boxer Barcelona, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: A. Canela Giménez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell: X-Technology Swiss GmbH (Wollerau, l-Isvizzera)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea XBOXER – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 673 068

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Lulju 2018 fil-Każ R 2186/2017-5

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata.

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

— Insuffiċjenza ta' provi ta' użu prodotti mill-parti li topponi.

— Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni fir-rigward tax-xebh tas-sinjali kunfliġġenti.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2018 – Gesamtverband Verkehrsgewerbe Niedersachsen vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-583/18)

(2018/C 427/125)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Gesamtverband Verkehrsgewerbe Niedersachsen e.V. (Hannover, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Antweiler, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 4385 finali tat-12 ta' Lulju 2018 dwar l-ilment tar-rikorrenti tat-28 ta' Settembru 2016 li jikkonċerna għajnuna mill-Istat – SA.46538 (2017/NN).

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 4385 finali tat-12 ta' Lulju 2018 dwar l-ilment tar-rikorrenti li jikkonċerna għajnuna mill-Istat fir-rigward tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 7 (a) tan-Niedersächsisches Nahverkehrsgesetz (il-Liġi dwar it-Trasport Lokali tal-Land ta' Niedersächsen, il-Ġermanja, iktar 'il quddiem in-"NNVG") (Każ SA. 46538 [2017/NN]) (ĠU 2018, C 292, p. 1).

Ir-rikors huwa bbażat fuq il-motivi segwenti.

1. Nuqqas ta' notifika bħala għajnuna mill-Istat (ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE)

   Fil-kuntest tal-ewwel motiv ir-rikorrenti tallega li l-Artikolu 7(a) tan-NNVG jikkostitwixxi skema ta' għajnuna ġdida li, konformement mal-Artikolu 108(3) TFUE, kellha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

2. Nuqqas ta' notifika bħala regola ġenerali (ksur tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]))

Fil-kuntest tat-tieni motiv ir-rikorrenti tallega li l-Artikolu 7a tan-NNVG jikkostitwixxi skema awtonoma dwar il-kumpensi finanzjarji mogħtija għall-obbligi tas-servizz pubbliku li tistabbilixxi tariffi massimi għal tfal tal-iskola, studenti, apprendisti u persuni b'mobbiltà mnaqqsa u li, konformement mal-intenzjoni tal-Land ta' Niedersächsen, għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1370/2007. Dan għandu l-konsegwenza li l-Artikolu 7a tan-NNVG kellu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 3(3) tal-imsemmi regolament.

([1]) Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU 2007, L 315, p. 1)

Rikors ippreżentat fl-1 ta' Ottubru 2018 – Vins el Cep vs EUIPO – Rotkäppchen-Mumm Sektkellereien (MIM NATURA)

(Kawża T-589/18)

(2018/C 427/126)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Vins el Cep, SL (Sant Sadurní d'Anoia, Spanja) (rappreżentanti: J. Vázquez Salleras u G. Ferrer Gonzalvez, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Rotkäppchen-Mumm Sektkellereien GmbH (Eltville, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: Applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea MIM NATURA – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 322 761

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Lulju 2018 fil-Każ R 2270/2017-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tilqa' r-rikors kontra d-deċiżjoni kkontestata;

— tiddikjara d-deċiżjoni kkontestata nulla u bla effett;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Ottubru 2018 – Antonakopoulos vs Il-Parlament

(Kawża T-590/18)

(2018/C 427/127)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Leonidas Antonakopoulos (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni li tissospendih mill-funzjonijiet tiegħu;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba sa fejn l-amministrazzjoni ma semgħetux qabel ma adottat id-deċiżjoni, minkejja li smigħ kien ikun possibbli mingħajr ma jiġu ppreġudikati l-interessi la tal-investigazzjoni, u lanqas tas-servizz.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni sa fejn l-allegazzjoni ta' nuqqas serju li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata hija konċiża, vaga u la hija ġġustifikata, u lanqas sostnuta permezz ta' elementi preċiżi li juru l-eżistenza ta' suspetti suffiċjenti li jistgħu jwasslu għall-konklużjoni li r-rikorrent naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba li l-amministrazzjoni setgħet tadotta miżuri inqas severi filwaqt li tiżgura l-bżonnijiet tal-investigazzjoni.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tad-dmir ta' premura, minn naħa, sa fejn l-amministrazzjoni ma bbilanċjatx l-interessi tar-rikorrent ma' dawk tas-servizz, u b'mod partikolari l-fatt li r-rikorrent ħadem għal kważi 30 sena għall-Parlament, għandu relazzjonijiet eċċellenti mas-superjuri ġerarkiċi tiegħu u għandu rapporti ta' evalwazzjoni tajbin ħafna, u, min-naħa l-oħra, sa fejn din id-deċiżjoni li ġiet imxandra b'mod rapidu tippreġudika l-personalità tiegħu u r-reputazzjoni tiegħu.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Ottubru 2018 – ZD vs Il-Parlament

(Kawża T-591/18)

(2018/C 427/128)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: ZD (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni li permezz tagħha tiġi sospiża mill-funzjonijiet tagħha;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba inkwantu l-amministrazzjoni ma pproċedietx għas-smigħ tagħha qabel ma ngħatat id-deċiżjoni, meta kien ikun possibbli li jsir smigħ mingħajr preġudizzju għall-interess sew tal-investigazzjoni u kif ukoll tas-servizz.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni inkwantu l-allegazzjoni ta' żball gravi li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata hija lakonika, vaga u ma hija la ġġustifikata, u lanqas issostanzjata permezz ta' elementi preċiżi li joħorġu fid-dawl l-eżistenza ta' suspetti suffiċjenti li jkunu jistgħu jwasslu għall-konklużjoni li r-rikorrenti wettqet nuqqasijiet fl-obbligi tagħha taħt ir-Regolamenti tal-Persunal.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba l-fatt li l-amministrazzjoni setgħet adottat miżuri inqas severi filwaqt li tiżgura l-ħtiġijiet tal-investigazzjoni.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dmir ta' premura inkwantu, minn naħa, l-amministrazzjoni ma bbilanċjatx l-interessi tar-rikorrenti ma' dawk tas-servizz, u b'mod partikolari l-fatt li r-rikorrenti ilha ħmistax-il sena taħdem il-Parlament, għandha relazzjonijiet eċċellenti mas-superjuri ġerarkiċi tagħha u tagħti prova ta' rapporti ta' evalwazzjoni tajbin ħafna, u, min-naħa l-oħra, li din id-deċiżjoni li ġiet immedjatizzata malajr tippreġudika l-personalità u r-reputazzjoni tagħha.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2018 – Wywiał-Prząda vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-592/18)

(2018/C 427/129)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Katarzyna Wywiał-Prząda (Wezembeek-Oppem, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

Tiddikjara u tiddeċiedi,

— id-deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2017 li tiċħadilha l-allowance tal-espatrijazzjoni hija annullata;

— il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, imqajjem b'mod prinċipali, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, kif interpretat mis-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:367), minħabba li l-perijodu li matulu kienet residenti fil-Belġju matul il-perijodu ta' riferiment taħt status diplomatiku huwa ekwivalenti għal sitwazzjoni "li [tinħoloq] minn xogħol li sar fi Stat ieħor jew għal organizzazzjoni internazzjonali".

2. It-tieni motiv, imqajjem b'mod sussidjarju, fil-każ li dan il-perijodu ma jistax jiġi nnewtralizzat, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, għall-motiv li għandu jiġi kkunsidrat, fi kwalunkwe każ li, matul il-perijodu ta' riferiment, hija ma kellhiex ir-rieda li tagħti lill-preżenza tagħha fil-Belġju, marbuta b'mod inseparabbli mal-missjoni diplomatika ta' żewġha, in-natura stabbli inerenti għall-kunċett ta' residenza abitwali.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2018 – BS (*) vs Il-Parlament

(Kawża T-593/18)

(2018/C 427/130)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: BS (*) (rappreżentanti: M. Maes u J.-N. Louis, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

Tiddikjara u tiddeċiedi illi,

— l-avviż ta' modifika Nru 15 tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent, tal-10 ta' Awwissu 2017, huwa annullat;

— sa fejn hemm bżonn, id-deċiżjoni sabiex jinbeda l-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament li jammontaw għal EUR 1 589,16 għax-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru 2017, u għal EUR 4 815,16 kif jidher fir-rendikont tal-pensjoni ta' Diċembru 2017 hija annullata;

— il-Parlament huwa ikkundannat għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea peress li id-deċiżjonijiet kkontestati huma vvizjati bi żball manifest ta' evalwazzjoni.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba (Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea) billi l-konvenut ma mmotivax id-deċiżjoni tiegħu u ma rrispettax id-dritt għal smigħ u d-dritt ta'aċċess għall-fajl illi għandu r-rikorrent.

Rikors ippreżentat fl-1 ta' Ottubru 2018 – Hermann Albers vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-597/18)

(2018/C 427/131)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Hermann Albers e.K. (Neubörger, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Roling, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 4385 finali tat-12 ta' Lulju 2018;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

(*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz tar-rikors preżenti, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 4385 finali tat-12 ta' Lulju 2018, dwar l-ilment tiegħu ta' għajnuna mill-Istat fir-rigward tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 7a tan-Niedersächsisches Nahverkehrsgesetz (il-Liġi dwar it-Trasport Lokali ta' Niedersächsen, il-Ġermanja, iktar 'il quddiem in-"NNVG") (Każ SA. 46697 [2017/NN]) (ĠU 2018, C 292, p. 1).

Ir-rikorrent jinvoka motiv uniku, ibbażat fuq il-fatt li l-Artikolu 7a tan-NNVG jikkostitwixxi, kuntrarjament għall-fehma tal-Kummissjoni, għajnuna ġdida suġġetta għall-obbligu ta' notifika.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2018 – Grupo textil brownie vs EUIPO – The Guide Association (BROWNIE)

(Kawża T-598/18)

(2018/C 427/132)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Grupo textil brownie, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: D. Pellisé Urquiza u J. C. Quero Navarro, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: The Guide Association (Londra, ir-Renju Unit)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 016 844

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Lulju 2018 fil-Każ R 2680/2017-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ottubru 2018 – Aeris Invest vs BUR

(Kawża T-599/18)

(2018/C 427/133)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Aeris Invest Sàrl (il-Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: R. Vallina Hoset, P. Medina Sánchez, u A. Sellés Marco, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-14 ta' Settembru 2018; u

— tikkundanna lill-Bord Uniku tar-Riżoluzzjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, kontra d-deċiżjoni tal-Bord Uniku tar-Riżoluzzjoni (iktar 'il quddiem "BUR"), tal-14 ta' Settembru 2018, li ma jwettaqx l-evalwazzjoni definittiva ex-post fil-kuntest tad-Deċiżjoni SRB/EES/2017/08 tas-7 ta' Ġunju 2017, dwar strument ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-Banco Popular Español, S.A (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 20(11) tar-Regolament Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1). Dan il-motiv huwa maqsum fi tliet partijiet.

   — L-ewwel parti, hija bbażata fuq l-argument li d-deċiżjoni kkontestata tiddeċiedi dwar il-possibbiltà li jiġu rkuprati l-krediti jew li jiżdied il-valur tal-korrispettiv imħallas mingħajr ma titwettaq evalwazzjoni *ex post* finali.

   — It-tieni parti, hija bbażata fuq l-argument li l-BUR ma kienx ivverifika li l-informazzjoni li fuqha ssir l-evalwazzjoni hija riċenti u sħiħa kemm jista' jkun possibbli sabiex kull telf subit fuq l-attivi ta' entità jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ.

   — It-tielet parti, hija bbażata fuq il-ġurisprudenza Meroni safejn il-Kummissjoni kellha l-obbligu li tawtorizza d-deċiżjoni tal-BUR li ma jiżgurax li ssir evalwazzjoni *ex post* finali.

2. It-tieni motiv, huwa bbażat fuq użu ħażin ta' poter li jivvizzja d-deċiżjoni kkontestata u ġie ppruvat b'numru ta' indizji oġġettivi, rilevanti u konsistenti. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata tevita l-proċedura tal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 imsemmi iktar 'il fuq u li l-għan tal-BUR billi jadotta din id-deċiżjoni tal-aħħar kien li jostor is-sitwazzjoni reali tal-Banco Popular Español, S.A.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ottubru 2018 – Wewi Mobile vs EUIPO (Fi Network)

(Kawża T-601/18)

(2018/C 427/134)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Wewi Mobile, SL (Villena, Spanja) (rappreżentanti: J. C. Erdozain López, L. Montoya Terán u J. Galán López, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: Applikazzjoni għat-trade mark verbali Fi Network – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 026 601

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Lulju 2018 fil-Każ R 1462/2017-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata, ħlief f'dak li jirrigwarda l-għoti tat-trade mark għal "kalamiti, manjetizzaturi, dimanjerizzaturi".

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ottubru 2018 – Universität Koblenz-Landau vs EACEA

(Kawża T-606/18)

(2018/C 427/135)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Universität Koblenz-Landau (Mainz, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. von der Lühe u I. Felder, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara li t-talbiet, magħmula permezz ta' ittra tal-konvenuta tat-8 ta' Awwissu 2018 bir-referenza EACEA/A4/RR-am D(2018)011591, għall-irkupru tal-Grant Agreement 2012-3075/001-001 ta' ammont ta' EUR 22 454,22, ma humiex fondati;

— tikkundanna lill-konvenuta tħallas lir-rikorrenti is-somma ta' EUR 41 408,15 flimkien ma' interessi sa disa' punti perċentwali ogħla mir-rata bażika tal-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew sa mit-30 ta' Marzu 2018;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa bbażat fuq il-motivi li ġejjin:

1. Eebda rikonoxximent sħiħ tal-ispejjeż rimborsabbli minkejja l-produzzjoni ta' provi xierqa

2. Nuqqas ta' motivazzjoni jew motivazzjoni insufficjenti tar-rifjut ta' rikonoxximent tal-ispejjeż rimborsabbli.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta Settembru 2018 – Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-423/17) ([1])

(2018/C 427/136)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tat-Tmien Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 300, 11.9.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Settembru 2018 – Wall Street Systems UK vs BĊE

(Kawża T-579/17) ([1])

(2018/C 427/137)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tas-Seba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 347, 16.10.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2018 – Delfant-Hoylaerts vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-17/18) ([1])

(2018/C 427/138)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 104, 19.3.2018.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Settembru 2018 – HMV (Brands) vs EUIPO – Our Price Records (OUR PRICE)

(Kawża T-129/18) ([1])

(2018/C 427/139)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tad-Disa'Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 161, 7.5.2018

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Settembru 2018 – Enterprise Holdings vs EUIPO (E PLUS)

(Kawża T-339/18) ([1])

(2018/C 427/140)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 268, 30.7.2018.

RETTIFIKA

Rettifika għall-komunikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali fil-Kawża C-457/18

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 399 tal-5 ta' Novembru 2018)

(2018/C 427/141)

Fil-Komunikazzjoni fil-ĠU fil-Kawża C-457/18 Ir-Repubblika tas-Slovenja vs Ir-Repubblika tal-Kroazja t-test għandu jiġi ssostitwit bit-test li ġej:

"Rikors ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2018 — Ir-Repubblika tas-Slovenja vs Ir-Repubblika tal-Kroazja (Kawża C-457/18)

Lingwa tal-kawża: il-Kroat

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika tas-Slovenja (rappreżentant: M. Menard)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Kroazja

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li l-konvenuta kisret l-Artikolu 2 u l-Artikolu 4(3) TUE;

— l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, kif ukoll l-Anness I ta' dan ir-regolament, is-sistema tal-Unjoni Ewropea ta' kontroll, spezzjoni u implimentazzjoni tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd stabbiliti bir-Regolament Nru 1224/2009 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 404/2011;

— l-Artikoli 4 u 17, moqrija flimkien mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen); kif ukoll

— l-Artikolu 2(4) u l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-ippjanar tal-ispazju marittimu;

— tordna lill-konvenuta twaqqaf immedjatament il-ksur imsemmi; u

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin insostenn tar-rikors tagħha.

L-ewwel motiv:

Il-Kroazja, billi naqset unilateralment mill-impenn meħud matul il-proċess ta' adeżjoni fl-Unjoni Ewropea, li tosserva s-sentenza tal-arbitraġġ u, b'hekk, il-fruntiera ddeterminata fis-sentenza u l-obbligi l-oħra li jirriżultaw mill-imsemmija sentenza, tirrifjuta li tosserva l-Istat tad-dritt li huwa valur fundamentali tal-Unjoni Ewropea (Artikolu 2 TUE).

It-tieni motiv:

Il-Kroazja, billi rrifjutat li tikkonforma ruħha mal-obbligi tagħha skont is-sentenza tal-arbitraġġ, hija tipprekludi fl-istess ħin lis-Slovenja milli teżerċita kompletament is-sovranità tagħha fuq ċerti partijiet tat-territorju tiegħu fis-sens tat-Trattati u naqset mill-obbligu ta' kooperazzjoni leali mal-Unjoni Ewropea u mas-Slovenja, fis-sens tal-Artikolu 4(3) TUE. L-aġir tal-Kroazja jipperikola l-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari t-tisħiħ tal-paċi u l-għaqda dejjem eqreb bejn il-popli, u l-għan tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni relatati mat-territorju tal-Istati Membri (l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE). Il-Kroazja tipprekludi wkoll lis-Slovenja milli timplimenta d-dritt tal-Unjoni fuq it-territorju tal-art u marittimu kollu tagħha u milli taġixxi fl-osservanza ta' dan id-dritt, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju dwar it-territorju tal-Istati Membri (l-ewwel subparagarafu tal-Artikolu 4(3) TUE).

It-tielet motiv:

Il-Kroazja tikser ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni tal-aċċess reċiproku konformement mal-Artikolu 5 u l-Anness I. Il-leġiżlazzjoni li tapplika għall-Kroazja u għas-Slovenja mit-30 ta' Diċembru 2017, tagħti lil 25 dgħajsa tas-sajd ta' kull wieħed mill-Istati aċċess liberu għall-ibħra territorjali tal-Istat l-ieħor, kif iddelimitati skont id-dritt internazzjonali, jiġifieri mis-sentenza ta' arbitraġġ. Il-Kroazja tipprekludi lis-Slovenja milli teżerċita d-drittijiet tagħha fil-kuntest ta' din il-leġiżlazzjoni u b'hekk kisret l-Artikolu 5 tar-Regolament, peress li (i) tirrifjuta li tapplika l-leġiżlazzjoni dwar l-aċċess reċiproku, (ii) tirrifjuta li tirrikonoxxi l-validità tal-leġiżlazzjoni adottata għal dan il-għan mis-Slovenja u (iii) billi timponi multi b'mod sistematiku, hija tipprekludi lis-sajjieda Sloveni milli jkollhom aċċess liberu għall-ibħra territorjali allokati lis-Slovenja bis-sentenza ta' arbitraġġ tal-2017 u, *a fortiori*, għall-ibħra territorjali Kroati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-aċċess reċiproku.

Ir-raba' motiv:

Il-Kroazja tikser ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011. Mingħajr il-ftehim tas-Slovenja, dgħajjes tal-pulizija Kroati jakkumpanjaw sajjieda Kroati li jistadu fl-ibħra Sloveni, u b'hekk jimpedixxu lill-ispetturi tas-sajd Sloveni milli jeżerċitaw kontroll. Fl-istess ħin, l-awtoritajiet Kroati jimponu multi għal qsim illegali tal-fruntiera u sajd illegali fuq is-sajjieda Sloveni li jistadu fl-ibħra Sloveni li l-Kroazja qed tgħid li huma tagħha. Barra minn hekk, il-Kroazja ma tikkomunika lis-Slovenja ebda informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' dgħajjes Kroati fl-ibħra Sloveni, kif jirrikjedu ż-żewġ regolamenti msemmija iktar 'il fuq. Billi tagħmel dan, il-Kroazja timpedixxi lis-Slovenja milli teżerċita kontroll fuq l-ibħra li jaqgħu fis-sovranità u l-ġurisdizzjoni tagħha u ma tirrispettax il-kompetenzi esklużivi tas-Slovenja dwar l-ibħra territorjali tagħha bħala Stat kostali, u b'hekk, hija tikser ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolament (UE) Nru°404/2011.

Il-ħames motiv:

Il-Kroazja kisret u għadha tikser ir-Regolament (UE) Nru 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen). Il-Kroazja ma tirrikonoxxix il-fruntiera stabbilita mis-sentenza tal-arbitraġġ bħala fruntiera komuni mas-Slovenja, ma tikkooperax mas-Slovenja sabiex tissorvelja din il-'fruntiera esterna' u ma tistax tiżgura sorveljanza sodisfaċenti, u b'hekk tikser l-Artikoli 13 u 17 tar-Regolament, kif ukoll l-Artikolu 4, li jirrikjedi li l-fruntiera tkun iddeterminata skont id-dritt internazzjonali.

Is-sitt motiv:

Il-Kroazja kisret u għadha tikser id-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-ippjanar tal-ispazju marittimu li tapplika għall-'ilmijiet tal-ibħra [ibħra territorjali]' tal-Istati Membri, kif iddeterminati konformement mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) (Artikolu 2(4) tad-Direttiva). Il-Kroazja irrifjutat is-sentenza tal-arbitraġġ li ddeċidiet tali delimitazzjoni u, għall-kuntrarju, tinkludi l-ibħra territorjali Sloveni fl-ippjanar tagħha tal-ispazju marittimu u, konsegwentement, timpedixxi adattament għall-mapep tas-Slovenja u, b'hekk, tikser id-direttiva, b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 11 ta' din tal-aħħar."

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
L-2985 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT